MALTA FA
1900



Malta Football Association

Rapport Amministrattiv 2021-2022

# RAPPORT AMMINISTRATTIV
2021 - 2022



## WERREJ


Daħla . . . 2-3
Il-Laqgħa Ġenerali Annwali 2021 . . . 4-5
Enfasi fuq governanza tajba u reviżjoni tal-ogħla strutturi . . . 6
Isiru żewġ Assemblej Ġenerali . . . 7
Il-funzjonijiet tal-bordijiet u l-kumitati. . . . 8-9
Il-President tal-UEFA Ceferin jagħmel l-ewwel żjara f'Malta . . . 10-13
Hibernians jiċċelebraw ir-rebħ tat-13-il kampjonat . . . 14-19
Parteċipazzjoni akbar, l-iżvilupp tat-talent u inizjattivi soċjali. . . . 20-23
It-tim nazzjonali jkompli juri titjib u konsistenza fil-wirjiet tiegħu . . . 24-29
Ħidma dettaljata tindirizza kull aspett relatat mal-prestazzjoni tal-plejer . . . 30-32
Il-klinika tat-timijiet nazzjonali tipprovdi aktar minn 1,300 sessjoni ta' trattament mediku . . . 33
Iktar korsijiet u inizjattivi mmirati għall-coaches . . . 34-37
Dipartiment ġdid dedikat għall-match scouting . . . 38-39
Jikber ir-rwol tad-Dipartiment tal-Match Analysis . . . 40-41
Tkompli tingħata spinta lill-futbol tan-nisa f'kull livell . . . 42-48
L-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-Malta FA. . . . 49-52
Pjan strateġiku biex tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-match-fixing. . . . 53
Uffiċjali Maltin jilħqu tragwardi ġodda fi staġun impenjattiv u pożittiv . . . 54-59
Jibdew ix-xogħlijiet fuq il-proġett taċ-Ċentru Nazzjonali tal-Futbol f'Ta' Qali . . . 60-62
Tindif, manutenzjoni u sigurtà fil-faċilitajiet tal-Assoċjazzjoni . . . 63
Impenn kontinwu biex jiżdied l-għarfien tax-xogħol imwettaq mill-Malta FA . . . 64-67
Identità viżiva ġdida, kits tat-timijiet nazzjonali u tisħiħ tal-isponsorships fuq nett tal-aġenda . . . 68-71
Id-Dipartiment tal-FSR iwessa' d-diversità tal-proġetti soċjali . . . 72-75
Iktar opportunitajiet ta' żvilupp għall-impjegati tal-Assoċjazzjoni. . . . 76-77
Implimentazzjoni diġitali tal-proċessi interni . . . 78-79
Enfasi fuq l-impenji tat-tim nazzjonali u l-iżvilupp taż-żgħażagħ . . . 80-83
Messaġġ tal-President . . . 84-85
Annessi . . . 86-104


Ritratti: Domenic Aquilina, Joe Borg, Stephen Gatt u Mark Zammit Cordina.

Din hija pubblikazzjoni tal-Malta Football Association.
Dan il-ktieb jew partijiet minnu ma jistgħux jerġgħu jiġu ppubblikati jekk mhux bil-permess bil-miktub tal-Malta Football Association.

# Daħla



Merħba f'dawn il-ftit paġni li nittama li jirriflettu tajjeb il-ħidma tal-Assoċjazzjoni fl-aħħar sena, partikolarment dak li forsi jsir minn wara l-kwinti jew li ma jiġbidx daqshekk attenzjoni.

Ilkoll nafu li l-Assoċjazzoni operat għal sentejn sħaħ fl-isfond tal-pandemija. Wara l-isforzi kbar biex nibqgħu għaddejjin waqtha, illum ninsabu fi stadju fejn qegħdin inġarrbu l-effett aktar dejjiemi ta' dan il-perjodu straordinarju. Dan jgħodd l-aktar għall-impatt finanzjarju negattiv minħabba l-ispejjeż addizzjonali li kien hemm f'perjodu fejn id-dħul naqas.

Iżda dan ma jfissirx li - minbarra l-operat ordinarju, l-organizzazzjoni tal-kompetizzjonijiet, l-impenji tat-timijiet nazzjonali, u l-amministrazzjoni li tiggarantixxi l-kontinwità – ma kienx hemm xorta waħda sforzi biex isiru passi 'l quddiem f'aspetti differenti ta' ħidmietna.

Nirrikonoxxi li fl-aħħar sentejn kellna tibdil mhux żgħir speċjalment fil-qafas regolatorju tagħna. Proprju fil-Laqgħa Ġenerali Straordinarja ta' Lulju ta' sena ilu nedejna riforma sħiħa fl-istatut tal-Assoċjazzjoni li permezz tagħha nbidlu wkoll l-organi li jieħdu d-deċiżjonijiet u ġew stabbiliti salvagwardji ġodda li jwasslu għal governanza aħjar. Nifhem li mhux faċli għall-membri u l-istakeholders kollha li jżommu ruħhom aġġornati u familjari mal-proċessi involuti. Kienet sena ta' tranżizzjoni anki għall-amministrazzjoni nnifisha. Iżda fiduċjuż li dawn l-isforzi kollha jkunu ppremjati mhux bilfors fl-immedjat, imma aktar fit-tul.

Internament, ukoll kontinwament nippruvaw li niġġeddu u nittestjaw lilna nfusna biex intejbu l-mod kif nagħmlu l-affarijiet. Grazzi għall-propensità li nużaw għodod ġodda, dan l-aħħar tejjibna l-kontrolli interni fuq

id-deċiżjonijiet kollha li għandhom impatt finanzjarju. Permezz tagħhom ikollna stampa aktar reali tat-tranżazzjonijiet kollha li jkunu għaddejjin, li m'humiex ftit: vjaġġar, manutenzjoni kontinwa, servizzi, u ħafna oħrajn. Fl-istess waqt ikollna rappurtaġġ u informazzjoni utli li jgħinuna nieħdu d-deċiżjonijiet anki dawk ta' kuljum.

Matul is-sena jkun hemm diversi ċirkostanzi differenti li jkollna naffaċċjaw u x'aktarx ikun hemm mumenti fejn id-deċiżjonijiet li jittieħdu ma jkunux l-aktar popolari. Iżda llum il-ġurnata hemm ħafna deċiżjonijiet li jittieħdu minn organi li huma indipendenti, kemm mill-amministrazzjoni u kemm mill-klabbs. Fl-istess waqt, fejn hu lok id-diskussjoni ssir aktar viċin il-partijiet interessati fiha. Dan jgħodd għal fora bħad-djalogu soċjali bejn klabbs u plejers kif ukoll għall-groupings rispettivi li jħaddnu fihom klabbs tal-istess diviżjoni jew l-assoċjazzjonijiet membri.

Dejjem emmint li l-progress isir f'bosta passi żgħar li forsi ma jidhrux fl-immedjat iżda jinħassu maż-żmien. Il-progress jirrikjedi wkoll li l-ħoloq kollha tal-katina jiffunzjonaw u jikkumplimentaw lil xulxin. Fuq kollox, l-għarfien li din il-ħidma ssegwi perkors, li fil-każ tagħna jinsab fl-istrateġija maqbula li tiggwidana fl-għażla tal-prijoritajiet li naħdmu fuqhom.

Il-futbol huwa katina magħmula minn ħafna ħoloq li f'ħafna okkażjonijiet mhux bilfors ikollhom l-istess interess, anki għaliex essenzjalment il-membri tagħna jikkompetu bejniethom. Imma hija verità li t-titjib kollettiv jirrikjedi l-kontribut ta' kulħadd.

Huwa dan il-messaġġ tiegħi lilek li qiegħed tqalleb dan ir-rapport. Messaġġ ta' apprezzament għall-kontribut tiegħek lejn il-futbol – hu x'inhu, anki jekk sempliċiment segwaċi – u appell biex inpoġġu dejjem quddiem l-interess kollettiv. L-apprezzament kbir tiegħi imur ukoll għall-kollegi fi ħdan l-Assoċjazzjoni li grazzi għall-isforzi tagħhom nimplimentaw dak kollu li jirrikjedi l-futbol fl-aspetti kollha tiegħu: dawk kompetittivi, loġistiċi, finanzjarji, amministrattivi u oħrajn.

Nittama li dan ir-rapport jagħti ħjiel denju ta' din il-ħidma ta' tant nies li jħobbu l-logħba.

**Dr Angelo Chetcuti**
Segretarju Ġenerali

# Laqgħa Ġenerali Annwali 2021

## Eletti l-membri tal-Bord Eżekuttiv u erba' assoċjazzjonijiet approvati bħala membri sħaħ tal-Malta FA

**L-istaġun amministrattiv 2021-2022 tal-Assoċjazzjoni beda uffiċjalment bil-Laqgħa Ġenerali Annwali li saret l-Erbgħa, 21 ta' Lulju, 2021, fl-Oracle Hall fid-Dolmen Hotel, il-Qawra b'attendenza numeruża mid-delegati u rappreżentanti tal-Klabbs Membri u l-Assoċjazzjonijiet Membri.**

Fil-bidu tal-Laqgħa Ġenerali, inżammet minuta silenzju b'rispett lejn il-memorja tal-persuni li kienu involuti fil-logħba tal-futbol f'Malta u li kienu ħallew din id-dinja matul l-aħħar staġun.

Peress li ma kienx hemm l-elezzjoni tal-uffiċjali tal-Assoċjazzjoni, l-interess prinċipali kienet il-ħatra tal-Kumitat Eżekuttiv għall-istaġun 2021-22 li ġie ffurmat hekk:

F'isem il-klabbs tal-Premier Division: Victor Cassar (Ħamrun Spartans) u Jesmond Abela (Hibernians).

F'isem il-klabbs taċ-Challenge League: Joseph Sammut (Pietà Hotspurs) u Stefan Vella (Fgura United).

F'isem il-klabbs tan-National Amateur League: Robert J. Camilleri (Siġġiewi), Patrick Cutajar (Mellieħa SC), Chris Grech (Għargħur) u Dr Cory Greenland (Marsaskala).

Francis Muscat (Inter Amateur Soccer Competition) u David Abdilla (Malta Amateur Football Association) inħatru biex jirrappreżentaw lill-Assoċjazzjonijiet Membri.



Dr Angelo Chetcuti, is-Segretarju Ġenerali tal-Malta FA, jindirizza l-Laqgħa Ġenerali Annwali.



**Il-GIDA, SWAN, Veterans Malta u l-MFPA ġew approvati bħala membri sħaħ tal-Malta FA waqt il-Laqgħa Ġeneral Annwali tal-2021.**

Dr Samuel Azzopardi ġie nominat f'isem il-Gozo Football Association u Stephanie Rocco f'isem il-Youth Football Association.

Kienu ta' interess ukoll id-diskors u l-preżentazzjoni dwar ir-Rapport Amministrattiv għas-sena 2020-2021 minn Dr Angelo Chetcuti, is-Segretarju Ġenerali tal-Assoċjazzjoni, u l-analiżi tar-rapport finanzjarju għas-sena 2020-2021 permezz ta' preżentazzjoni viżiva mit-Teżorier, Ivan Mizzi.

Intwera filmat b'ħafna emozzjonijiet fejn ġew elenkati b'mod viżiv l-attivitajiet u l-inizjattivi kollha li saru matul l-istaġun b'mod kronoloġiku li kien wieħed differenti mis-soltu minħabba l-waqfien mill-attivitajiet matul l-aħħar xhur kawża tal-pandemija tal-COVID-19. Intwera video ieħor dwar il-laqgħat tal-Kumitat Eżekuttiv u tal-Kunsill li wħud minnhom saru online permezz tal-video conferencing.

Ma ġew preżentati l-ebda emendi għall-istatut in vista tar-riforma tal-istatut tal-Assoċjazzjoni li kienet indirizzata waqt Laqgħa Ġenerali Straordinarja li saret nhar it-Tnejn 26 ta' Lulju, 2021.

Tressqu żewġ mozzjonijiet waqt il-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-2021. L-ewwel waħda (Motion on the composition of the National League following the premature termination of Season 2020-21) marbuta mal-kompożizzjoni tal-Kampjonati Nazzjonali wara t-tmiem prematur tal-istaġun kompetittiv 2020-21. L-oħra (Motion on the request for Membership by the MFPA, GIDA, SWAN and Veterans Malta) li tikkonċerna l-ammissjoni tal-GIDA, SWAN, Veterans Malta u l-MFPA bħala membri sħaħ tal-Malta FA.

Fid-diskors tal-għeluq, il-President tal-Malta Football Association Bjorn Vassallo qal li sena ilu konna qegħdin nittamaw li l-pandemija kienet ser tkun kwistjoni ta' ftit xhur u li ma kinitx ser ittawwal wisq. Sena wara, id-dinja kienet għadha qed tgħix emerġenza medika u kriżi ta' saħħa u umanitarja li biddlet id-dinja.

Il-President tenna li r-relazzjonijiet mal-FIFA u l-UEFA huma b'saħħithom ferm biż-żjarat f'Malta tal-Presidenti rispettivi Gianni Infantino u Aleksander Ceferin fejn il-Malta FA qed tgawdi rispett kbir fil-livell internazzjonali.

Hekk kif intemmet is-seduta saret il-preżentazzjoni tal-unuri individwali fosthom il-plejers tas-sena fil-kategoriji differenti għall-istaġun 2020-21. ■

# Enfasi fuq governanza tajba u reviżjoni tal-ogħla strutturi

**Fis-26 ta' Lulju, 2021, l-Assoċjazzjoni sejħet Laqgħa Ġenerali Straordinarja biex tapprova statut riformat, liema statut ġie approvat u daħal fis-seħħ b'effett immedjat.**

L-approvazzjoni tar-riformi proposti tista' tiġi deskritta bħala mument importanti għall-Assoċjazzjoni fl-impenn tagħha għal governanza aħjar. Dan wara proċess wiesa' ta' konsultazzjoni li laħaq il-qofol tiegħu bl-approvazzjoni ta' emendi importanti fl-istatut.

Governanza tajba bbażata fuq proċeduri rigorużi ta' etika u integrità, reviżjoni tal-istrutturi tat-teħid ta' deċiżjonijiet, strutturi ġodda u s-separazzjoni tas-setgħat huma l-punti fokali tal-emendi tal-istatut skont l-istrateġija tal-Assoċjazzjoni.

L-emendi tal-istatut huma parti minn sett ta' riformi li jinkludu oqsma ewlenin oħra, bħal liċenzjar tal-klabbs u r-ristrutturar korporattiv. Dan il-proċess, immexxi mill-Viċi President tal-Assoċjazzjoni Dr Matthew Paris, huwa mmirat ukoll biex itejjeb it-trasparenza u l-kontabilità fis-setturi kollha tal-futbol Malti.




## EMENDI EWLENIN

L-emendi approvati unanimament fil-Laqgħa Ġenerali Straordinarja jinkludu:

- Limiti ta' mandat għall-president u l-viċi presidenti tal-Assoċjazzjoni, b'limitu massimu ta' tliet mandati ta' erba' snin.
- Tisħiħ tar-responsabbiltà u t-trasparenza bl-introduzzjoni ta' kodiċi ta' etika għall-uffiċjali eletti tal-Assoċjazzjoni. Barra minn hekk, l-uffiċjali eletti għandhom jgħaddu minn verifika bir-reqqa tal-eliġibilità u eżerċizzju ta' diliġenza.
- F'dik li tista' titqies bħala deċiżjoni importanti fl-istorja tal-Assoċjazzjoni, il-Bureau, il-Kunsill u l-Kumitat Eżekuttiv ġew aboliti u sostitwiti minn Bord Eżekuttiv magħmul minn 24 membru elett biex tiġi żgurata rappreżentanza aktar ġusta. Il-korpi uffiċjali li jirrappreżentaw lill-coaches, plejers, futbol tan-nisa, futbol Għawdxi, futsal u beach soccer, u futbol taż-żgħażagħ jiffurmaw parti mill-Bord Eżekuttiv.
- Il-Laqgħa Ġenerali Annwali għamlet post għal tliet assemblej ġenerali kull sena, inkarigati bi rwoli differenti u suġġetti speċifiċi. Barra minn hekk, kwistjonijiet ta' forza maġġuri għandhom jiġu deċiżi u determinati mill-Assemblea Ġenerali u jistgħu jiġu appellati quddiem il-Qorti tal-Arbitraġġ għall-Isport (CAS).
- Rikonoxximent lis-South End Core, il-grupp li jirrappreżenta lill-partitarji tal-futbol Malti, li ngħataw status ta' osservaturi għall-assemblej ġenerali kollha.
- L-Assoċjazzjoni qed issaħħaħ l-impenn tagħha biex tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa fl-istrutturi kollha tagħha, inklużi l-ogħla korpi maniġerjali. ■

# Isiru żewġ Assemblej Ġenerali

**Għall-ewwel darba, u wara l-approvazzjoni tal-istatut il-ġdid tal-Assoċjazzjoni fis-sajf tal-2021, il-Malta FA organizzat Assemblea Ġenerali fix-xahar ta' Novembru bil-għan li tippreżenta x-xogħol amministrattiv li sar matul l-aħħar xhur.**

Mill-istaġun tal-futbol 2021-22 bl-istrutturi l-ġodda fis-seħħ, il-Malta FA se torganizza tliet Assemblej Ġenerali matul is-sena, fix-xhur ta' Marzu-April, Lulju u Novembru.

Il-punt ewlieni fuq l-aġenda tal-Assemblea Ġenerali li saret f'Novembru kien ir-rappurtaġġ dwar l-objettivi strateġiċi ppreżentati fi Frar tal-2021 u li kienu qed jinħadmu b'kollaborazzjoni mal-programm tal-UEFA Grow. Dr Angelo Chetcuti, is-Segretarju Ġenerali tal-Malta FA, ġabar fil-qosor l-attivitajiet tal-Assoċjazzjoni b'introduzzjoni qasira qabel ma ngħaqdu fil-laqgħa membri oħra tal-amministrazzjoni, fejn dawn irrapportaw lid-delegati preżenti l-progress u l-aġġornamenti dwar ix-xogħlijiet varji li qed jiġu segwiti.

Indirizzaw l-Assemblea Ġenerali Dr Dawn Aquilina, Strategy Officer tal-Assoċjazzjoni, Emanuel Cassar, id-Direttur tad-Dipartiment tal-Proġetti Infrastrutturali, Chief Officer Kurt Formosa, li jikkordina ċ-Ċentru Tekniku u l-Fondazzjoni Inħobb il-Futbol, u Dr Peter Fenech, President ta' Lija Athletic li huwa ċ-Chairman tal-Kumitat għar-Riforma tal-Liċenzjar.

## APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT FINANZJARJU GĦAS-SENA 2021

L-Assemblea Ġenerali li nżammet f'April ta' din is-sena kellha bħala tema ewlenija r-rapport finanzjarju tal-Assoċjazzjoni. Dan l-eżerċizzju ta' rappurtaġġ kopra disa' xhur, bejn April u Diċembru 2021, hekk kif l-Assoċjazzjoni bidlet is-sena finanzjarja tagħha biex tallinja mas-sena kalendarja.



**Ivan Mizzi, it-Teżorier tal-Malta FA, jippreżenta r-rapport finanzjarju waqt l-Assemblea Ġenerali li saret f'April.**

Id-dikjarazzjonijiet finanzjarji ġew ippreżentati mit-Teżorier Ivan Mizzi.

Il-finanzi tal-Assoċjazzjoni juru dħul operattiv totali fuq disa' xhur ta' €6.2 miljuni filwaqt li n-nefqa totali kienet ta' €7.8m. Il-finanzi tal-Assoċjazzjoni għalhekk raw deficit ta' €2.2m matul il-perjodu kopert, prinċipalment attribwibbli għall-impatt qawwi tal-pandemija tal-COVID-19 li wassal biex it-tieni staġun konsekuttiv jitwaqqaf. Barra minn hekk, l-Assoċjazzjoni kellha spejjeż ogħla b'mod sinifikanti relatati mal-organizzazzjoni tal-partiti f'kull livell u l-ivvjaġġar internazzjonali biex iżżomm mal-protokolli tas-saħħa pubblika.

Kif ħabbar il-President Bjorn Vassallo waqt il-laqgħa, l-Assoċjazzjoni mbarkat fuq pjan ta' rkupru biex tindirizza l-istabbiltà finanzjarja tagħha permezz ta' interventi mmirati. Dan beda b'reviżjoni tal-baġit għall-2022 f'ħidma biex jitnaqqsu l-ispejjeż. B'hekk, l-Assoċjazzjoni tkun tista' tiddependi fuq fondi tal-FIFA u tal-UEFA li jibqgħu essenzjali għas-sostenibbiltà tagħha, mingħajr ma tnaqqas il-flejjes allokati għall-proġetti tekniċi u ta' żvilupp, u fuq għajnuna bbażata fuq inċentivi lill-klabbs u assoċjazzjonijiet membri tagħha. ■

# Il-funzjonijiet tal-bordijiet u l-kumitati

**Wara li l-Bureau, il-Kunsill u l-Kumitat Eżekuttiv ġew aboliti fil-Laqgħa Ġenerali Straordinarja li saret fid-Dolmen Hotel nhar it-Tnejn, 26 ta' Lulju, 2021 u li matulha ġie approvat l-istatut il-ġdid tal-Malta Football Association, il-Bord Eżekuttiv b'24 membru sar l-ogħla organu fi ħdan l-Assoċjazzjoni wara l-Assemblea Ġenerali.**

Il-Bord Eżekuttiv iltaqa' 14-il darba, b'uħud mil-laqgħat isiru fis-Sala tac-Ċentinarju u oħrajn anke online, fejn ġew diskussi u ttieħdu diversi deċiżjonijiet importanti matul l-istaġun 2021-22 fosthom materji operattivi, materji regolatorji, kwistjonijiet relatati mal-COVID-19, skemi ta' inċentivi, il-proċess ta' rebranding, ir-riforma tal-liċenzji, u l-proġett taċ-Ċentru Nazzjonali tal-Futbol. Ġew approvati wkoll għadd ta' emendi fil-Handbook tal-Malta FA fosthom ir-regolamenti dwar il-kompetizzjonijiet għall-istaġun 2021-22.

Il-funzjonarji, il-kumitati, il-bordijiet u l-kummissjonijiet imwaqqfa skont l-istatut tal-Assoċjazzjoni baqgħu jiltaqgħu regolarment matul l-istaġun fejn ittieħdu diversi deċiżjonijiet f'sitwazzjonijiet differenti kif jinqalgħu matul il-kompetizzjonijiet domestiċi organizzati mill-Assoċjazzjoni kif ukoll dawk dixxiplinarji mill-Assoċjazzjonijiet Membri.

Il-Kummissarju tad-Dixxiplina żamm 78 seduta li fihom ingħataw madwar 11,000 sanzjoni.

Il-Bord tal-Kontroll u Dixxiplina ltaqa' 11-il darba fejn instemgħu 'l fuq minn 180 akkuża lill-klabbs jew individwi fosthom dwar każi konnessi ma' ħsarat u mġieba mill-partitarji, u walk-overs fil-kompetizzjonijiet kollha matul-istaġun 2021-22.

Fost it-tribunali ġudizzjarji l-oħra l-aktar impenjat kien il-Bord tal-Appell li ltaqa' mhux anqas minn 18-il darba u sema' xejn anqas minn 49 każ. Il-Complaints Board żamm tmien seduti fejn tratta 48 ilment filwaqt li l-Bord tal-Protesti żamm 15-il seduta fejn tratta 18-il każ.



**Il-President tal-Malta FA Bjorn Vassallo jindirizza l-Assemblea Ġenerali li saret f'Novembru.**




**Il-Bord Eżekuttiv tal-Malta Football Association għall-istaġun 2021-22.**

Saru diversi laqgħat ukoll tal-Member Clubs Licensing Board, ir-Referees Committee, il-Coaches Licensing Committee, il-Youth & Grassroots Committee, il-Committee for Women's Football, il-Medical Committee, is-Social Dialogue Committee u l-Ethics & Integrity Committee.

| Complaints Board | 2021-22 | 2020-21 |
|---|---|---|
| Seduti | 8 | 8 |
| Każi | 45 | 44 |

| Liċenzji UEFA | 2021-22 | 2020-21 |
|---|---|---|
| Applikazzjonijiet | 11 | 12 |
| Approvati | 8 | 8 |
| Rifjutati | - | - |
| Irtirati | 3 | 4 |
| SGS Audit | Approvat | Approvat |

| Liċenzji Domestiċi | 2021-22 | 2020-21 |
|---|---|---|
| Professjonali | 5 | 11 |
| Semi-Professjonali | 27 | 36 |
| Amateur | 13 | 14 |

| Nursery | 2021-22 | 2020-21 |
|---|---|---|
| A | 18 | 23 |
| B | 11 | 11 |
| C | 9 | 8 |
| Mingħajr liċenzja | 3 | 0 |
| Ma applikawx | 12 | 11 |

| Coaches | 2021-22 | 2020-21 |
|---|---|---|
| UEFA Pro | 45 | 30 |
| UEFA A | 100 | 81 |
| UEFA Elite | 21 | 39 |
| UEFA B | 156 | 153 |
| MFA A | 3 | 11 |
| MFA B | 5 | 4 |
| UEFA C | | 230 |
| YCL | 7 | 4 |
| CYF | 161 | 162 |
| Fitness Coach (level 2) | 12 | 76 |
| Youth Football Fitness (level 1) | 44 | - |
| Goalkeepers | 58 | 61 |
| Match Analyst | 7 | - |



# Il-President tal-UEFA Ceferin jagħmel l-ewwel żjara f'Malta

## Jintensifikaw it-tħejjijiet għall-Kampjonat Ewropew U-19 2023 li se jsir f'pajjiżna

**Il-President tal-UEFA Aleksander Ceferin għamel l-ewwel żjara uffiċjali tiegħu f'Malta mill-elezzjoni tiegħu bħala President tal-UEFA fl-1 ta' Settembru, 2021. Ceferin, li żar Malta fuq stedina tal-President tal-Malta FA Bjorn Vassallo, kellu laqgħa mal-Prim Ministru Dr Robert Abela, u l-Ministru għall-Edukazzjoni u Isport, Dr Clifton Grima, fil-Berġa ta' Kastilja.**

Il-proġetti tal-Assoċjazzjoni biex tingħata spinta lil-livell tekniku tal-futbol Malti, iżidu l-parteċipazzjoni fil-futbol f'kull livell u l-investiment kostanti fil-kostruzzjoni ta' faċilitajiet ġodda u r-rinnovazzjoni ta' dawk eżistenti, kienu fuq l-aġenda waqt iż-żjara li l-President tal-UEFA għamel fil-kumpless tal-Malta FA f'Ta' Qali. Matul din iż-żjara, Ceferin kellu taħdidiet ma' Vassallo u l-ogħla uffiċjali tal-Assoċjazzjoni.

Id-diskussjoni mal-Prim Ministru ffukat fuq l-isforzi konġunti tal-Gvern Malti u l-Malta FA biex tittejjeb l-infrastruttura tal-futbol lokali, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell tal-klabbs, it-tħejjijiet għall-Kampjonat tal-UEFA Under-19 fl-2023, li se jsir f'Malta, u aktar opportunitajiet biex Malta torganizza avvenimenti oħra importanti tal-UEFA fil-futur qrib.

Il-pitches il-ġodda fit-Training Grounds tal-Malta FA, li tlestew bi spiża stmata ta' aktar minn €2 miljuni, se jkunu kkumplimentati bil-kostruzzjoni

ta' Ċentru Nazzjonali tal-Futbol, li jinkorpora stadium tal-Kategorija 1 tal-UEFA. Dan il-proġett qed jiġi kofinanzjat mill-Assoċjazzjoni u l-Gvern ta' Malta.

Waqt li tkellem mal-media wara l-inawgurazzjoni tal-pitches tat-taħriġ, Ceferin wera apprezzament għall-impenn kontinwu tal-Malta FA biex ittejjeb l-infrastruttura tal-futbol, waqt li enfasizza l-importanza tal-investiment f'dan l-isport li joffri benefiċċji varji, inkluż il-promozzjoni tal-ħbiberija u l-edukazzjoni fost it-tfal.

L-importanza tal-promozzjoni tal-futbol fl-iskejjel kienet diskussa wkoll waqt il-laqgħa mal-Prim Ministru fid-dawl tal-programm fl-iskejjel primarji bl-isem ta' Fun Fit Football, proġett li qed jitwettaq mill-Fondazzjoni Inħobb il-Futbol b'kollaborazzjoni mal-Ministeru tal-Edukazzjoni u l-Isport.

Min-naħa tiegħu, Vassallo tenna l-impenn tal-Assoċjazzjoni lejn l-implimentazzjoni tal-inizjattivi ewlenin inklużi fl-istrateġija mnedija s-sena li għaddiet. Huwa esprima l-gratitudni tal-Assoċjazzjoni lejn il-UEFA għall-appoġġ tagħha, speċjalment permezz tal-programm UEFA HatTrick, li huwa essenzjali għall-Malta FA mhux biss biex issostni lilha nnifisha iżda biex twettaq proġetti importanti għal aktar żvilupp tal-futbol Malti.

Matul iż-żjara tiegħu f'Ta' Qali, il-President tal-UEFA ltaqa' mal-membri tal-iskwadra ta' Malta ta' taħt is-16-il sena u dawk tal-akkademja tal-bniet tal-Assoċjazzjoni li kienu qed jitħarrġu fit-Training Grounds. Aktar tard filgħaxija, Ceferin segwa l-partita tar-round ta' kwalifikazzjoni għat-Tazza tad-Dinja bejn Malta u Ċipru fejn ħriġna rebbieħa bl-iskor ta' 3-0.

## KUNGRESSI TAL-FIFA U L-UEFA

L-uffiċjali tal-Malta FA komplew bil-ħidma tagħhom biex isaħħu r-relazzjonijiet tajbin mal-imsieħba internazzjonali ewlenin, speċjalment il-FIFA u l-UEFA, u assoċjazzjonijiet nazzjonali fl-Ewropa u lil hinn.



**Uffiċjali tal-Malta FA attendew għall-kungressi tal-FIFA u l-UEFA li saru iktar kmieni din is-sena.**



Il-Malta FA kienet rappreżentata fil-kungress tal-FIFA li sar fil-Qatar fil-31 ta' Marzu u l-1 ta' April, li matulu l-idea li t-Tazza tad-Dinja ssir kull sentejn ġiet imwarrba. Il-poloz tal-fażi finali tat-Tazza tad-Dinja 2022, li se ssir fil-Qatar, saru fl-1 ta' April.

Kungress ieħor, din id-darba organizzat mill-UEFA, sar fi Vjenna fil-11 ta' Mejju, 2022 u matulu ġew approvati r-rapporti dwar l-attivitajiet tal-organizzazzjoni tal-futbol Ewropea, inkluż ir-rapport finanzjarju. Il-UEFA ħabbret li l-għajnuna finanzjarja lill-assoċjazzjonijiet membri taħt il-programm UEFA HatTrick se tiżdied b'madwar 20 fil-mija għall-perjodu tal-erba' snin li jmiss.

## PREPARAZZJONIJIET GĦALL-KAMPJONAT EWROPEW U-19 2023 F'MALTA

Matul l-istaġun, issoktaw it-tħejjijiet għall-Kampjonat Ewropew U-19 li se jsir f'Malta s-sena d-dieħla. Minbarra laqgħat regolari mal-Kumitat Organizzattiv Lokali, rappreżentanti tal-Malta FA għamlu shadow visit waqt it-tournament U-19 li sar fis-Slovakkja ftit tal-ġimgħat ilu. It-tim organizzattiv Malti kellu l-opportunità mhux biss josserva iżda jipparteċipa b'mod attiv. Tanya Gravina serviet bħala Match Manager f'żewġ partiti mill-fażi tal-gruppi filwaqt li l-uffiċjali tal-logħba Maltin, Matthew Degabriele u Luke Portelli, ikkontrollaw tliet partiti matul dan il-Kampjonat Ewropew U-19.




> **"Rappreżentanti tal-Malta FA għamlu shadow visit waqt il-Kampjonat Ewropew U-19 li sar fis-Slovakkja ftit tal-ġimgħat ilu. It-tim organizzattiv Malti kellu l-opportunità mhux biss osserva iżda jipparteċipa b'mod attiv"**




**Il-President tal-Malta FA Bjorn Vassallo jippreżenta tifkira tal-120 anniversarju tal-Assoċjazzjoni lill-Prim Ministru Dr Robert Abela qabel il-laqgħa mal-President tal-UEFA Aleksander Ceferin f'Kastilja. Ritratt: Jason Borg/DOI**

## KONSULTAZZJONIJIET

Fuq livell ta' UEFA, dan l-istaġun saru diversi diskussjonijiet, speċjalment fuq il-futur tal-kompetizzjonijiet tat-timijiet nazzjonali. Il-President Bjorn Vassallo kien maħtur fuq grupp li ħadem fuq proposti għall-kompetizzjonijiet tat-timijiet nazzjonali A tal-irġiel filwaqt li s-Segretarju Ġenerali Dr Angelo Chetcuti kien maħtur fuq grupp ta' ħidma simili li ffoka fuq il-kompetizzjonijiet tat-timijiet nazzjonali A tan-nisa.

Issa li l-UEFA Nations League waslet fit-tielet edizzjoni, il-UEFA qiegħda tivvalorizza din il-kompetizzjoni, li essenzjalment ħadet post il-partiti ta' ħbiberija meta ma jkunx hemm il-partiti ta' kwalifikazzjoni għat-Tazza tad-Dinja jew il-Kampjonati Ewropew. Għaldaqstant, ġew proposti u kkunsidrati bosta formati differenti li jindirizzaw il-prijoritajiet tal-partijiet kollha involuti.

Matul dan l-istaġun reġgħu bdew jiltaqgħu anki b'mod fiżiku l-kumitati tal-UEFA bil-President Vassallo jifforma parti min-National Associations Committee, Dr Chetcuti min-National Teams Competitions Committee filwaqt li l-Viċi President Dr Matthew Paris huwa membru tal-Players' Status, Transfer and Agents and Match Agents Committee

Lura f'Mejju tal-2021 il-membru Malti Stefan Buontempo kien elett fuq il-Kumitat tal-Etika tal-FIFA. Buontempo huwa ċ-Chairperson tal-Kumitat tal-Etika u l-Compliance tal-Assoċjazzjoni.

Charles Deguara, membru tal-Bord tal-Appell tal-Assoċjazzjoni, huwa membru tal-Governance and Compliance Committee fi ħdan il-UEFA. ■






# Hibernians jiċċelebraw ir-rebħ tat-13-il kampjonat

## Suċċess għal Floriana fl-IZIBET FA Trophy

**Hibernians huma ċ-champions tal-Kampjonat BOV Premier 2021-22. Dan il-kampjonat kien wieħed b'differenza hekk kif intlagħbu l-162 partita bejn 12-il tim fejn il-format kien maqsum f'żewġ fażijiet. L-ewwel fażi kienet komposta li kull tim jilgħab fil-format ta' round robin b'żewġ rounds. L-ewwel sitt timijiet ikkwalifikaw għat-Top Six filwaqt li t-timijiet li spiċċaw mis-seba' post 'l isfel lagħbu fil-Play-Out Round.**

Fi tmiem l-ewwel fażi, wara 22 partita, il-pożizzjonijiet tat-timijiet kienu dawn:

Hibernians, Floriana, Birkirkara, Ħamrun Spartans, Gżira United u Gudja United (li kkwalifikaw fit-Top Six) filwaqt li Sirens, Valletta, Mosta, Balzan, Santa Lucia u Sliema Wanderers lagħbu fil-Play-Out Round.

Dan l-istaġun ġew relegati żewġ timijiet għaċ-Challenge League filwaqt li ġew promossi erbgħa minħabba l-fatt li minn staġun ieħor il-Kampjonat Premier se jirritorna b'14-il tim.

Bla dubju, dan kien suċċess meritat għal Hibernians għaliex huma kienu l-aktar tim konsistenti meta wieħed iqis li kull kampjonat huwa maratona. Anke jekk f'Jannar fallew sitt punti meta kisbu tliet draws infila u ġew milħuqa minn Floriana li waslu wkoll sal-quċċata tal-klassifika, il-Pawlisti rkupraw tant tajjeb biex fil-logħba diretta u kruċjali kontra l-istess Floriana huma ħarġu rebbieħa bl-iskor ta' 4-1.

Floriana temmew l-istaġun fit-tieni post, segwiti minn Ħamrun Spartans u Gżira United li rebħu d-dritt biex fl-istaġun 2022-23 jilagħbu fil-UEFA Europa Conference League. Ta' min wieħed jinnota li Gżira United ikkwalifikaw biex jilagħbu f'din il-kompetizzjoni Ewropea minħabba li Floriana, li spiċċaw it-tieni fil-kampjonat, rebħu l-IZIBET FA Trophy. Hibernians qed jilagħbu fil-UEFA

Champions League u jekk jiġu eliminati, imorru jilagħbu fil-UEFA Europa League.

Min-naħa l-oħra, it-taqtiegħa għas-salvazzjoni baqgħet sal-aħħar. Filwaqt li Sliema Wanderers tilfu posthom mal-kbar f'matchday 25 bit-telfa ta' 3-1 kontra Valletta, Santa Lucia sfaw relegati proprju fl-aħħar ġurnata wara li tilfu bl-iskor ta' 2-1 kontra Valletta filwaqt li Balzan kisbu t-tliet punti li kellhom bżonn f'rebħa ta' 1-0 fuq Sliema Wanderers. Madankollu, Santa Lucia xorta se jikkompetu fil-Kampjonat Premier fl-istaġun 2022-23 wara li nħoloq post vakant bit-talba ta' Pembroke Athleta li jilagħbu fin-National Amateur League minħabba raġunijiet finanzjarji minkejja li sportivament kienu promossi għall-għola diviżjoni.

| Fil-Kampjonat BOV Premier 2021-22, ħadu sehem **326** player minn **45** pajjiż differenti: | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Plejers Maltin | **162** | Plejers Barranin | **162** | Homegrown | **2** | | |

| **383** total ta' gowls skurjati: | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Plejers Maltin | **110** | Plejers Barranin | **262** | Homegrown | **1** | Own Goals | **10** |

| L-aqwa skorers: | | |
|---|---|---|
| | **17** | Maxuell Maia da Silva (Gżira United) |
| | **14** | Jurgen Degabriele (Hibernians) |




**Hibernians rebħu l-Kampjonat BOV Premier, l-unur prinċipali fil-futbol Malti.**



**Floriana għelbu lir-rivali Valletta 2-1 fil-ħin barrani biex rebħu l-IZIBET FA Trophy.**

## SUĊĊESS GĦAL FLORIANA FIT-TAZZA

Floriana rebħu l-IZIBET FA Trophy meta fil-finali għelbu lil Valletta bl-iskor ta' 2-1 wara l-ħin barrani. Din kienet l-84 edizzjoni bit-tnejn preċedenti ma spiċċawx minħabba l-COVID-19. It-82 edizzjoni (2019-2020) kellha titwaqqaf fil-kwarti-finali filwaqt li dik sussegwenti (2020-21) kellha titwaqqaf fit-tielet round.

B'dan is-suċċess, Floriana rebħu dan l-unur għall-21 darba fl-istorja tal-klabb. Fi triqthom lejn il-finali, Floriana eliminaw lil: L-Aħħar 32 vs Għajnsielem 1-0; L-Aħħar 16 vs St George's 2-0; Kwarti-Finali vs Birkirkara 3-1; Semi-Finali vs Hibernians 2-1.

Min-naħa ta' Valletta, dawn eliminaw lil: L-Aħħar 32 vs Marsaskala 5-0; L-Aħħar 16 vs Tarxien R. 5-1; Kwarti-Finali vs Marsaxlokk 3-0; Semi-Finali vs Sta Lucia 1-0.

Il-finali kellha tmur fil-ħin barrani wara li ntemmet fi draw ta' 1-1. Kien Jan Busuttil li fetaħ l-iskor għal Floriana iżda Mario Fontanella kiseb id-draw għal Valletta minn penalty. Madankollu, fil-ħin barrani kien Andrei Ciolacu li skorja l-gowl tar-rebħa għal Floriana.

## IZIBET FA TROPHY

| **46 tim** ipparteċipaw fl-**84 edizzjoni** (2021-22) | |
|---|---|
| Premier League | 12 |
| Challenge League | 22 |
| Amateur League | 4 |
| GFA L-Ewwel Diviżjoni | 8 |

| Total ta' **45** partita | | | |
|---|---|---|---|
| Preliminari | 14 | L-Aħħar 32 | 16 |
| L-Aħħar 16 | 8 | Kwarti-finali | 4 |
| Semi-finali | 2 | Finali | 1 |

| B'kollox lagħbu **843** plejer | | | |
|---|---|---|---|
| Maltin | 603 | Barranin | 240 |

| L-Aqwa Skorers | **4 gowls** |
|---|---|
| Xuan Cappellino | Marsaxlokk |
| Emmanuel Promise | Valletta |
| Renan Sgaria Farias | Żejtun Corinthians |

## ŻEBBUĠ RANGERS JIRBĦU Ċ-CHALLENGE LEAGUE

Żebbuġ Rangers kellhom staġun mill-aktar pożittiv hekk kif rebħu ċ-Challenge League wara li fit-title decider għelbu lil Pembroke Athleta bl-għoti tal-penalties wara draw ta' 1-1. Dawn iż-żewġ timijiet kisbu d-dritt li jilagħbu fid-decider wara li rebħu l-grupp tagħhom – Pembroke Athleta spiċċaw fl-ewwel post ta' Grupp A u Żebbuġ Rangers ta' Grupp B.

Pietà Hotspurs u Marsaxlokk kienu ż-żewġ timijiet l-oħra li kisbu promozzjoni għall-ogħla diviżjoni tal-futbol Malti.




**Żebbuġ Rangers - rebbieħa taċ-Challenge League 2021-22.**

Is-sitt timijiet li oriġinarjament tilfu posthom fiċ-Challenge League kienu Vittoriosa Stars, Rabat Ajax, St George's, Senglea Athletic, Mġarr United u Luqa St Andrew's. Minħabba li Santa Lucia mlew il-post vakat minn Pembroke Athleta fil-Kampjonat Premier u skont ir-regoli applikabbli f'sitwazzjonijiet bħal dawn, Vittoriosa Stars żammew posthom fiċ-Challenge League.

## SUĊĊESS GĦAL ŻURRIEQ

In-National Amateur League ntrebaħ minn Żurrieq li għelbu lil Attard 2-1 fid-decider, b'dawn tal-aħħar ukoll jiġu promossi għaċ-Challenge League. Magħhom ingħaqdu Marsaskala u Mtarfa, tragward storiku għal dawn iż-żewġ klabbs. Marsaskala aċċertaw ruħhom mill-promozzjoni wara li rebħu lil Għargħur 2-1 fil-promotion decider bejn iż-żewġ timijiet li spiċċaw fit-tieni post fil-grupp rispettiv. Għargħur kellhom ċans ieħor biex jiksbu l-promozzjoni iżda sfaw megħluba minn Mtarfa 4-1 fil-promotion play-off.

L-unuri prinċipali l-oħra f'din il-kategorija marru għand Żabbar St Patrick li rebħu n-National Amateur Cup u n-National Amateur Super Cup biex b'hekk pattew xi ftit għad-diżappunt li fallew il-promozzjoni.



**Żurrieq FC rebħu n-National-Amateur League 2021-22.**


**Staġun ieħor memorabbli għat-tim tan-nisa ta' Birkirkara li rebħu l-kampjonat u n-Knock-Out.**

## BIRKIRKARA JIDDOMINAW

Fil-kompetizzjonijiet tan-nisa, Birkirkara reġa' kellhom staġun memorabbli billi kisbu d-double.

Wara li ddominaw il-kampjonat u ġew inkurunati champions għall-10 darba fl-istorja tal-klabb, l-Istripes rebħu wkoll in-Knock-Out wara li għelbu lil Swieqi United 3-0 fil-finali.


**Ħamrun Spartans – rebbieħa tal-Kampjonat Nazzjonali tal-Youths.**

## KOMPETIZZJONIJIET TAL-YOUTHS

### National Youth League A

| | |
|---|---|
| Ħamrun Spartans | |
| Mosta | Runners-Up |

### National Youth League B

| | |
|---|---|
| Swieqi United | |
| Naxxar Lions | Runners-Up |

### National Youth League C

| | |
|---|---|
| Kirkop United | |
| Tarxien Rainbows | Runners-Up |

### National Youth League D

| | |
|---|---|
| Gżira United | |
| Kalkara United | Runners-Up |

### Women's Under-20 League

| | |
|---|---|
| Birkirkara | |
| Raiders Lija | Runners-Up |

### Women's Under-20 KO

| | |
|---|---|
| Raiders Lija | |
| Birkirkara | Finalisti |

### Women's Under-16 League

| | |
|---|---|
| Birkirkara | |
| Swieqi United | Runners-Up |

### Women Under-16 KO

| | |
|---|---|
| Swieqi United | |
| San Ġwann | Finalisti |

## MALTA FA AWARDS 2020-21

### Malta FA Footballer of the Year

| | |
|---|---|
| Matthew Guillaumier | Ħamrun Spartans |

### Coach of the Year

| | |
|---|---|
| Mark Buttigieg | Ħamrun Spartans |

### Foreign Player of the Year

| | |
|---|---|
| Jorge Ailton Soares | Ħamrun Spartans |

### Young Player of the Year

| | |
|---|---|
| Alexander Satariano | Sliema Wanderers |

### BOV National Amateur League Best Player

| | |
|---|---|
| Nicholas Schembri | Attard |

### Futsal Player of the Year

| | |
|---|---|
| Eduardo Garcia Riano | Swieqi United |




**Matthew Guillaumier, Malta FA Plejer tas-Sena għall-istaġun 2020-21.**




# Parteċipazzjoni akbar, l-iżvilupp tat-talent u inizjattivi soċjali

**Aċċessibilità akbar u żieda fil-parteċipazzjoni fil-futbol, il-perkors mill-grassroots għall-futbol tal-elite, u l-konsolidazzjoni ta' inizjattivi ta' natura soċjali huma fil-qofol tal-missjoni tal-Fondazzjoni Inħobb il-Futbol (IFF), imwaqqfa s-sena l-oħra bħala organizzazzjoni volontarja fi ħdan il-Malta FA.**

> **Il-ħolqien tal-Fondazzjoni huwa wieħed mill-pilastri tal-istrateġija tal-Malta FA bil-għan li tibni fuq il-pedamenti mibdija għexieren ta' snin ilu minn Fr Hilary Tagliaferro**

Il-missjoni tal-Fondazzjoni qed tiġi mwettqa permezz ta' diversi proġetti u inizjattivi li jirriflettu l-progress li diġà sar fis-setturi differenti fi ħdan il-mandat tal-IFF. Il-ħolqien tal-Fondazzjoni huwa wieħed mill-pilastri tal-istrateġija tal-Malta FA bil-għan li tibni fuq il-pedamenti mibdija għexieren ta' snin ilu minn Fr Hilary Tagliaferro – li huwa stess membru fundatur fil-Bord tal-Fondazzjoni u l-persuna li kienet ħolqot il-frażi 'Inħobb il-Futbol' fit-twaqqif tal-Fondazzjoni, oriġinarjament Ċentru Sport Edukattiv fis-snin 70. Dan kien wassal għall-ħolqien tal-Youth Football Association, li hija wkoll rappreżentata f'din il-Fondazzjoni u tibqa' l-leħen ewlieni man-nurseries kollha tal-football.

## ŻVILUPP TAT-TALENT

Mill-perspettiva tal-iżvilupp tat-talent, l-IFF hija responsabbli għall-organizzazzjoni tal-kampjonat nazzjonali taż-żgħażagħ għat-timijiet ta' taħt is-17-il sena, taħt il-15-il sena u taħt l-14-il sena, kollha sponsorjati minn BNF Bank.

Ir-rebbieħa u t-timijiet promossi fil-kampjonati taż-żgħażagħ kienu:

Under-17: Sezzjoni A – Pietà Hotspurs; Sezzjoni B – Hibernians (rebbieħa) Naxxar Lions (promossi); Sezzjoni Ċ – Sirens (rebbieħa), Mġarr United (promossi); Sezzjoni D – Żejtun Corinthians (rebbieħa), Siġġiewi (promossi).

Under-15: Sezzjoni A – Valletta; Sezzjoni B – Żurrieq Wolves YN (rebbieħa) Gozo (promossi); Sezzjoni Ċ – Lija Athletic (rebbieħa), Żebbuġ Rangers (promossi) Section D – Rabat Ajax (rebbieħa), Siġġiewi (promossi).

Fil-BNF National Under-14 Development League ma ngħatawx trofew skont il-linji gwida maħruġa miċ-Ċentru Tekniku tal-Assoċjazzjoni.

## HUBS REĠJONALI

Allinjat mal-prijorità tal-Fondazzjoni biex ittejjeb l-iżvilupp tal-plejers żgħażagħ, l-identifikazzjoni tat-talent u l-progress mill-grassroots għall-elite huwa l-proġett tar-Regional Football Hubs. Il-hubs huma mmexxija minn Ivan Woods, il-Head tal-Grassroots tal-IFF, u Silvio Vella bħala kordinatur, li qed imexxu 'l quddiem dan il-proġett skont l-filosofija u gwida mogħtija miċ-Ċentru Tekniku għall-iżvilupp tal-plejers żgħażagħ.

F'dawn il-hubs, intagħżlu tfal li jipprometti fl-etajiet ta' taħt it-12, 13 u l-14-il sena. Matul l-istaġun, ippartecipaw 'il fuq min 150 tifel f'madwar 200 sessjoni ta' taħriġ. Apparti n-numru ta' sessjonijiet fuq il-pitch, sabiex niżguraw l-aħjar żvilupp b'mod ħolistiku tat-tfal, professjonisti oħrajn iffurmaw parti minn dan il proġett, fosthom Performance, Sport and Exercise Psychologist, u Football Nutrition Specialist.

**"Apparti n-numru ta' sessjonijiet fuq il-pitch, sabiex niżguraw l-aħjar żvilupp b'mod ħolistiku tat-tfal, professjonisti oħrajn iffurmaw parti minn dan il proġett, fosthom Performance, Sport and Exercise Psychologist, u Football Nutrition Specialist"**

Bil-għan li jkomplu jsegwu lit-tfal fl-etajiet imsemmija, il-coaches tal-Hubs Reġjonali żaru n-nurseries kollha b'mod regolari fejn attendew għal aktar minn 250 partita u kellhom anke l-opportunità li jisimgħu u jiddiskutu mal-coaches tan-nurseries.

Biex dejjem nkomplu ngħinu lit-tfal tagħna fl-iżvilupp tagħhom, fl-istaġun 2022-23 ħa tiżdied sessjoni ta' taħriġ oħra fil-gimgħa. It-tfal ta' taħt it-12 u 13-il sena se jagħmlu sessjoni ta' ginnastika fil-gimgħa filwaqt li it-tfal ta' taħt l-14-il sena se jattendu sessjoni tal-futsal kull ħmistax.

Fl-aħħar ta' April ta' din is-sena, intagħżlu 31 plejer biex jiffurmaw l-iskwadra nazzjonali ta' taħt l-14-il sena li lagħbu żewġ partiti ta' ħbiberija internazzjonali kontra l-Litwanja f'nofs Ġunju.



**Il-proġett tar-Regional Football Hubs beda matul l-istaġun 2021-22.**

## REGIONAL HUBS

**254** Games Scouted

**Sessions & Coaches:**

| | # OF SESSIONS | | # OF COACHES* |
|---|---|---|---|
| GROUP | U-12 & U-13 | U-14 | ALL |
| Hub 1 | 36 | 57 | 4 |
| Hub 2 | 36 | 57 | 4 |
| U/14 NT | N/A | 11** | 5 |

* UEFA C+B Candidates also attended during U/12 & U/13 sessions

** Training sessions are still ongoing

## GRASSROOTS U FUTBOL TAL-BNIET

Fil-livell ta' grassroots, l-IFF għandha żewġ proġetti għaddejjin – Fun Fit Football u UEFA Playmakers. Dawn iż-żewġ proġetti jikkumplimentaw il-missjoni tal-Fondazzjoni li tħeġġeġ aktar tfal biex jipprattikaw l-isport u jgħixu stil ta' ħajja attiv.

Fun Fit Football huwa mmirat li jagħti lill-istudenti fl-iskejjel primarji l-opportunità li jippruvaw il-futbol filwaqt li l-UEFA Playmakers jintroduċi tfal bniet, bejn ħames u tmien snin, għal-logħba tal-futbol permezz ta' rakkont kulurit ibbażat fuq films ta' Disney.

Imniedi f'Ottubru, il-UEFA Playmakers kiseb popolarità kbira b'aktar minn 30 ċentru, inklużi skejjel, girl guides u klabbs li għandhom timijiet tan-nisa, jieħdu sehem f'dan il-programm. Il-ħolqa ta' inizjattivi mmirati lejn il-bniet tinkludi wkoll is-sessjonijiet fl-iskejjel imsejħa After Schools, li reġgħu bdew din is-sena f'disa' skejjel primarji u żewġ skejjel medji, u l-akkademja tal-bniet U-13.

## FUN FIT FOOTBALL

| PLAYING FIELD | IMPACT | HUMAN RESOURCES |
|---|---|---|
| 1212 Sessions Conducted | 7200 Girls | 14 Coordinators |
| 73 Different Schools | 7405 Boys | 38 Coaches |



UEFA Playmakers - proġett immirat għall-bniet bejn il-ħames u t-tmien snin.



L-akkademja tal-bniet - proġett ieħor marbut mal-iżvilupp tal-plejers femminili.



Sessjoni tal-Fun Fit Football fi skola primarja.

## WOMEN'S FOOTBALL DEVELOPMENT

### After Schools Sessions

End Jan 2022 till mid-May 2022

11 Schools | 29 Sessions | 23 Coaches | 257 Girls

### UEFA Playmakers

October to December 2021 & March to May 2022

30 Centres | 480 Sessions | 85 Deliverers & Volunteers | 1000 Girls

## FUTSAL, BEACH SOCCER U FSR

Qed tingħata wkoll importanza akbar lill-promozzjoni tal-futsal u beach soccer bl-inizjattivi meħuda minn dan id-dipartiment fosthom l-akkademja tal-futsal, l-organizzazzjoni tal-Kampjonat Nazzjonali tal-Futsal U-16 u aktar avvenimenti tal-beach soccer immirati għaż-żgħażagħ.

Ir-responsabbiltà soċjali hija l-parti tal-Fondazzjoni li tikkordina l-inizjattivi kollha relatati mal-aspetti soċjali u umanitarji. Permezz tal-proġetti tal-FSR,

## FUTSAL

**U/16 Futsal League:** 9 Clubs | 146 Players

**Futsal Academy:** 20 Sessions (2007s) | 35 Players in total | 20 Sessions (2009s) | 6 Coaches & Support Staff

## BEACH SOCCER

**U/16 Girls Beach Soccer:** 60 Players | 5 Teams | 4 Clubs

**U/15 Beach Soccer:** 8 Teams | 96 Players

**U/17 Beach Soccer:** 8 Teams | 7 Clubs | 96 Players

l-IFF flimkien mal-Malta FA qed jgħinu ħafna nies minn sfondi differenti permezz ta' attivitajiet relatati mal-futbol.

Il-Fondazzjoni hija mmexxija minn Bord ta' Amministraturi li huwa magħmul minn membri b'esperjenzi differenti fil-futbol lokali. Il-membri huma l-ex plejers internazzjonali Gareth Sciberras (Chairman) u Michael Galea (Viċi-Chairman), Dr Neville Gatt (Segretarju), Raymond Vella, l-eks captain ta' Malta, l-eks plejer tat-tim nazzjonali tan-nisa Sharon Costantino, Paul Galea, l-eks coach nazzjonali Pippo Psaila, Joe Cassar (jirrappreżenta lill-Youth FA), u Bjorn Vassallo u Dr Angelo Chetcuti (rappreżentanti tal-Malta FA). Ic-CEO tal-Fondazzjoni huwa Kurt Formosa.



# It-tim nazzjonali jkompli juri titjib u konsistenza fil-wirjiet tiegħu

**It-tim nazzjonali kompla juri progress matul l-istaġun 2021-22. Taħt il-gwida tal-coach Devis Mangia, Malta kkonkludiet l-impenji tagħha fi Grupp H mill-fażi ta' kwalifikazzjoni għat-Tazza tad-Dinja 2022 b'total ta' ħames punti bil-partiti li jispikkaw ikunu r-rebħa konvinċenti ta' 3-0 kontra Ċipru fl-Istadium Nazzjonali f'Settembru u d-draw drammatiku ta' 2-2 kontra l-istess tim f'Larnaka f'Ottubru b'gowl fil-ħin miżjud minn Jurgen Degabriele.**

Dan il-progress ġie wkoll konfermat minn aktar titjib fir-rankings tal-FIFA mill-175 għal 169:

| Il-pożizzjoni ta' Malta fir-rankings tal-FIFA | |
|---|---|
| 19 ta' Diċembru, 2019: | 184 |
| 27 ta' Mejju, 2021: | 175 |
| 31 ta' Marzu, 2022: | 169 |

Dan it-titjib fil-figuri huwa saħansitra aktar importanti fid-dawl tal-progress li sar mit-tim fl-aħħar xhur u dan minn kull aspett mhux biss fejn jidħlu riżultati miksuba fid-90 minuta.

| Età medja tal-iskwadra | |
|---|---|
| Novembru 2019: | 28.2 sena |
| Marzu 2022: | 25.8 sena |

| Numru ta' plejers li għandhom iktar minn 30 sena | |
|---|---|
| Novembru 2019: | 40% (10 minn 25) |
| Ġunju 2021-Marzu 2022: | 14.47% |

Wara sentejn u nofs mill-bidu tal-proġett tekniku biex jitjieb il-livell tat-timijiet nazzjonali, il-Head Coach tat-Timijiet Nazzjonali Mangia jemmen li issa

# 11-il partita internazzjonali matul l-istaġun 2021-22

# 42 Total ta' plejers imsejħa fil-perjodu Ġunju 2021 – Marzu 2022



Plejers tat-tim nazzjonali jiċċelebraw gowl flimkien mal-kit manager Mark Piscopo li sfortunatament ħalla din id-dinja fl-10 ta' Ġunju, 2022.

huwa l-mument opportun li nitilgħu tarġa oħra. Skont l-istess Mangia, biex insostnu dan il-progress hemm bżonn jiġu żviluppati proġetti speċifiċi bħall-EPPP (Elite Players Performance Project) u Strength and Conditioning flimkien ma' proġetti li jinvolvu plejers żgħażagħ tat-tim nazzjonali tal-kbar u talenti mit-timijiet nazzjonali taż-żgħażagħ.

Permezz ta' dawn il-proġetti, wara wkoll xi rakkomandazzjonijiet inklużi fir-rapport tal-FIFA dwar l-ekosistema tal-futbol f'Malta, qed naħdmu biex tiġi żviluppata l-firxa ta' servizzi disponibbli maħsuba biex jappoġġaw il-wirjiet tal-plejers.



Devis Mangia, il-Head Coach tat-Timijiet Nazzjonali li jmexxi s-settur tekniku.

Fost punti marbuta ma' dan kollu hemm l-aspett tal-fiżika, saħħa mentali u nutrizzjoni.

Il-ħidma ma tieqafx hawn hekk kif diġà ġew identifikati plejers ta' talent li għandhom dixxendenza Maltija u jistgħu jkunu eliġibbli li jilagħbu għal Malta.

Il-Head Coach tat-Timijiet Nazzjonali jittama wkoll f'wirjiet eċċellenti mill-aqwa talenti tagħna, kemm fuq livell tat-tim nazzjonali kif ukoll fuq livell ta' klabbs, għaliex dan jista' jwassal biex iktar plejers Maltin jattiraw l-attenzjoni ta' klabbs importanti lil hinn minn xtutna. Biex inkomplu dan il-proċess li aktar plejers żgħażagħ jilħqu l-livelli mixtieqa biex jilagħbu mat-timijiet nazzjonali, huwa importanti wkoll li dawn il-plejers jingħataw l-ispazju fl-ogħla kampjonati tal-futbol domestiku filwaqt li naħdmu biex nindirizzaw in-nuqqas ta' plejers Maltin f'pożizzjonijiet jew rwoli speċifiċi.

## TIM NAZZJONALI U-21

It-tim Malti ta' taħt il-21 sena lagħab disa' logħbiet matul l-istaġun 2021-22, kollha minn Grupp Ċ fil-fażi ta' kwalifikazzjoni tal-Kampjonat tal-UEFA fl-istess kategorija.

Immexxi mill-coach Gilbert Agius, it-tim spiċċa b'total ta' sitt punti wara żewġ rebħiet fuq l-Irlanda ta' Fuq (4-1 f'darna u 2-0 away).

It-timijiet l-oħra fil-grupp kienu Spanja, li spiċċaw bħala rebbieħa, is-Slovakkja u l-Litwanja. Ir-Russja, li kienu fl-istess grupp, ġew sospiżi minħabba l-invażjoni tal-pajjiż fl-Ukrajna.

| | |
|---|---|
| **9** | partiti milgħuba fl-istaġun 2021-22 |
| **48** | plejer imsejħa |
| **80** | total ta' sessjonijiet ta' taħriġ matul il-perjodi ta' futbol internazzjonali |

## TIM NAZZJONALI U-19

It-tim nazzjonali ta' taħt id-19-il sena beda bit-taħriġ tiegħu (għall-plejers imwielda fl-2003) f'Marzu 2021 sal-grupp ta' kwalifikazzjoni li ntlagħab fil-Polonja f'Ottubru 2021. Il-preparazzjonijiet ma bdewx qabel



**It-tim Malti ta' taħt il-21 sena temm l-impenji tiegħu fil-grupp ta' kwalifikazzjoni b'total ta' sitt punti.**




**It-tim Malti ta' taħt it-18-il sena kien impenjat f'10 partiti ta' ħbiberija matul l-istaġun.**

Marzu 2021 għaliex il-UEFA kienet għadha għaddejja bil-konsiderazzjonijiet tagħha wara li l-pandemija tal-COVID-19 tellfet ħafna mill-ippjanar.

Għalhekk, il-grupp il-ġdid, li kien prinċiparjament magħmul minn plejers li twieldu fl-2003 u oħrajn imwielda fl-2004, lagħab żewġ partiti ta' ħbiberija kontra timijiet lokali u erba' partiti ta' ħbiberija internazzjonali qabel mat-tim vjaġġa lejn il-Polonja f'Ottubru 2021 biex jieħu sehem fil-logħob ta' kwalifikazzjoni tal-EURO U-19.

| STATISTIKA (TIM NAZZJONALI U-19) | |
|---|---|
| Plejers imsejħa għat-taħriġ | 65 |
| Plejers segwiti matul l-istaġun u li twieldu fl-2003 | 29 |
| Plejers segwiti matul l-istaġun u li twieldu fl-2004 | 67 |
| Plejers segwiti u li jilagħbu barra l-pajjiż | 4 |

## TIM NAZZJONALI U-18

It-tim nazzjonali ta' taħt it-18-il sena (plejers imwielda fl-2004-2005) beda bit-taħriġ tiegħu bħala grupp ġdid (plejers imwielda fl-2004) fit-2 ta' Novembru, 2021 sax-xahar ta' Mejju 2022, fejn iltaqgħu kważi kull ġimgħa għal tliet sessjonijiet ta' taħriġ. F'dan il-grupp issejħu xi plejers imwielda fl-2005, meta wieħed iqis li dan it-tim qed jipprepara bis-sħiħ għall-fażi finali tal-Kampjonat Ewropew 2023 tal-UEFA ta' taħt id-19-il sena u li se jsir f'Malta f'Lulju li ġej.

Il-parti l-kbira tal-plejers li twieldu fl-2004 tilfu ħafna logħbiet minħabba l-pandemija, inklużi l-logħbiet ta' kwalifikazzjoni tal-U-17 li tħassru fl-2020. Xi plejers oħra tal-2004 ħadu sehem fil-partiti preċedenti tal-U-19 fil-Polonja f'Ottubru 2021.

Għal din ir-raġuni, iċ-Ċentru Tekniku qed jipprova jżid in-numru ta' partiti ta' ħbiberija internazzjonali qabel l-avveniment ta' Lulju tas-sena d-dieħla u



It-tim nazzjonali U-16 kien impenjat fil-UEFA Youth Development Tournament f'April ta' din is-sena.

jipprova jiftaħ perjodi oħra ta' taħriġ biex il-plejers jingħataw l-opportunità li jilagħbu aktar logħbiet internazzjonali u jgħollu l-livell tagħhom kontra avversarji ta' livell għoli.

Il-plejers involuti matul dawn is-seba' xhur kienu 50, fosthom plejers li jilagħbu barra l-pajjiż bħal Tristan Viviani u Sebastian Azzopardi.

Sa Mejju, it-tim lagħab 10 logħbiet ta' ħbiberija internazzjonali.

Matul is-sessjonijiet ta' taħriġ ta' kull ġimgħa, li jsiru bejn l-Erbgħa u l-Ġimgħa, il-plejers kollha qed jagħmlu żewġ sessjonijiet ta' taħriġ fil-gym u wara dan kollu sessjoni fuq il-pitch.

| **STATISTIKA (TIM NAZZJONALI U-18)** | |
|---|---|
| Plejers imsejħa għat-taħriġ | **50** |
| Plejers segwiti matul l-istaġun imwielda fl-2004 | **80** |
| Plejers segwiti matul l-istaġun imwielda fl-2005 | **110** |
| Plejers segwiti li jilagħbu barra | **15** |
| Logħbiet ta' ħbiberija milgħuba | **10** |
| Taħriġ Novembru 2021 - Mejju 2022 | **77** |
| Sessjonijiet fil-gym | **27** |

## TIMIJIET NAZZJONALI U-17, U-16 U U-15

Bħat-timijiet l-oħra, it-tim ta' taħt is-17-il sena wkoll kellu staġun impenjattiv fejn kien involut fil-fażi ta' kwalifikazzjoni tal-EURO U-17 kontra t-Turkija, id-Danimarka u l-Montenegro. Huma lagħbu wkoll partiti ta' ħbiberija kontra l-Maċedonja u l-Ġorġja, u tmien logħbiet oħra kontra timijiet minn klabbs Maltin u barranin.

| **STATISTIKA (TIM NAZZJONALI U-17)** | |
|---|---|
| Plejers imsejħa għat-taħriġ | **54** |
| Sessjonijiet fuq il-pitch | **135** |
| Sessjonijiet fil-gym | **49** |

It-tim nazzjonali ta' taħt is-16-il sena kkompeta fil-UEFA Youth Development Tournament bl-avversarji jkunu Ġibiltà, San Marino u Liechtenstein:

| | | |
|---|---|---|
| 13.04.2022<br>vs Ġibiltà | 1-1 | (telfa 4-3 bil-penalties) |
| 15.04.2022<br>vs San Marino | 0-0 | (rebħa 8-7 bil-penalties) |
| 18.04.2022<br>vs Liechtenstein | 0-0 | (rebħa 4-3 bil-penalties) |

Minbarra l-impenji uffiċjali fil-UEFA Development Tournament, it-tim ta' taħt is-16-il sena lagħab ukoll sitt partiti ta' ħbiberija internazzjonali kontra l-Irlanda, il-Montenegro u l-Ażerbajġan, u erbgħa kontra klabbs Maltin u barranin.

| STATISTIKA (TIM NAZZJONALI U-16) | |
|---|---|
| Total ta' plejers imsejħa | 54 |
| Numru ta' sessjonijiet fuq il-pitch | 137 |
| Numru ta' sessjonijiet fil-gym | 33 |
| Total ta' logħbiet | 13 |

L-istaġun tat-tim nazzjonali l-ġdid ta' taħt il-15-il sena beda bit-trials bejn Settembru u Ottubru, fejn b'kollox ħadu sehem 160 tifel. Ma' dawn żdiedu plejers oħra wara li spiċċaw il-provi. Minn total ta' 160 tifel ġew magħżula l-aħjar 28 f'dak il-perjodu, bil-kriterju tal-għażla jkun dejjem miftuħ għal kulħadd fis-sens li wara l-provi s-subien li ma ntgħażlux baqgħu jiġu segwiti.

Minbarra l-provi, total ta' 90 plejer differenti tal-U-15 ġew segwiti matul il-kampjonat.

Sal-20 ta' Ġunju, meqjusa bħala d-data tat-tmiem l-istaġun tal-futbol, il-coaches sejħu skwadra għal total ta' 13-il darba, bl-ewwel waħda tkun fit-22 ta' Novembru għall-kamp ta' taħriġ fl-Italja b'żewġ logħbiet ta' ħbiberija kontra Albinoleffe u Atalanta, u erba' logħbiet internazzjonali kontra l-Montenegro u Ġibiltà. ■

| STATISTIKA (TIM NAZZJONALI U-15) | |
|---|---|
| Plejers imsejħa għat-taħriġ | 42 |
| Plejers segwiti waqt il-provi | 160 |
| Plejers segwiti matul l-istaġun imwielda fl-2007 | 90 |
| Logħbiet ta' ħbiberija milgħuba | 6 |
| Sessjonijiet ta' taħriġ matul il-perjodu Novembru 2021 - Ġunju 2022 | 80 |



**It-tim nazzjonali ta' taħt l-14-il sena lagħab żewġ logħbiet ta' ħbiberija kontra l-Litwanja f'Ġunju.**



# Ħidma dettaljata tindirizza kull aspett relatat mal-prestazzjoni tal-plejer

**L-għan ewlieni tal-Performance Department (PD) huwa li jgħin l-istaff tekniku, prinċipalment il-coaches, biex jeċċellaw fix-xogħol tagħhom.**

L-objettivi prinċipali jinkludu:

- Tnaqqis fir-riskju ta' injuries
- Prestazzjonijiet aħjar
- Gwida lill-plejers biex jilħqu l-potenzjal tagħhom
- Nutrizzjoni u stil ta' ħajja tajba
- Aktar motivazzjoni permezz tal-edukazzjoni

## ELITE PLAYER PERFORMANCE PROJECT

Il-potenza (power) u l-veloċità (speed) huma komponenti ewlenin tal-fitness fil-futbol tal-elite li jistgħu jiġu żviluppati permezz ta' sessjonijiet fuq ġewwa (ibbażati fil-gym) u barra (ibbażati fuq ix-xogħol li jsir mal-coaches fuq il-pitch).

L-għan ewlieni tal-Elite Player Performance Project (EPPP) huwa li jsaħħaħ kemm il-livelli ta' saħħa, b'mod kwantitattiv u anke kwalitattiv tal-plejers b'taħriġ ibbażat fuq reżistenza, u sessjonijiet ta' taħriġ tal-ħiliet fil-moviment. Bħala parti mill-proġett, grupp ta' plejers żgħażagħ promettenti intalbu jattendu żewġ sessjonijiet ta' taħriġ fil-ġimgħa bl-iskeda titfassal skont is-sessjonijiet ta' taħriġ tal-klabbs u l-partiti mill-kompetizzjonijiet domestiċi.

Bejn Awwissu 2021 u Mejju 2022 saru total ta' 120 sessjoni ta' taħriġ. In-numru ta' plejers li pparteċipaw f'dan il-proġett kien 35 ġejjin minn 16 il-klabb differenti.

## STRENGTH AND CONDITIONING PROGRAMME

Fi ħdan dan l-istess dipartiment, il-proġett Strength & Conditioning għandu l-ħsieb li jtejjeb il-fitness u l-ħiliet tekniċi tal-atleti permezz ta' approċċ li jinkludi wkoll it-taħriġ mentali u s-sostenn nutrittiv.

| PROGRAMM STRENGTH & CONDITIONING | |
|---|---|
| **Under-19 u Under-18** | mill-20 ta' Ġunju sad-29 ta' Lulju, 2021 |
| **Under-17, Under-16 u Under-15** | mis-27 ta' Ġunju sas-6 ta' Awwissu, 2021 |
| **Total ta' sessjonijiet ta' taħriġ:** | **35** |

## EVALWAZZJONI NUTRIZZJONALI

In-nutrizzjoni għandha rwol vitali fil-prestazzjoni u t-taħriġ. Nutrizzjoni xierqa tista' tgħin f'dawn l-aspetti:

- Titjib fl-eżerċiżżju
- Jitnaqqas iż-żmien ta' recovery
- Prevenzjoni ta' injuries minħabba għejja żejda
- Enerġija meħtieġa f'mumenti ta' taħriġ intensiv
- Kontroll fil-piż

## FITNESS TESTING

Il-Fitness Testing li jivvaluta l-kapaċitajiet fiżiċi tal-atleta jirrappreżenta aspett importanti ħafna fi ħdan id-Dipartiment tal-Performance.

Il-Fitness Testing ġie propost biex iservi diversi skopijiet, bħal:

- Jevalwa l-effetti tat-taħriġ
- Il-motivazzjoni tal-atleta
- Feedback oġġettiv għall-atleta
- Jistabbilixxi l-miri tat-taħriġ
- Żvilupp u ppjanar ta' programmi
- Identifikazzjoni tal-partijiet fejn plejer jeċċella u fejn huwa dgħajjef



**Il-Fitness Testing jirrappreżenta aspett importanti ħafna fil-ħidma tad-Dipartiment tal-Performance.**

| Timijiet assesjati | Total ta'plejers |
|---|---|
| Tim nazzjonali tal-kbar | 33 |
| Under-21 | 28 |
| Under-18 | 28 |
| Under-17 | 22 |
| Under-16 | 26 |
| Under-15 | 27 |
| Under-14 | 24 |
| **It-total ta' plejers ilaħħaq il-188 plejer** | |

Minbarra l-fitness testing, kull sessjoni ta' taħriġ u kull partita huma monitorjati bl-użu tat-teknoloġija ta' traċċar tal-GPS li jagħtu l-possibbiltà li jiġu analizzati diversi metrics ta' volum u intensità. Il-plejers tal-iskwadri nazzjonali jimlew kwestjonarji online b'mod regolari bħala parti mill-proċess ta' monitoraġġ tal-kundizzjoni tagħhom qabel it-taħriġ u rating of exertion (RPE) li huwa suġġettiv.

## MENTAL PERFORMANCE

It-tim fdat bl-irwol delikat tal-mental performance tal-plejers ħadem ħafna matul l-istaġun ma' numru kbir ta' plejers li jirrappreżentaw lit-timijiet nazzjonali.



**Plejers tat-timijiet nazzjonali qed jingħataw taħriġ dwar mental performance.**

Mhux kollox mexa skont il-pjan minħabba l-iskedi impenjattivi tat-timijiet, il-ħin limitat, u l-isforzi li jintużaw proċeduri korretti fil-ħinijiet adattati. Dan is-settur qed jiżviluppa iżda hemm ħafna entużjażmu u motivazzjoni biex intejbu l-element ta' mental performance. Matul l-istaġun saru laqgħat ma' diversi plejers minn kull age group, bl-iskwadra U-18/19 l-aktar li ngħatat attenzjoni.

Ġew użati tekniċi bħal triggers mentali biex l-atleti jkunu mgħejjuna jtejbu elementi partikolari tal-logħba tagħhom, minn sempliċi titjib tal-komunikazzjoni għal strateġiji tattiċi aktar kumplikati. Intuża wkoll kliem tekniku biex l-atleti tagħna jibqgħu ffukati fuq il-logħba/taħriġ bl-aktar mod mhux ikkumplikat, sempliċi u dirett possibbli.

Mentality Meetings isiru qabel kull sett ta' logħbiet. Kull laqgħa tibda b'aġġornament tas-sessjoni preċedenti qabel ma tgħaddi għal suġġett ġdid. Il-motivazzjoni, l-immaniġġjar tal-pressjoni, l-iffissar tal-miri, il-body language, il-konċentrazzjoni, self-talk u leadership kienu fost is-suġġetti koperti matul dawn il-laqgħat.

Waqt żjara fil-Bulgarija f'Ottubru li għadda, ħdimna wkoll fuq teknika ta' team building magħrufa bħala personal disclosure mutual sharing (PDMS), fejn kull plejer tkellem quddiem l-iskwadra kollha għal madwar ħames minuti waqt li ntalab iwieġeb ċertu mistoqsijiet mhux dejjem faċli li jkunu qed isirulhom.

Il-plejers huma konxji li t-tim tal-mental performance coaches huma dejjem disponibbli għalihom u li hija l-għażla tagħhom jekk jidħlux f'diskussjoni jew le. Apparti minn hekk, anke fid-dressing room qabel il-partita ngħinuhom b'messaġġi li jibnulhom il-kunfidenza u l-motivazzjoni, dan anke ħalla l-frott bl-aktar mod evidenti fid-draw ta' 2-2 kontra t-Turkija riċentement.

Matul dawn l-aħħar ġimgħat komplejna bit-tħejjijiet għal Mentality Workshops li se jsiru għall-etajiet kollha mill-20 ta' Ġunju sas-6 ta' Awwissu. Dawn jiffurmaw parti mill-proġett Enter the Next Level bil-għan li tittejjeb il-prestazzjoni holistika tal-plejers tagħna.



# Il-klinika tat-timijiet nazzjonali tipprovdi aktar minn 1,300 sessjoni ta' trattament mediku

**L-istaġun 2021-22 reġa' kien wieħed ferm impenjattiv għad-Dipartiment Mediku li kompla jaġġorna u jikkordina l-protokolli relatati mal-COVID-19, u baqa' l-punt ta' riferiment għall-klabbs f'dan l-aspett. Minkejja r-rilaxx gradwali tar-restrizzjonijiet tal-COVID-19 matul l-aħħar xhur, kien hemm perjodu bejn Diċembru u Jannar fejn iż-żieda fil-każijiet kawżati mill-varjant Omicron kellha impatt fuq il-futbol b'kull klabb jirrapporta mill-inqas każ wieħed pożittiv.**

Il-klinika tat-timijiet nazzjonali kompliet bl-operat tagħha bil-professjonisti mediċi tal-Malta FA jwettqu aktar minn 1,370 sessjoni ta' trattament mill-1 ta' Lulju, 2021. Il-benefiċċji tal-iskema ta' assikurazzjoni mnedija mill-Assoċjazzjoni kemm għall-klabbs kif ukoll għat-timijiet nazzjonali kienu evidenti matul l-istaġun bid-Dipartiment Mediku jevalwa iktar minn 190 talba taħt din il-kopertura minn Lulju tas-sena l-oħra.

Id-Dipartiment Mediku kompla bil-proċess gradwali fejn tidħol id-diġitizzazzjoni tar-rekords mediċi. Il-klabbs lokali qed jintalbu jissottomettu fuq il-pjattaforma diġitali COMET ir-rapport tal-ECG u dokumenti rilevanti oħra flimkien mal-eżami mediku tal-plejers. Dawk il-plejers li jkollhom bżonn iktar testijiet u investigazzjonijiet mediċi b'mod regolari għandhom jiġu identifikati sabiex niżguraw li l-istat ta' saħħithom ikun imħares kif suppost. Qed jitfasslu pjanijiet biex tiġi implimentata sistema aktar ċentralizzata bis-sehem ta' tobba tal-familja akkreditati.

Matul l-istaġun li għadda, id-Dipartiment Mediku organizza l-UEFA Level 1 Trauma Course għall-istaff mediku tat-timijiet nazzjonali u qed issir edizzjoni oħra għall-klabbs Maltin li qed jilagħbu fil-kompetizzjonijiet tal-UEFA. Hija l-intenzjoni tad-dipartiment li dan il-kors jiġi estiż għall-klabbs tal-Kampjonat Premier kollha sa tmiem din is-sena filwaqt li hemm pjanijiet biex jiġi organizzat kors speċifiku ta' first aid li jiffoka fuq l-isport għall-paramediċi kollha li jaħdmu waqt partiti tal-Malta FA. ■



# Iktar korsijiet u inizjattivi mmirati għall-coaches

## Iċ-Ċentru għar-Riċerka u l-Iżvilupp tal-Futbol jiffoka fuq l-aspett akkademiku u edukattiv

**Id-Dipartiment tal-Coaching Education reġa' beda jiffunzjona b'mod normali wara l-effetti tal-pandemija bl-organizzazzjoni tal-korsijiet UEFA u dawk taħt il-kappa Learn MFA kienu fl-aqwa tagħhom matul l-istaġun 2021-22.**

Matul dan l-istaġun ġew organizzati total ta' disa' korsijiet b'total ta' 285 coach li rċievew ċertifikat ġdid ta' coaching jew tejbu l-kwalitajiet u l-livelli preżenti tagħhom.

Barra minn hekk, fi Frar 2022 tnieda programm ta' żvilupp professjonali kontinwu (Continuous Professional Development) biex jipprovdi lill-coaches kollha ċċertifikati mill-Malta FA/ UEFA l-possibbiltà li jkabbru l-għarfien tagħhom dwar il-coaching permezz ta' sessjonijiet prattiċi u teoretiċi, immexxija minn edukaturi tal-coaches tal-Malta FA.

Matul dan l-istaġun, coaches taċ-Ċentru Tekniku ġew mistiedna wkoll biex jipparteċipaw fi tliet laqgħat tal-UEFA Share bħala parti mit-taħriġ tagħhom u l-qsim ta' ideat fejn tidħol prattika tajba fost assoċjazzjonijiet membri differenti tal-UEFA.

## KORSIJIET ĠODDA

Id-Dipartiment tal-Coaching Education introduċa żewġ korsijiet ġodda dan l-istaġun bil-għan li jtejjeb il-livell tal-coaches tagħna.

Il-kors kombinat tal-UEFA C/B huwa kors ġdid, l-ewwel li qed isir fl-Ewropa, maħsub għal plejers professjonali rtirati jew li għandhom aktar minn 50 dehra mat-tim nazzjonali Malti jew 200 dehra fl-aqwa kampjonati professjonali lokali u/jew barranin. Għal dan il-kors attendew 24 coach.

Kors ġdid ieħor kien il-kors tad-Diploma tal-Goalkeeper B tal-UEFA li beda fl-aħħar tal-2021 sal-aħħar ta' Mejju 2022. B'dan il-kors speċjalizzat, il-coaches tal-goalkeepers tagħna ġew konformi mal-Konvenzjoni tal-UEFA u jista' jkollhom il-kwalifika tagħhom aġġornata skont l-istandards tal-UEFA.

Għal dan il-kors ħadu sehem 16-il coach li jispeċjalizzaw fit-taħriġ tal-goalkeepers, flimkien ma' 17-il coach ieħor li attendew żewġ modules ta' dan il-kors fejn ġew promossi miċ-ċertifikat tal-Livell 2 ta' Goalkeepers Coach tal-MFA (preċedenti) għal Diploma tal-UEFA Goalkeeper B.

L-introduzzjoni tal-kors tal-grassroots qed jieħu post il-kors li kien isir qabel tal-Coaching Young Footballers u li jkun konformi mal-Coaching Pathway rakkomandat mill-UEFA. Dan il-kors huwa segwit ħafna peress li huwa l-ewwel pass fil-coaching tal-futbol u dan l-istaġun ġew organizzati b'kollox erba' korsijiet b'aktar minn 150 coach ġdid ħerġin miċ-Ċentru Tekniku tal-Malta FA.

## KORSIJIET SPEĊJALIZZATI

Apparti l-korsijiet il-ġodda diġa msemmija, ġie organizzat kors tal-UEFA C Diploma fit-tieni parti tal-istaġun bi 32 coach ieħor jipparteċipaw minn Frar sa Mejju 2022.

Matul l-istaġun li għadda ġew organizzati żewġ korsijiet oħra speċjalizzati bit-tieni edizzjoni tal-kors ta' Match Analyst u kors ieħor ta' Football Fitness Coach jiġu organizzati wara numru konsiderevoli ta' snin.

## ŻVILUPP PROFESSJONALI KONTINWU

Programm ġdid ta' CPD (żvilupp professjonali kontinwu) kien maħsub li jitnieda lejn l-aħħar ta' Novembru 2021 iżda minħabba l-aħħar restrizzjonijiet tal-COVID-19, dan il-programm tnieda fi Frar 2022 b'aktar minn 30 sessjoni ta' CPD.

Dawn is-sessjonijiet tas-CPD kienu mqassma skont il-kategoriji differenti tal-età u l-interessi.

Għażla vasta ta' sessjonijiet fejn tidħol teorija jew dawk prattiċi saru one to one fiċ-Ċentru Tekniku jew fuq il-pitches għat-taħriġ u fil-klabbs tal-futbol lokali.

Numru ta' CPDs online ġew organizzati fuq skala iżgħar bħala proġett pilota sabiex jilħqu lill-coaches kollha.

Kien hemm ukoll feedback pożittiv mill-coaches li attendew dawn is-sessjonijiet tas-CPD online u hemm imfassla aktar sessjonijiet simili għall-istaġun li ġej.

Is-sessjonijiet tas-CPD saru minn coaches differenti, liema sessjonijiet huma parti essenzjali mill-iżvilupp tal-coaches u meħtieġa għat-tiġdid tal-liċenzja tagħhom. Kull coach jeħtieġ li jattendi minn tal-anqas 15-il siegħa ta' sessjonijiet tas-CPD fuq tliet snin.



**Il-coach Taljan Mario Beretta mexxa sessjoni tas-CPD f'Mejju.**



**Herman Bugeja jikkordina d-Dipartiment tal-Coaching Education fi ħdan iċ-Ċentru Tekniku.**

## KORSIJIET LI SARU MATUL L-ISTAĠUN 2021-22:

| Bidu | Kors | Kandidati |
|---|---|---|
| Settembru 2021 | UEFA C & UEFA B f'daqqa | 24 |
| Diċembru 2021 | UEFA Goalkeeper B course | 16 + 17* |
| Jannar 2022 | Match Analyst Course | 11 |
| Jannar 2022 | Football Fitness Coach Course | 26 |
| Frar 2022 | UEFA C | 32 |
| Lulju 2021 | Grassroots Leader Course | 33 |
| Diċembru 2021 | Grassroots Leader Course | 40 |
| Marzu 2022 | Grassroots Leader Course | 42 |
| Mejju 2022 | Grassroots Leader Course | 44 |
| **Total** | | **285** |

* Imtejba mill-kors tal-Goalkeepers Coach tal-Malta FA Livell 2

L-elenku ta' korsijiet kollha organizzati matul dan l-istaġun juri varjetà ta' korsijiet li qed jiġu offruti biex jissaħħaħ il-livell tal-coaching fil-logħba Maltija. Dawn kollha huma bbażati fuq ix-xogħol ta' preparazzjoni li jkun sar fl-istaġuni preċedenti permezz ta' numru ta' working groups.

Il-working groups tal-Coach Education huwa kunċett ġdid introdott mid-Direttur Tekniku Devis Mangia, u segwit mill-Coach Education Coordinator Herman Bugeja bl-iskop li jkun hemm uniformità u ppjanar aħjar fil-korsijiet kollha.

Fl-istaġun 2022-23, iċ-Ċentru Tekniku se jorganizza l-korsijiet li ġejjin:

| |
|---|
| UEFA Elite Youth A Diploma Course |
| UEFA B Diploma Course |
| 2 UEFA C courses |
| Youth Football Fitness Award |
| Goalkeeper Coach Course Level 1 |
| 3 Grassroots Leader Certificate |
| CPDs għall-coaches kollha |

## LIĊENZJI TA' COACHING

| Liċenzji | Total |
|---|---|
| UEFA Pro | 45 |
| UEFA A Elite | 20 |
| UEFA A | 101 |
| MFA A | 3 |
| UEFA B | 158 |
| MFA B | 5 |
| UEFA C | 230 |
| Match Analyst (Ġdid) | 7 |
| Youth Coach (YCL) | 7 |
| Goalkeepers Coaches Livell 1 | 37 |
| Goalkeepers Coaches Livell 2 | 19 |
| Football Physical Trainers Livell 1 | 42 |
| Football Physical Trainers Livell 2 | 13 |
| CYF | 161 |
| **TOTAL** | **848** |

Il-tibdil riċenti fir-regolamenti tal-coaches qed iġibu magħhom diversi sfidi għall-coaches kollha liċenzjati. F'dan ir-rigward, id-Dipartiment tal-Coaching Education għandu l-mezzi neċessarji biex jilqa' għan-numru ta' applikanti li qed jistennew il-korsijiet il-ġodda kif ukoll l-upgrading tal-liċenzji kollha bħal YCL, MFA A u B għal ċertifikazzjoni rikonoxxuta mill-UEFA.

L-istaġun 2021-22 kien staġun importanti għad-Dipartiment tal-Coaching Education peress li kienet sena ta' tisħiħ anke fid-dawl tar-ritorn għal xi tip ta' normalità fl-għoti tal-korsijiet.

Bdejna nindirizzaw il-backlog u l-listi ta' stennija kkawżati mill-pandemija u naħdmu lejn filosofija unifikata li qed tiġi indirizzata mill-coaches u qed tinxtered gradwalment fit-taħriġ li jkun qed jingħata minn isfel sa fuq fil-livelli kollha fil-klabbs rispettivi tagħna.

Dan jista' jsir biss permezz ta' edukaturi u coaches b'esperjenza u preparati sew biex jaħdmu flimkien lejn il-mira li jitjieb il-livell tal-coaches Maltin, dan eventwalment iwassal biex jogħla l-livell tal-futbol Malti.

## ĊENTRU GĦAR-RIĊERKA U L-IŻVILUPP TAL-FUTBOL

Fl-2021, il-Malta FA stabbilixxiet iċ-Ċentru għar-Riċerka u l-Iżvilupp tal-Futbol fi ħdan iċ-Ċentru Tekniku. L-għan aħħari ta' din l-inizjattiva kien li tħajjar studenti u riċerkaturi biex iwettqu riċerka u b'hekk ikunu qed jikkontribwixxu għat-tkabbir tal-futbol Malti.

Matul l-istaġun li għadda, ċ-Ċentru appoġġa ħames studenti minn istituzzjonijiet akkademiċi differenti fosthom l-MCAST, l-Università ta' Malta u l-Università ta' Staffordshire biex jagħmlu riċerka bħala parti mill-kors under jew post-graduate tagħhom.




**L-ewwel edizzjoni tar-rivista diġitali 'Raise The Game' intbagħtet lill-coaches kollha ċċertifikati mill-Malta FA f'Jannar li għadda.**

Dawn l-istudji ffukaw fuq diversi oqsma tal-futbol u l-appoġġ ingħata f'forom differenti bħal intervisti mal-istaff, aċċessibbiltà biex tinġabar data relatata mat-taħriġ fir-Regional Football Hubs u disponibbiltà ta' riżorsi biex isiru testijiet fiżjoloġiċi ma' plejers.

Coaches mill-Malta FA u l-MCAST ikkollaboraw flimkien u sar studju fejn inġabret statistika tal-gowls fil-Kampjonat Premier Malti. Il-coaches tat-timijiet nazzjonali Charles Sciberras u Karl Attard, flimkien mar-riċerkaturi u letturi t'esperjenza Dr Renzo Kerr Cumbo u Dr Matthew Muscat Inglott, ikkollaboraw fuq draft akkademika li issa tinsab fi stadju ta' qabel il-pubblikazzjoni.

L-iżvilupp ta' għodda edukattiva għall-coaches kollha liċenzjati kien qed jinħema min-naħa taċ-Ċentru Tekniku fi sforz biex jgħin lill-coaches jikbru fl-iżvilupp professjonali kontinwu tagħhom. Din il-mira intlaħqet matul dan l-istaġun bil-ħarġa tal-ewwel rivista diġitali 'Raise The Game', li apparti li tefgħet dawl fuq proġetti ewlenin fiċ-Ċentru Tekniku, inkorporat studji lokali li jikkumplimentaw l-isforzi li qed isiru fir-riċerka u l-iżvilupp.

Din l-inizjattiva rċeviet rispons pożittiv mill-coaches lokali u bħalissa għaddejjin bil-preparazzjonijiet għat-tieni ħarġa.

## KOLLABORAZZJONIJIET

Matul is-sena li għaddiet, saru diversi laqgħat ma' istituzzjonijiet akkademiċi lokali u internazzjonali fosthom l-MCAST, l-Università ta' Malta, Learning Works u Liverpool John Moores University (LJMU) biex tiġi diskussa sħubija ta' riċerka u materji oħra.

Dan wassal biex il-Malta FA ġiet mistiedna tattendi seminars prattiċi lokali mogħtija minn lecturers fl-LJMU u student li attenda għal wieħed minn dawn is-seminars qatta' perjodu jaħdem mal-Malta FA bħala parti mill-placement relatat mal-kors.



# Dipartiment ġdid dedikat għall-match scouting

**Id-Dipartiment tal-Match Scouting ġie introdott għall-ewwel darba dan l-istaġun. Il-Kordinatur Tekniku tat-Timijiet Nazzjonali Alessandro Zinnari huwa responsabbli għal dan id-dipartiment li huwa ta' kuljum ikkordinat mill-coach Stefano Grima.**

Xogħol simili ħafna kien diġà qed isir fl-istaġun ta' qabel iżda issa li hemm coaches responsabbli minn dan is-settur importanti, il-livell tax-xogħol li qed isir kif ukoll l-organizzazzjoni komplew jissaħħu. Il-coaches tat-timijiet nazzjonali kollha qed jingħataw dettalji dwar il-wirjiet fil-kampjonati lokali ta' plejers li huma eliġibbli jilagħbu għal Malta fil-kategoriji rispettivi.

Id-dipartiment qed iżomm kuntatt mill-qrib ma' plejers li jilagħbu barra l-pajjiż u kontinwament jirċievi filmati u dettalji oħra li jkunu utli fiż-żamma tad-data. ■

**Logħbiet u plejers segwiti sal-31 ta' Mejju, 2022**

| Kompetizzjonijiet | Numru ta' logħbiet |
|---|---|
| Premier League | 161 |
| Challenge League | 53 |
| National Amateur League Super Cup | 1 |
| FA Trophy | 11 |
| Youth League | 97 |
| U-15 u U-17 | 156 |
| Partiti mill-kompetizzjonijiet UEFA | 8 |
| Logħbiet ta' ħbiberija ta' qabel l-istaġun | 46 |
| Żjarat fil-klabbs waqt it-taħriġ | 26 |
| **Total ta' partiti segwiti**: | **533** |

| Plejers Maltin li jilagħbu barra u li kienu segwiti sal-31 ta' Mejju, 2022 | | | |
|---|---|---|---|
| **Isem** | **Twieled** | **Pajjiż** | **Klabb** |
| Brown James | 1998 | Skozja | St. Johnstone |
| Muscat Zach | 1993 | Portugall | Casa Pia |
| Satariano Alex | 2001 | Italja | US Pergolettese |
| Teuma Teddy | 1993 | Belġju | R.U. Saint Gilloise |
| Schranz Philip | 1996 | Żvizzera | FC Freienbach |
| Agius Leo | 2002 | Żvizzera | Team Ticino |
| Dalli Cameron | 2002 | Spanja | Malaga FC |
| Debono Isaac | 2002 | Olanda | Be Quick 1887 |
| Degiorgio Victor | 2002 | Stati Uniti | Maryville-Saints |
| Mohnani Karl | 2002 | Wales | Swansea University |
| Cassar Torregiani Seb | 2003 | Ingilterra | University of Stirling FC |
| Ebejer Isaac | 2003 | Ingilterra | Eastleigh |
| Cachia Sasha | 2004 | Spanja | Real de Aldemisi |
| Spiteri Alex | 2004 | Ingilterra | Reading City |
| Viviani Tristan | 2004 | Stati Uniti | San Jose Earthquakes |
| Attard Zach | 2005 | Stati Uniti | Albion FC |
| Calleja Zack | 2005 | Italja | Perugia |
| Fenech Mattias | 2005 | Italja | Perugia |



**Id-Dipartiment tal-Match Scouting isegwi mill-qrib il-progress tal-plejers Maltin li jilagħbu barra.**

| Logħbiet u plejers segwiti sal-31 ta' Mejju, 2022 | |
|---|---|
| **Kategorija skont l-età** | **Numru ta' plejers** |
| Twieldu 1999 u qabel | 114 |
| Twieldu 2000 | 21 |
| Twieldu 2001 | 46 |
| Twieldu 2002 | 47 |
| Twieldu 2003 | 37 |
| Twieldu 2004 | 80 |
| Twieldu 2005 | 110 |
| Twieldu 2006 | 92 |
| Twieldu 2007 | 90 |
| **Ammont totali ta' plejers:** | **637** |
| **Ammont totali ta' rapporti:** | **3,137** |

# Jikber ir-rwol tad-Dipartiment tal-Match Analysis




**Il-kandidati li ħadu sehem fit-tieni edizzjoni tal-kors tal-Match Analysis flimkien mal-kap tad-dipartiment Facundo Styk (it-tielet mil-lemin).**

**Id-Dipartiment tal-Match Analysis fi ħdan iċ-Ċentru Tekniku llum il-ġurnata huwa wieħed stabbilit hekk kif kompliet tingħata iktar importanza lix-xogħol relatat mat-tħejjija teknika u tattika tal-plejers tat-timijiet nazzjonali u anke analiżi tat-timijiet avversarji biex il-plejers tagħna jkunu preparati bl-aħjar mod possibbli għall-impenji internazzjonali.**

Żdied ukoll l-impenn biex jiġu organizzati iktar korsijiet ta' livell għoli fil-match analysis u dan sabiex il-coaches u persuni oħra kompetenti jingħataw it-taħriġ neċessarju biex jokkupaw dan ir-rwol. Id-dipartiment kien ikkordinat minn Facundo Styk, il-Match Analyst tat-tim nazzjonali A.

Kull analista tat-timijiet nazzjonali jamministra b'mod indipendenti l-ħidma tiegħu kif indikat hawn taħt:

- Analiżi tat-tim – isegwi b'reqqa lill-avversarju f'logħbiet preċedenti permezz ta' videos u rapporti.

- Analiżi tal-logħba – analiżi tal-kull plejer individwali.
- Għat-tim nazzjonali A issir analiżi tal-plejers kollha. Għat-timijiet nazzjonali taż-żgħażagħ, dan isir skont l-avversarju u l-informazzjoni disponibbli.
- Jiġu analizzati permezz ta' filmati s-sessjonijiet ta' taħriġ kollha u b'hekk il-coaches ikollhom stampa aħjar ta' fejn iridu jaħdmu anke b'mod individwali mal-plejers tagħhom.
- Il-filmati jiġu segwiti skont it-tim li jaqa' taħt ir-responsabbiltà tagħhom, il-clips tat-taħriġ jiġu wkoll amministrati b'mod indipendenti.
- Kontinwament isir scouting tal-plejers tat-timijiet nazzjonali rispettivi.

Minbarra d-diversi tipi ta' software relatat mat-tagging, scouting u grafiċi, id-dipartiment qed juża żewġ servizzi ta' kameras differenti.

**Pixellot –** dawn il-kameras jiġu operati fl-Istadium Nazzjonali, Centenary Stadium, Tony Bezzina Stadium u Victor Tedesco Stadium.

**Provispo –** Installata f'Novembru, din is-sistema tkopri prinċipalment l-oqsma tat-taħriġ. Bħalissa qed taħdem fl-oqsma 1, 2, 3 u 4 tat-Training Grounds. Is-sistema tkopri wkoll attivazzjoni jew operat ieħor marbut mal-fiżika u l-coaches li jispeċjalizzaw f'dan il-qasam.



## KORS TAL-MATCH ANALYSIS

Il-kors kien mifrux fuq 64 siegħa – 56 siegħa ta' lezzjonijiet u sessjonijiet ta' prattika, u siegħat konsiderevoli għall-eżamijiet finali. Il-kors kien maqsum f'ħames modules, erbgħa minnhom ta' 12-il siegħa mifruxa fuq jumejn kull wieħed u module ieħor ta' tmien siegħat mifrux fuq żewġ nofs ta' nhari.

L-eżami finali tal-prattika sar aktar tard u dan ippermetta lill-istudenti jħejju ruħhom bl-aħjar mod u jikkonkludu l-assignments li kellhom sat-18 ta' Ġunju li għadda.

Il-lecturers u mistiedna speċjali għal dan il-kors kienu:

**Devis Mangia**

Head Coach tat-Timijiet Nazzjonali.

**Carlo Cornacchia**

L-assistant coach ta' Claudio Ranieri fiż-żmien li qatta' jmexxi l-gwida teknika ta' timijiet fosthom Nantes, Fulham, Sampdoria u sal-istaġun li għadu kemm intemm, Watford fil-Premier League Ingliż.

**Antonio Gagliardi**

Match Analyst tat-tim nazzjonali Taljan u assistant coach ma' Juventus meta żewġ staġuni ilu dawn kienu taħt il-gwida ta' Andrea Pirlo.

## KONSOLIDAZZJONI U ŻVILUPP

L-analisti huma involuti b'mod estensiv f'oqsma varji tal-ħidma taċ-Ċentru Tekniku: l-analiżi tal-avversarji (madwar 286 partita analizzati), assistenza lill-istaff tekniku waqt is-sessjonijiet tat-taħriġ (madwar 630 sessjoni ta' taħriġ tul diversi snin) recordings, editing tal-filmati skont il-bżonn, monitoraġġ, scouting u coaching education fost l-oħrajn.

L-istaġun li wasal biex jibda se jara xi bidliet fid-dipartiment bl-għan aħħari jkun li l-affarijiet pożittivi jinżammu iżda jeżistu niċċeċ li jistgħu jitjiebu u dawn se jiġu indirizzati. ■



# Tkompli tingħata spinta lill-futbol tan-nisa f'kull livell

Promozzjoni għat-tim nazzjonali U-19 u rispons pożittiv ferm għall-proġett UEFA Playmakers

**L-impenji tat-timijiet nazzjonali, l-akkademja tal-bniet, il-konsolidazzjoni ta' inizjattivi eżistenti u t-tnedija ta' proġetti ġodda biex aktar bniet jitħajru jilagħbu l-futbol kienu fost il-prijoritajiet ewlenin tad-Dipartiment tal-Futbol tan-Nisa matul l-istaġun 2021-22. Grazzi għax-xogħol li qed isir u d-dedikazzjoni ta' coaches, plejers, uffiċjali u persuni li għandhom għal qalbhom il-futbol tan-nisa, dan is-settur qiegħed dejjem jimxi 'l quddiem filwaqt li hemm ħafna iktar għarfien u rikonoxximent għall-opportunitajiet li għandhom bniet u tfajliet biex jimirħu f'dan l-isport.**

## TIMIJIET NAZZJONALI

Matul l-istaġun li għadda, it-tim nazzjonali lagħab 12-il partita, b'sebgħa minnhom validi minn Grupp E ta' kwalifikazzjoni għall-FIFA Women's World Cup 2023 u l-ħamsa l-oħra jkunu partiti ta' ħbiberija.



It-tim nazzjonali tan-nisa kien impenjat fi 12-il partita internazzjonali matul l-istaġun 2021-22.

Fil-grupp ta' kwalifikazzjoni, sal-aħħar partita li ntlagħbet f'April kontra d-Danimarka, it-tim Malti akkwista erba' punti (rebħa kontra l-Azerbajġan f'Novembru u draw mal-Bosnja Ħerżegovina f'Settembru). Il-partiti l-oħra kienu kontra d-Danimarka (Settembru 2021 u April 2022), ir-Russja (Ottubru), il-Montenegro u l-Bosnja Ħerżegovina (Novembru 2021).

Għat-tieni sena konsekuttiva, it-tim Malti, immexxi mill-coach Mark Gatt, ipparteċipa fil-VisitMalta Women's International Trophy. F'dan it-tournament, it-tfajliet Maltin affrontaw lit-timijiet nazzjonali tal-Moldova (3-1) u tal-Marokk (0-1).

F'April, Malta lagħbet l-aħħar partita f'dan l-istaġun kontra selezzjoni taljana ta' taħt it-23 sena (0-3) li ħadet post il-logħba ta' kwalifikazzjoni kontra r-Russja li ma saritx fuq direttivi tal-FIFA u l-UEFA.

## TIM NAZZJONALI U-19

It-tim nazzjonali ta' taħt id-19-il sena ppparteċipa fil-fażi ta' kwalifikazzjoni tal-kampjonat Ewropew li ntlagħab b'format ġdid bil-pajjiżi jinqasmu f'żewġ leagues b'żewġ rounds ta' kwalifikazzjoni matul l-istaġun.

L-ewwel round ta' kwalifikazzjoni sar f'pajjiżna f'Ottubru 2021 fejn it-tfajliet tagħna ma ħadu l-ebda punt kontra l-Iżrael (0-1), ir-Rumanija (2-5) u l-Ġorġja (0-1), biex b'hekk fit-tieni round Malta




It-tim ta' taħt id-19-il sena jiċċelebra r-rebħa kontra l-Gżejjer Faroe li wasslet għall-promozzjoni f'League A.

reġġhet lagħbet f'League B. Din id-darba l-istorja kienet ferm differenti fejn fl-Irlanda ta' Fuq, il-grupp immexxi mill-coach Frank Schembri akkwista total ta' seba' punti. F'April, dan it-tim lagħab kontra l-Irlanda ta' Fuq (1-1), l-Ażerbajġan (2-1) u l-Gżejjer Faroe (3-2) biex b'dawn ir-riżultati spiċċa fit-tieni post. Malta kienet anke promossa għal League A peress li konna l-aħjar tim fit-tieni post mill-gruppi kollha f'League B.

Fi Frar, it-tim ta' taħt id-19-il sena lagħab ukoll żewġ partiti ta' ħbiberija kontra Ċipru (2-0, 4-0) bi preparazzjoni għall-impenji ta' April.

It-tim nazzjonali ta' taħt is-16-il sena beda t-tħejjijiet tiegħu għall-UEFA Development Tournament f'Settembru 2021 fil-grawnd tal-Kalkara.

Matul ix-xahar ta' April, it-tim ipparteċipa f'dan it-tournament internazzjonali li għal sena oħra sar f'pajjiżna. Huma kellhom għadma iebsa meta lagħbu kontra l-Libanu (0-3), it-Turkija (0-2) u l-Irlanda (0-8)

## L-AKKADEMJA TA' TAĦT IT-13-IL SENA

Sadanittant, l-akkademja kompliet bil-ħidma tagħha mal-bniet wara żewġ staġuni affetwati mill-pandemija. Dan il-grupp kien jitħarreġ darbtejn



**Uħud mill-bniet li jiffurmaw parti mill-Akkademja.**

fil-gimgħa fl-iskola ta' San Andrea. Din l-iskwadra pparteċipat f'festival organizzat minn Valletta FC kontra timijiet tas-subien u ieħor organizzat mill-Youth FA f'Mejju.

## ATTIVITAJIET FL-ISKEJJEL

Il-Malta FA flimkien mal-Fondazzjoni Inħobb il-Futbol torganizza diversi attivitajiet fl-iskejjel fosthom:

- Festivals annwali għall-iskejjel kemm dawk tal-gvern, privati kif ukoll tal-knisja.
- Promozzjoni fl-iskejjel mill-coaches tat-timijiet nazzjonali
- Programm għall-iskejjel wara l-ħin tal-iskola - *Together #WePlayStrong @ School*
- *Together #WePlayStrong @ School Festivals*

Together #WePlayStrong @ School huma sessjonijiet għall-bniet mit-tielet sas-sitt sena fl-iskejjel primarji wara l-ħin normali tal-iskola. Dan il-proġett ġie estiż għal żewġ Middle Schools. Il-coaches li jikkordinaw dawn is-sessjonijiet jimxu ma' kurrikulu preparat apposta għal dan il-programm. Matul l-istaġun ħadu sehem 257 tifla u 23 coach.

Id-dipartiment jieħu ħsieb ukoll li jorganizza laqgħat għall-ġenituri biex inħeġġuhom ifittxu iktar opportunitajiet għat-tfal tagħhom biex ikomplu l-futbol billi jingħaqdu ma' nursery.

## UEFA PLAYMAKERS

Il-proġett tal-UEFA Playmakers, ikkordinat mill-Fondazzjoni Inħobb il-Futbol, huwa programm ġdid li qed inwettqu flimkien mal-UEFA u Disney fi 30 ċentri differenti. Għal dan il-proġett, immirat għall-bniet bejn il-ħames u t-tmien snin, seba' coach educators attendew kors mal-UEFA biex jitgħallmu l-metodoloġija li tintuża f'dan il-proġett innovattiv. F'Lulju 2021, saru żewġ korsijiet separati li fihom ħadu sehem diversi għalliema tal-PE, Girl Guides,



Promozzjoni fuq il-mezzi soċjali għall-UEFA Playmakers.

LSEs, għalliema, coaches, studenti tal-MCAST u plejers femminili wkoll.

Mill-84 parteċipant f'dawn il-korsijiet, 56 fil-mija kienu nisa.

## ŻVILUPP TAL-FUTBOL TAN-NISA

L-għan tal-iżvilupp fil-futbol tan-nisa huwa li jiżdiedu n-numri fil-grassroots. Apparti minn dan, dawn il-bniet jinżammu fil-futbol billi jkollhom l-opportunità li jilagħbu ta' spiss u jkunu mħarrġin minn coaches nisa kwalifikati u kompetenti.

## PROĠETTI GĦALL-IŻVILUPP

i. Skema ta' boroż ta' studju għall-coaches
ii. Festival għall-bniet ta' taħt it-13-il sena u l-10 snin
iii. Kampjonat għan-nisa ta' taħt is-16-il sena
iv. Kampjonat għan-nisa ta' taħt l-20 sena
v. Kampjonat tan-nisa (Women's League)
vi. Għajnuna lill-klabbs femminili
vii. Statistika, informazzjoni u monitoraġġ

| Total ta' coaches li bbenefikaw mill-iskema tal-boroż ta' studju | 34 |
|---|---|
| GLC | 21 |
| UEFA C | 5 |
| UEFA B | - |
| UEFA C & B (Combined Course) | 1 |
| UEFA A | - |
| UEFA Pro | 1 |
| Goalkeeping Level 2 | 4 |
| Physical Trainers | - |
| Beach Soccer | 2 |
| Match Analyst | - |

## FESTIVALS U-10 U U-13

Matul l-istaġun, ipparteċipaw disa' timijiet fil-festival ta' taħt it-13-il sena u ħamsa fil-festival ta' taħt l-10 snin b'total ta' 164 tifla. B'kollox ġew organizzati 10 festivals, inkluż festival tal-futsal fl-Iskola Nazzjonali tal-Isport f'Pembroke.

Għal staġun ieħor, ġie adottat il-prinċipju tal-karta l-ħadra u dik ħamra biex il-bniet jitħallew jilagħbu f'ambjent ferrieħi u sabiex inħeġġu mġieba tajba u ta' rispett mill-partitarji (kif ukoll mill-coaches) lejn it-tim u l-uffiċjali kollha waqt il-partiti.


Azzjoni waqt il-Futsal Festival li sar fl-Iskola Nazzjonali tal-Isport.



**Azzjoni waqt il-kampjonat ta' taħt is-16-il sena.**



**Sar tournament tal-beach soccer għat-timijiet tan-nisa taħt is-16-il sena.**

## KAMPJONAT TA' TAĦT IS-16-IL SENA

Wara li fl-aħħar żewġ staġuni kien organizzat il-kampjonat ta' taħt il-15-il sena, dan l-istaġun sar kampjonat ta' taħt is-16-il sena li ntlagħab kull nhar ta' Ħadd filgħodu fil-grounds ta' Kirkop United u Marsaskala, b'format ta' 9-a-side. Tmien timijiet ħadu sehem f'din il-kompetizzjoni b'total ta' 146 tifla. Għall-ewwel darba matul dan il-kampjonat, kienet użata s-sistema ta' rolling substitutions bl-għan li l-bniet ikollhom aktar opportunità jilagħbu.

Għall-ewwel darba f'dawn l-aħħar sentejn, dan il-kampjonat kien konkluż kif ippjanat fejn intlagħbu 56 partita u ġew skorjati 283 gowl bit-tim rebbieħ ikunu Birkirkara. Il-kompetizzjoni Knock-Out rat lil Swieqi United joħorgu rebbieħa fuq San Ġwann fil-finali.

Matul ix-xahar ta' Lulju 2021, dan id-dipartiment, flimkien ma' dak tal-Futsal u Beach Soccer, organizza tournament tal-beach soccer għall-bniet ta' taħt is-16-il sena fejn ħadu sehem erba' klabbs bil-parteċipazzjoni ta' ħames timijiet. It-tim ta' Birkirkara rebaħ dan it-tournament.

## KAMPJONAT UNDER-20

Dan l-istaġun, minflok il-kampjonat ta' taħt id-19-il sena ġie organizzat wieħed ta' taħt l-20 sena. Il-partiti ntlagħbu fil-grounds ta' Kirkop u Mġarr b'format ta' 11-aside b'total ta' sitt timijiet u 128 tfajla.

B'kollox intlagħbu 46 partita u ġew skorjati 186 gowl. Birkirkara kisbu suċċess ieħor f'din il-kategorija



**Sitt timijiet ħadu sehem fil-kampjonat ta' taħt l-20 sena.**

wara li f'decider, huma rebħu lil Raiders Lija. Fin-Knock-Out, Raiders Lija kisbu tpattija sportiva meta għelbu lil Birkirkara fil-finali.

| Numru ta' plejers fil-kampjonat ta' taħt l-20 sena | |
|---|---|
| **Klabb** | **Plejers** |
| Birkirkara | 20 |
| Kirkop United | 20 |
| Mġarr United | 21 |
| Raiders Lija | 21 |
| San Ġwann | 23 |
| Swieqi United | 23 |
| **TOTAL** | **128** |

## KAMPJONAT TAN-NISA

Seba' timijiet ikkompetew fil-kampjonat tal-kbar li kien mifrux fuq tliet rounds. Il-grounds użati kienu dawk tal-Imġarr, Ħad-Dingli u s-Centenary Stadium kull nhar ta' Tlieta u Erbgħa bil-parteċipazzjoni ta' 181 tfajla. F'dan il-kampjonat, lagħbu 11-il plejer barrani b'sebgħa minnhom ġejjin minn pajjiżi Ewropew.

Birkirkara kienu l-aqwa tim biex meritatament rebħu t-titlu f'kampjonat li matulu ntlagħbu 63 partita u ġew skorjati 298 gowl. L-Istripes kisbu d-double wara li rebħu wkoll il-kompetizzjoni Knock-Out bi Swieqi United ikunu l-finalisti.

## GĦAJNUNA LILL-KLABBS FEMMINILI

Apparti l-għajnuna fi ħlasijiet relatati mal-kampjonati, id-Dipartiment tal-Futbol tan-Nisa qed jimplimenta strateġija ta' aktar inizjattivi biex ikompli jgħin fl-iżvilupp tal-klabbs femminili. Matul dan l-istaġun ingħataw sett blalen u tagħmir ieħor lil dawk kollha li għandhom tim tat-tfajliet.

## STATISTIKA U MONITORAĠĠ

Id-dipartiment iżomm statistika eżatta u aġġornata għall-festivals u l-kampjonati kollha filwaqt li l-kordinatriċi inkarigata mill-festival u l-partiti tal-kampjonat tissottometti rapport dwar l-andament tal-avveniment mhux aktar tard minn tlitt ijiem wara.

Bħalma għamilna fi snin preċedenti, fl-aħħar tal-istaġun id-dipartiment jiltaqa' ma' kull klabb femminili biex dejjem inżommu kuntatt u nippruvaw intejbu l-affarijiet. Għall-ewwel darba, bgħatna stedina lil kull delegat u head coach tal-klabbs biex jieħdu sehem f'din il-laqgħa fis-Centenary Hall fejn ġie diskuss il-kampjonat kif ukoll il-pjanijiet tagħna għall-istaġun li ġej.

## PROMOZZJONI

| | |
|---|---|
| **860** | like ġdida fuq il-paġna ta' Facebook MFA Women's Football |
| **11,000+** | likes (statistika sat-30 ta' Ġunju, 2022) |

Riżultati live, inklużi l-iskorers waqt il-kampjonat tan-nisa, jiġu mtella' fuq il-match centre tal-Malta FA u jiġu abbinati mal-paġna uffiċjali ta' Facebook.

Il-persuna responsabbli mill-media fi ħdan id-dipartiment jippublika artikli fuq is-sit uffiċjali tal-Assoċjazzjoni, fosthom previews u reviews tal-kampjonat femminili, partiti tat-timijiet nazzjonali tagħna u rapporti dwar attivitajiet organizzati mid-dipartiment.



**Kompliet tingħata għajnuna lill-klabbs li għandhom timijiet tan-nisa.**

Kull xahar tintbagħat newsletter lill-indirizzi elettroniċi li jżomm id-dipartiment. F'din in-newsletter ikollna ġabra ta' aħbarijiet mit-timijiet nazzjonali, klabbs femminili, attivitajiet fl-iskejjel u aħbarijiet internazzjonali.




**Il-plejer ta' Raiders Lija Monique Sultana, rebbieħa tal-plejer tax-xahar għal Diċembru 2021.**

## PLEJER TAX-XAHAR

Minkejja li l-kampjonat tal-kbar ma baqax jaqa' taħt il-kappa tal-BOV bħala sponsors, flimkien mad-dipartimenti tal-marketing u l-football operations, ġie deċiż li l-unur tal-plejer tax-xahar jibqa' jingħata fejn b'kollox ingħataw tmien premjijiet.

## PLEJERS JILAGĦBU BARRA

Fatt pożittiv ieħor huwa li 12-il plejer femminili qed jilagħbu barra minn xtutna. Fost dawn il-plejers nsibu lil Haley Bugeja (li riċentement ingħaqdet ma' Orlando Pride fin-NSWL tal-Istati Uniti) u Rachel Cuschieri, li lagħbu fis-Serie A tal-Italja, Emma Lipman li kisbet promozzjoni għas-Serie A mat-tim ta' Como, Martina Borg u Nicole Sciberras fis-Serie B u Maya Cachia. Kailey Willis skorjat 15-il gowl fi 18-il partita fil-kampjonat taż-żgħażagħ (primavera) ma' Hellas Verona. Maria Farrugia, Ylenia Carabott, Alexandra Gatt u l-aħwa Emma u Rachel Ciantar komplew il-karriera tagħhom fl-Ingilterra.

## COACHES

Id-Dipartiment tal-Futbol tan-Nisa, immexxi mid-direttur Pierre Brincat, jinkludi 29 membru bejn coaches, staff mediku, kit managers u staff ieħor.

Matul l-istaġun, il-coaches kollha tat-timijiet nazzjonali jagħmlu żjarat fil-klabbs kif ukoll jattendu għall-partiti tal-kampjonati u l-festivals.

F'April tal-2022, il-coaches Mandy Debono, Luke Borg, Janice Xuereb (fi ħdan il-Malta FA) u Kirsten Attard (San Ġwann) flimkien ma' Pierre Brincat attendew sessjoni tal-UEFA Share fl-Irlanda bit-tema Women's Football – Elite player pathway.

Fl-aħħar tal-istaġun, id-dipartment organizza workshop għall-istaff kollu fejn ġie diskuss l-andament tal-istaġun li għadu kemm intemm u l-pjan għall-istaġun li ġej.



**Il-grupp ta' coaches flimkien ma' Pierre Brincat waqt is-sessjoni tal-UEFA Share fl-Irlanda.**

# L-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-Malta FA

Jintlaħqu diversi objettivi u jsir progress f'setturi oħra

**Wara t-tieni sena ta' implimentazzjoni tal-istrateġija, twettqu l-azzjonijiet meħtieġa biex il-pjani eżistenti kollha fit-13-il dipartiment ġew allinjati mal-missjoni, il-viżjoni u l-valuri organizzattivi tal-Malta Football Association. L-uffiċjal tal-istrateġija, Dr Dawn Aquilina, għamlet ċert li d-39 azzjoni strateġika kollha għandhom individwu ewlieni identifikat (direttur jew kap ta' dipartiment) b'mekkaniżmi ta' rappurtaġġ ċari, konċiżi u mifhuma madwar l-organizzazzjoni biex jirrapportaw fuq bażi ta' kull xahar fit-tmien linji ta' objettivi strateġiċi.**

Bnejna wkoll tim ta' tmexxija effettiv b'kull direttur jew kap u t-timijiet rispettivi tagħhom jiddiskutu mal-uffiċjal tal-istrateġija dwar il-progress u l-kwistjonijiet iffaċċjati fuq bażi regolari. Huwa importanti li wieħed jinnota f'dan l-istadju li meta l-isfidi ġew identifikati, mill-ewwel ħdimna biex insibu soluzzjoni sabiex l-implimentazzjoni tibqa' għaddejja mingħajr xkiel.

Komplejna naġġornaw id-dettalji tal-allokazzjoni tal-baġit għal azzjonijiet strateġiċi ladarba dawn ġew ikkonfermati. Inkludejna wkoll aktar dettalji dwar kull waħda mill-azzjonijiet strateġiċi fir-rigward tal-KPI individwali biex jiġi segwit il-progress u jiġu rikonoxxuti stadji sinifikanti ewlenin.




L-uffiċjal tal-istrateġija rrapportat ukoll lura lill-konsulenti tal-UEFA GROW kull xahar. Dawn id-diskussjonijiet strateġiċi huma kruċjali f'dan l-istadju minħabba li hija l-ewwel darba li l-Malta FA implimentat sistemi u proċessi ta' kontroll ċari biex jitkejjel l-impatt fit-13-il dipartimenti kollha. Huma jgħinu wkoll biex jiggwidaw lill-Malta FA biex tagħmel tibdil strateġiku kif meħtieġ. Matul l-istaġun li ġej, se nkomplu nrawmu kultura organizzattiva li tappoġġa l-istrateġija u nkomplu nikkomunikaw dwar tragwardi strateġiċi miksuba.

> **Matul l-istaġun li ġej, se nkomplu nrawmu kultura organizzattiva li tappoġġa l-istrateġija u nkomplu nikkomunikaw dwar tragwardi strateġiċi miksuba**

## 1 ŻVILUPP TEKNIKU

**OBJETTIV: Twettiq ta' filosofija ta' futbol unifikata għat-timijiet nazzjonali**

BIDU/DATA TA' TLESTIJA: Jannar 2020 – Lulju 2024

Proġett għadu għaddej

KPI:
- Implimentazzjoni ta' filosofija ta' futbol unifikata konfermata mill-Head Coach u komunikata lill-coaches tat-timijiet nazzjonali kollha

**OBJETTIV: L-ewwel post fil-UEFA Nations League Grupp D and promozzjoni għall-Grupp C**

BIDU/DATA TA' TLESTIJA: Ġunju 2022 – Ġunju 2023

Proġett għadu għaddej

**OBJETTIV: Żieda fin-numru ta' plejers professjonali Maltin li jilagħbu barra l-pajjiż**

BIDU/DATA TA' TLESTIJA: Jannar 2020 – Lulju 2024

Proġett għadu għaddej

KPI:
- Niżguraw li għandna infrastruttura u kundizzjonijiet adatatti biex niffaċilitaw iċ-ċansijiet ta' plejers żgħażagħ biex jissieħbu ma' klabbs barranin
- Użu tan-network u kuntatti biex nippromwovu t-talenti żgħażagħ Maltin

## 2 INVESTIMENT FL-INFRASTRUTTURA

**OBJETTIV: Rinnovazzjoni tal-pitches fit-Training Grounds tal-Malta FA**

BIDU/DATA TA' TLESTIJA: April 2021 – Awwissu 2021

Konkluż

**OBJETTIV: Installazzjoni ta' pitch tat-turf artifiċjali u floodlights f'Dar San Ġużepp f'Santa Venera b'kollaborazzjoni mal-UEFA Foundation for Children**

BIDU/DATA TA' TLESTIJA: Settembru 2021 – Lulju 2022

Stadju avvanzat

**OBJETTIV: Kostruzzjoni ta' Ċentru Nazzjonali tal-Futbol f'Ta' Qali**

BIDU/DATA TA' TLESTIJA: Frar 2020 – April 2023

Proġett għadu għaddej

KPI:
- Business plan konkluż
- Permessi ta' żvilupp konfermati
- Dokument tat-tender pubblikat
- Kuntrattur appuntat
- Bidu tax-xogħlijiet

## 3 PROĠETTI TAL-FONDAZZJONI INĦOBB IL-FUTBOL

**OBJETTIV: Fun Fit Football – Programm fl-iskejjel primarji**

BIDU/DATA TA' TLESTIJA:
Mejju 2020 – Ġunju 2024

Proġett tnieda u għaddej

KPI:
- Implimentazzjoni tal-programm f'73 skola primarja tal-Gvern

**OBJETTIV: UEFA Playmakers**

BIDU/DATA TA' TLESTIJA:
Mejju 2020 – Ġunju 2024

Proġett tnieda u għaddej

KPI:
- Proġett beda f'Ottubru b'sessjonijiet regolari għall-bniet bejn il-ħames u t-tmien snin fi 30 ċentru

**OBJETTIV: Hubs Reġjonali tal-Futbol**

BIDU/DATA TA' TLESTIJA:
Mejju 2020 – Ġunju 2024

Proġett tnieda u għaddej

KPI:
- Stabilliti żewġ hubs immirati għall-iżvilupp ta' plejers żgħażagħ
- Tfassil u tnedija ta' programm edukattiv għall-ġenituri u professjonisti (nutrizzjoni, psikoloġija, etc.)
- Dixxiplini sportivi meqjusa bħala kumplimentari
- Komunikazzjoni effettiva tal-kunċetti mal-klabbs membri

**OBJETTIV:**
**Responsabbiltà Soċjali**

BIDU/DATA TA' TLESTIJA:
Mejju 2020 – Ġunju 2024

Proġetti għaddejjin

KPI:
- Diversi proġetti li jilħqu firxa wiesgħa ta' persuni

**OBJETTIV:**
**Futsal u beach soccer**

BIDU/DATA TA' TLESTIJA:
Mejju 2020 – Ġunju 2024

Proġetti għaddejjin

KPI:
- Kampjonat futsal U-16, akkademja tal-futsal u avvenimenti regolari tal-beach soccer

## 4 AVVENIMENT PRESTIĠĠJUŻ F'MALTA

**OBJETTIVI: Il-Malta FA ipprezentat b'suċċess bid biex tospita l-Kampjonat Ewropew U-19 fl-2023**

**Twaqqaf it-tim organizzattiv**

**L-ewwel żjara ta' spezzjoni minn rappreżentanti tad-dipartiment UEFA Events**

BIDU/DATA TA' TLESTIJA: Jannar 2020 – Lulju 2024

● Proġett għadu għaddej

KPI:
- Tfassil ta' pjan dettaljat biex nospitaw dan l-avveniment prestiġġjuż, inkluż il-kampanji ta' promozzjoni u marketing
- Tender għall-kuntratturi rigward servizzi u xogħlijiet marbuta ma' dan il-kampjonat Ewropew

## 5 INSAĦĦU L-PARTNERSHIPS KUMMERĊJALI

**OBJETTIV: Eżerċizzju estensiv ta' rebranding tal-Malta FA**

BIDU/DATA TA' TLESTIJA: Jannar 2021 – Mejju 2022

● Konkluż

**OBJETTIV: Tnedija tal-ePremier League b'kollaborazzjoni mal-EA Sports**

BIDU/DATA TA' TLESTIJA: Ottubru 2021 – Mejju 2022

● Konkluż

**OBJETTIV: Bidla tas-supplier tal-kits tat-timijiet nazzjonali**

BIDU/DATA TA' TLESTIJA: Novembru 2021 – Ġunju 2023

● Proġett għadu għaddej

## 6 TITJIB FL-EFFIĊJENZA U RIFORMA TAL-LIĊENZJAR

**OBJETTIV: Introdott software ġdid fil-qasam tal-procurement**

BIDU/DATA TA' TLESTIJA: Lulju 2021 – Ġunju 2022

● Konkluż

**OBJETTIV: Riforma tal-liċenzjar tal-klabbs**

BIDU/DATA TA' TLESTIJA: Jannar 2020 – Lulju 2022

● Konkluż

## 7 MEZZI DIĠITALI U ŻVILUPP TAL-IMPJEGATI

**OBJETTIV: Tnedija ta' website ġdida tal-Malta FA flimkien ma' live match centre**

BIDU/DATA TA' TLESTIJA:
Jannar 2020 – Mejju 2022

● Konkluż

**OBJETTIV: Il-Malta FA tospita l-ewwel kors tal-UEFA Certificate in Football Management**

BIDU/DATA TA' TLESTIJA:
April 2021 – Diċembru 2021

● Konkluż

**OBJETTIV: Taħriġ għall-impjegati b'enfasi fuq il-valuri tal-Assoċjazzjoni**

BIDU/DATA TA' TLESTIJA:
Novembru 2021

● Konkluż

**OBJETTIV: Introduzzjoni ta' sistema online dwar guest management**

BIDU/DATA TA' TLESTIJA:
Ġunju 2023 – Ġunju 2024

○ Proġett għadu ħa jibda

## 8 TITJIB FIL-LIVELL TAL-KOMPETIZZJONIJIET

**OBJETTIV: Jiġu organizzati b'suċċess il-kampjonati u l-kompetizzjonijiet nazzjonali kollha fl-istaġun 2021-22**

BIDU/DATA TA' TLESTIJA:
Settembru 2021 – Ġunju 2022

● Konkluż

**OBJETTIV: Kompetizzjonijiet taż-żgħażagħ – jintlagħbu 964 partita fi tliet kategoriji**

BIDU/DATA TA' TLESTIJA:
Ottubru 2021 – Mejju 2022

● Konkluż

**OBJETTIV: Tnedija tal-policy medika**

BIDU/DATA TA' TLESTIJA:
Ottubru 2020 – Jannar 2024

● Proġett għadu għaddej

# IL-PILASTRI TAL-ISTRATEĠIJA



**1** Twettiq ta' filosofija ta' futbol unifikata għat-timijiet nazzjonali



**2** Kostruzzjoni ta' Ċentru Nazzjonali tal-Futbol f'Ta' Qali



**3** Tnedija ta' diversi proġetti fil-livell ta' grassroots, fosthom il-UEFA Playmakers

**4** Il-UEFA għażlet lill-Malta FA biex tospita l-Kampjonat Ewropew U-19 fl-2023



**5** Il-Malta FA ppreżentat identità viżiva ġdida f'April li tinkorpora logos distinti tal-Assoċjazzjoni u t-timijiet nazzjonali



**6** Ir-riforma tal-liċenzjar tal-klabbs ġiet konkluża




**7** Tnedija ta' website ġdida tal-Malta FA flimkien ma' live match centre



**8** Organizzati b'suċċess il-kampjonati u l-kompetizzjonijiet nazzjonali kollha fl-istaġun 2021-22

# Pjan strateġiku biex tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-match-fixing

**Matul l-istaġun 2021-22, il-Malta FA kkonkludiet il-proġett tal-ERASMUS organizzat mill-Counter Sport Corruption Foundation for Sport Integrity (CSCF). Dan kien jikkonsisti fi studju u taħriġ fil-pajjiżi kollha involuti bis-sehem ta' plejers nisa u anke ġuvintur fil-livell ta' grassroots. F'dan il-proġett ipparteċipaw ukoll rappreżentanti mill-assoċjazzjonijiet tal-futbol ta' Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, il-Greċja u l-Belġju, flimkien mal-Global Lottery Monitoring System (GLMS).**

Il-Malta FA qed tikkontribwixxi wkoll fi programm ieħor simili bl-isem ta' SAMF – Sports Against Match Fixing, proġett ieħor taħt il-kappa tal-ERASMUS u kordinat mill-Federazzjoni tal-Futbol Portugiża bl-imsieħba l-oħra jkunu l-Ġermanja, l-Italja, il-Litwanja u l-Olanda.

Mifrux fuq 24 xahar, dan il-proġett ikopri dawn l-oqsma – rapport ta' riċerka, kampanja ta' għarfien b'implimentazzjoni kemm online kif ukoll personali, u dak li qed jissejjaħ game-based learning. Dr Herman Mula, l-Integrity Officer tal-Malta FA, huwa mgħejjun minn Peter Busuttil, mid-Dipartiment tar-Responsabbiltà Soċjali, u l-atleta internazzjonali tal-fitness Leanne Bartolo.

## PREVENZJONI U EDUKAZZJONI

F'dan il-qasam, saru sessjonijiet online ma' disa' klabbs tal-Kampjonat Premier bħala parti mill-proċess ta' liċenzjar tal-klabbs sabiex jieħdu sehem fil-kompetizzjonijiet tal-UEFA. Dr Mula ta diversi preżentazzjonijiet oħra fosthom f'korsijiet tal-coaching tal-UEFA u f'laqgħat mal-uffiċjali tal-logħba.

L-impenn ta' dan id-dipartiment wassal ukoll għall-introduzzjoni ta' sessjonijiet fl-iskejjel sekondarji ma' studenti li jagħżlu s-suġġett tal-isport, liema sessjonijiet intlaqgħu tajjeb ferm u laħqu mhux biss plejers tal-futbol iżda wkoll atleti ta' dixxiplini sportivi oħra fosthom basketball u atletika.

## PJAN STRATEĠIKU

B'kollaborazzjoni kemm mal-FIFA kif ukoll mal-UEFA, Dr Mula fassal l-ewwel pjan strateġiku u ta' azzjoni li jirrifletti l-approċċ tal-Malta FA fir-rigward tal-ġlieda kontra l-manipulazzjoni tal-logħba tal-futbol. Dan il-pjan jikkumplimenta l-istrateġija attwali tal-Assoċjazzjoni (2020-2024) u se jiġi ppublikat fix-xhur li ġejjin.

## INVESTIGAZZJONIJIET

F'dan il-qasam kellna riżultati notevoli b'diversi persuni u anke klabbs jitressqu quddiem il-Bord tal-Imħatri u l-Korruzzjoni fil-Futbol b'eżitu pożittiv fejn ingħataw diversi sospensjonijiet u anke multi. Dan ix-xogħol qiegħed ikompli jevolvi fejn ikun hemm investigazzjonjiet oħrajn għaddejjin anke b'kollaborazzjoni mal-Korp tal-Pulizija u bis-sehem tal-Malta Gaming Authority. Sadanittant il-Malta FA qablet fuq ftehim mal-MFPA biex flimkien mal-korp tal-Pulizija jkun hemm kooperazzjoni fejn jidħol rappurtaġġ anonimu.



**Dr Herman Mula, l-Integrity Officer tal-Malta FA, jindirizza grupp ta' plejers żgħażagħ.**




# Uffiċjali Maltin jilħqu tragwardi ġodda fi staġun impenjattiv u pożittiv

L-iżvilupp tar-referees lokali jibqa' fiċ-ċentru tal-ħidma

**L-għan ewlieni għall-istaġun 2021-22 fi ħdan is-settur tar-refereeing kien li jkompli jsaħħaħ is-set-up, il-policies u l-istrateġija introdotti fl-istaġun preċedenti filwaqt li jiġi żgurat li l-uffiċjali tal-logħba kollha jkollhom l-appoġġ u l-opportunitajiet edukattivi biex jiżviluppaw fil-karriera tagħhom u jkunu preparati biex jagħmlu l-massimu tagħhom fil-grawnd.**

B'kollox 'il fuq minn 4,000 partita ġew ikkontrollati matul l-istaġun. Il-pilastri ewlenin tax-xogħol tal-Kumitat tar-Referees kienu – Governanza Tajba, Talents & Mentor, Prestazzjoni u Recruitment & Retention.

## GOVERNANZA TAJBA

Taħt il-presidenza tal-eks referee tal-FIFA, Alan Mario Sant, il-Kumitat tar-Referees għall-istaġun 2021-22 ma ra l-ebda tibdil fi ħdan il-membri tiegħu. Mario Apap kien konfermat bħala viċi-chairman, Josef Mifsud bħala segretarju tal-bord u l-membri l-oħra kienu jinkludu bosta uffiċjali tar-referees

- Clayton Pisani, Christopher Lautier, William Debattista, Gjergji Bitri u Charles Agius. Bħal fl-istaġun ta' qabel, il-Kumitat tar-Referees, wara l-ewwel laqgħa tiegħu għall-istaġun, ippubblika l-Organisational Set-Up, Roles & Responsibilities – Refereeing Committee & Department Document, li jispjega b'mod ċar ir-responsabbiltajiet tal-uffiċjali tar-referees, l-għanijiet u l-kategoriji rispettivi li huma responsabbli minnhom.

Il-Kumitat tar-Referees ħadem fi ħdan il-qafas tal-Konvenzjoni tar-Referees tal-UEFA li tenfasizza għadd ta' obbligi u parametri. Biex ikun żgurat li dawn ir-rekwiżiti jiġu sodisfatti, il-kumitat ħatar numru ta' sotto-kumitati ppreseduti mill-uffiċjali tar-referees rispettivi bi dmirijiet u għanijiet speċifiċi.

The Match Officials & Referee Observers – Categories & Match Appointments Categorisation Policy għall-2021-22 ġiet ippubblikata fil-bidu tal-istaġun b'xi bidliet mill-istaġun preċedenti biex ittejjeb aktar il-perkors mill-grassroots għal uffiċjali tal-logħba elite. Il-kategoriji tal-uffiċjali tal-logħba għall-ewwel nofs tal-istaġun 2021-22 kienu mnedija f'Lulju, u segwiti minn reviżjoni tal-lista f'Jannar 2022 għat-tieni nofs tal-istaġun.



**4,000**

**partita kkontrollati minn uffiċjali tal-logħba Maltin matul l-istaġun**

## TALENTS & MENTOR/REFEREES COACH

Il-programm Talents and Mentor għas-sena 2022 ikompli jiżviluppa fuq il-programm tas-sena 2021 b'ingaġġ ġdid ta' seba' uffiċjali tal-logħba f'Jannar għal total ta' 13; sitt uffiċjali tal-logħba kienu fit-tieni sena tagħhom tal-programm. Wara l-esperjenza fl-ewwel sena, il-Kumitat tar-Referees stabbilixxa proċess ta' għażla bi kriterji definiti u waqqaf programm ibbażat fuq il-programm CORE tal-UEFA.

Il-programm kien ikkordinat mill-assistent referee tal-FIFA Alan Camilleri u kull uffiċjal tal-logħba kellu mentor speċifiku jsegwi l-progress tiegħu/tagħha. Il-programm kien jinvolvi seminars u sessjonijiet tekniċi ta' kull xahar għall-uffiċjali tal-logħba li kienu magħżula. Il-preparazzjoni fiżika kienet waħda mill-aspetti ewlenin fil-programm filwaqt li t-Talents and Mentor rispettivi kienu segwiti permezz tal-Polar System u sessjonijiet fiżiċi speċjalizzati kull xahar.

Ir-Referees Coach System introdotta fl-istaġun preċedenti kompliet tkun attiva u kull uffiċjal tal-logħba kellu punt ta' riferiment biex jgħinu/jgħinha fl-iżvilupp tal-karriera bil-Kumitat tar-Referees ikollu set-up li jiżgura li l-uffiċjali kollha jkunu qed jiġu segwiti.

> **Fl-istaġun 2021-22 introduċejna l-pjattaforma Ref by Sports Matrix fejn il-filmati tal-logħbiet kollha tal-Kampjonat Premier intwerew fuq din il-pjattaforma, ġew analizzati teknikament minn perspettiva ta' refereeing u l-uffiċjali tal-logħba kollha kellhom aċċess dirett għall-analiżi tal-partita tagħhom**



**Wieħed mis-seminars li ġew organizzati b'mod regolari matul l-istaġun.**

## PRESTAZZJONIJIET

Wieħed mill-oqsma ewlenin ta' ħidma fis-settur tar-refereeing huwa l-edukazzjoni u l-iżvilupp tal-uffiċjali tal-logħba. L-għan tal-Kumitat tar-Referees kien li jkun hemm approċċ konsistenti fil-materjal edukattiv u direzzjoni fil-kategoriji kollha. Kull kategorija kellha seminar speċifiku ta' qabel l-istaġun li kien jinkludi direzzjonijiet tekniċi ġodda u bidliet fir-regoli tal-logħba.

Is-seminars ta' qabel l-istaġun kienu jinkludu kemm sessjonijiet fil-klassi kif ukoll sessjonijiet fil-ground inklużi metodi innovattivi ta' tagħlim. Matul is-seminars, l-uffiċjali tal-logħba kollha ġew assessjati teknikament u dawk li kisbu l-marki meħtieġa biss ingħataw liċenzja uffiċjali. Matul l-istaġun saru laqgħat tekniċi kull xahar għall-kategoriji kollha. Għall-uffiċjali tal-logħba elite ġew organizzati żewġ sessjonijiet tekniċi fix-xahar. Minħabba l-COVID-19, speċjalment matul dawk ix-xhur meta r-riskji għas-saħħa kienu għoljin u kien hemm waqfien temporanju fil-kampjonati domestiċi, saru numru ta' laqgħat online.

Fl-istaġun 2021-22 introduċejna l-pjattaforma Ref by Sports Matrix fejn il-filmati tal-logħbiet kollha tal-Kampjonat Premier intwerew fuq din il-pjattaforma u ġew analizzati teknikament minn perspettiva ta' refereeing. L-uffiċjali tal-logħba kollha kellhom aċċess dirett għall-analiżi tal-partita tagħhom biex itejbu l-iżvilupp u l-preparazzjoni tagħhom għal-logħbiet li kien imiss.

Bħall-istaġuni preċedenti, il-fitness kienet aspett importanti ħafna fil-viżjoni tar-refereeing u l-għan tal-Kumitat tar-Referees kien li jibni fuq il-policy tal-fitness introdotta fl-istaġun li għadda u jiġi adottat mod ta' analiżi ġdid tal-fitness li jirrifletti l-aħħar rekwiżiti mitluba fil-livell internazzjonali. It-taħriġ kollettiv għall-uffiċjali tal-logħba kompla fuq bażi regolari segwit minn sessjonijiet speċjalizzati għall-uffiċjali elite speċjalment waqt il-waqfien temporanju tal-Kampjonat Premier biex jiġi żgurat li l-kundizzjoni tal-fitness tal-uffiċjali tal-logħba tibqa' fl-ogħla livell. Minn dan l-istaġun id-Dipartiment tar-Refereeing ingħaqad mal-programm ta' nutrizzjoni tat-timijiet nazzjonali biex jivvalutaw u jappoġġaw lill-uffiċjali tal-logħba fil-ħajja atletika tagħhom.



Trustin Farrugia Cann sar l-ewwel referee Malti li kkontrolla partita internazzjonali li fiha ntużat il-VAR.

L-iżvilupp tal-uffiċjali tal-logħba femminili kien fuq l-aġenda tal-Kumitat tar-Referees biex jiġi żgurat li dak li nbeda fl-istaġun li għadda jiġi msaħħaħ. Sessjonijiet speċjalizzati għar-referees nisa kienu organizzati kull xahar taħt il-gwida tal-eks referee tal-FIFA, Esther Azzopardi.

Wara l-kunċett tal-istaġun li għadda li jkun hemm sessjonijiet tekniċi esklussivi għall-osservaturi tar-referees, dan l-istaġun ġew organizzati aktar sessjonijiet biex jiġi żviluppat aktar il-kunċett tar-rwol ta' coach/mentor u jingħataw aġġornamenti dwar l-aħħar direzzjonijiet mogħtija mill-UEFA meta jiġu assesjati l-uffiċjali tal-logħba.

**L-iżvilupp tal-uffiċjali tal-logħba femminili kien fuq l-aġenda tal-Kumitat tar-Referees biex jiġi żgurat li dak li nbeda fl-istaġun li għadda jiġi msaħħaħ. Sessjonijiet speċjalizzati għar-referees nisa kienu organizzati kull xahar taħt il-gwida tal-eks referee tal-FIFA, Esther Azzopardi**

## RELAZZJONIJIET INTERNAZZJONALI

David Elleray, membru tal-UEFA Referee Development Panel responsabbli għal Malta, ġie kkonfermat mill-ġdid għall-istaġun 2021-22. B'mod regolari, il-Kumitat tar-Referees kien f'kuntatt miegħu biex jirrapporta lura dwar il-progress tas-settur tar-referees u l-uffiċjali tal-logħba internazzjonali. Elleray kien ukoll il-kelliem ewlieni għas-seminar ta' qabel l-istaġun tal-uffiċjali tal-logħba elite, f'Awwissu, segwit bi żjara oħra f'Novembru fejn osserva sitt logħbiet tal-Kampjonat Premier kif ukoll saret laqgħa teknika mal-uffiċjali tal-logħba elite u mal-osservaturi tar-referees. Il-Kumitat tar-Referees kien ukoll f'kuntatt ma' uffiċjali oħra tal-UEFA biex niżguraw li bħala Assoċjazzjoni, nibqgħu naħdmu fuq il-filosofija u d-direzzjoni mogħtija mill-Kumitat tar-Referees tal-UEFA.



**L-iżvilupp tal-uffiċjali tal-logħba femminili kompla jingħata importanza mill-Kumitat tar-Referees.**

F'Jannar 2022, 17-il uffiċjal tal-logħba ġew ikkonfermati fuq il-panel tal-FIFA – Ishmael Barbara, Matthew Degabriele, Philip Farrugia u Trustin Farrugia Cann bħala referees tal-FIFA u Alan Camilleri, Christopher Francalanza, Luke Portelli, Mitchell Scerri, Edward Spiteri, Jurgen Spiteri, Duncan Sultana u Roberto Vella bħala assistenti referees tal-FIFA.

Clinton Cassar u Stephen Vella ġew ikkonfermati bħala referees tal-futsal, b'dan tal-aħħar jiġi promoss għall-ewwel kategorija tal-UEFA Futsal. Huma kienu wkoll magħżula biex jiffurmaw parti mill-UEFA Futsal Talent & Mentor Programme. Fil-beach soccer kien hemm żieda fl-uffiċjali tal-logħba fuq il-lista tal-FIFA fejn Pierre Bonnici ġie kkonfermat mill-ġdid u Andrea Naudi u Stephanie Bonnici kienu maħtura għall-ewwel darba fuq il-panel. Bonnici kienet l-ewwel uffiċjal femminili lokali li nħatret fuq il-panel u ddebuttat f'Ġunju fil-Portugall fejn laħqet tragward ieħor hekk kif kienet parti mill-ewwel logħba tal-beach soccer maskili, immexxija minn tim ta' referees magħmul minn uffiċjali nisa biss.

Il-logħbiet internazzjonali fl-istaġun 2021-22 kienu ta' impenn qawwi għall-uffiċjali internazzjonali tagħna. Huma kienu involuti f'27 appuntament internazzjonali fosthom erba' logħbiet internazzjonali A li minnhom partita tal-UEFA Nations League kienet immexxija minn Trustin Farrugia Cann, bl-użu tas-sistema tal-VAR għall-ewwel darba. Qabel ma nħatar għal din il-partita, Farrugia Cann kellu jattendi programm speċjalizzat tal-VAR mill-UEFA fit-Turkija biex jikseb liċenzja biex imexxi logħbiet b'din is-sistema. F'Ġunju 2022, ir-referee tal-FIFA, Matthew Degabriele, u l-assistent referee tal-FIFA, Luke Portelli, intagħżlu biex jikkontrollaw partiti mill-Kampjonat Finali

tal-UEFA U-19 fis-Slovakkja biż-żewġ uffiċjali jaslu sal-fażi finali tal-kompetizzjoni.

Is-settur tar-refereeing tal-futsal kien attiv ħafna wkoll fl-isfera internazzjonali bil-qofol ewlieni jkun il-15-il edizzjoni tal-kors tal-UEFA għal referees internazzjonali tal-futsal li sar f'Malta f'Novembru 2021. Il-kors serva bħala l-aħħar tħejjija għall-uffiċjali tal-logħba tal-futsal magħżula għall-UEFA Futsal Euro Final Championship. Waqt is-seminar, il-Kumitat tar-Referees ħa l-opportunità biex jiddiskuti mal-uffiċjali u l-għalliema tar-refereeing tal-UEFA dwar il-progress lokali tar-referees tal-futsal u opportunitajiet futuri. Matul l-istaġun ġew maħtura uffiċjali Maltin tal-futsal tal-FIFA għal tliet logħbiet internazzjonali.

Wara nuqqas ta' staġun minħabba s-sitwazzjoni pandemika, il-Kumitat tar-Referees ikkonkluda żewġ programmi ta' skambju tal-futsal lejn l-aħħar stadji tal-kampjonat mal-FA Olandiża u dik ta' San Marino.

Is-settur tar-referees kien preżenti wkoll f'korsijiet edukattivi li l-UEFA organizzat għall-kordinaturi u l-għalliema fl-assoċjazzjonijiet nazzjonali. It-trio Malti, immexxi mir-referee elite Darryl Agius u l-assistenti referees elite, Shawn Calleja u Kurt Saliba, ħadu sehem fil-UEFA CORE Programme f'Marzu 2022 segwit mill-parteċipazzjoni tal-UEFA CORE Coach, Alan Mario Sant, fil-programm sussegwenti. Referees żgħażagħ ipparteċipaw f'żewġ




**"Il-logħbiet internazzjonali fl-istaġun 2021-22 kienu ta' impenn qawwi għall-uffiċjali internazzjonali tagħna li kienu involuti f'27 appuntament internazzjonali fosthom erba' logħbiet internazzjonali A li minnhom partita tal-UEFA Nations League kienet immexxija minn Trustin Farrugia Cann, bl-użu tas-sistema tal-VAR għall-ewwel darba"**

seminars internazzjonali dwar l-iżvilupp tar-referees biex itejbu aktar il-ħiliet tagħhom fir-refereeing f'esperjenza internazzjonali. Dan sar b'koperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra.

Il-Malta FA kellha erba' referee observers tal-UEFA li ġew maħtura regolarment waqt il-logħbiet internazzjonali fejn tlieta minnhom attendew ukoll għall-UEFA Referee Observer Introductory Course li sar f'Settembru 2021 fl-Iżvizzera.

## REKLUTAĠĠ

Ir-reklutaġġ kien dejjem sfida u l-Kumitat tar-Referees, permezz tal-uffiċjali tal-logħba tal-grassroots u s-sotto kumitat tar-Recruitment & Retention, kompla bl-isforzi biex jilħaq u jinkoraġġixxi rekluti ġodda biex jingħaqdu bħala uffiċjali tal-logħba. Ġew organizzati total ta' tliet korsijiet bl-introduzzjoni sperimentali ta' programm ta' jumejn sħaħ minflok il-programm tas-soltu ta' tliet ġimgħat (darbtejn waranofsinhar fil-ġimgħa).

Tnediet ukoll kampanja promozzjonali speċifikament biex tattira referees femminili fit-tentattiv biex tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa. B'kollox madwar 20 referee ġdid ingħaqdu mal-Malta FA. Minbarra l-korsijiet tal-bidu, il-Malta FA ppparteċipat ukoll f'sessjonijiet ta' informazzjoni f'istituzzjonijiet edukattivi u nurseries tal-football.



# Jibdew ix-xogħlijiet fuq il-proġett taċ-Ċentru Nazzjonali tal-Futbol f'Ta' Qali

Investiment li mistenni jlaħħaq l-€10 miljuni u hu parti mill-pjan strateġiku tal-Malta FA

**Il-viżjoni tal-Assoċjazzjoni permezz tad-Dipartiment għall-Proġetti Infrastrutturali hi li nkomplu ninvestu biex titjieb l-infrastruttura tal-futbol f'pajjiżna li twassal għal aktar riżultati ambizzjużi.**

L-istaġun 2021-22 kien staġun ieħor ta' sfidi fejn l-Assoċjazzjoni kompliet taffaċċja sitwazzjonijiet diffiċli li ġabet magħha l-pandemija.

Minkejja dan kollu, komplejna naħdmu biex inwettqu aktar proġetti infrastrutturali għal ġid tal-logħba tal-futbol.

Wara l-investiment ta' żewġ miljun ewro fuq il-wiċċ ta' turf naturali ġdid fit-Training Grounds f'Ta' Qali, proġett li mhux biss tlesta fil-ħin iżda wkoll bil-budget ippjanat u b'viżjoni ċara, komplejna bil-ħidma fuq il-proġett ta' Ċentru



**F'Marzu li għadda ngħata bidu għax-xogħol ta' skavar fit-sit fejn qed jinbena ċ-Ċentru Nazzjonali tal-Futbol f'Ta' Qali.**

Nazzjonali tal-Futbol. Dan l-investiment mistenni jlaħħaq l-10 miljun ewro u hu wkoll parti mill-pjan strateġiku tal-Assoċjazzjoni.

Kien f'Jannar ta' din is-sena stess meta l-Awtorità tal-Ippjanar approvat l-iżvilupp ta' dan il-proġett, li l-għan prinċipali tiegħu hu li jkollna ċentru b'faċilitajiet tal-ogħla livell professjonali għat-timijiet nazzjonali flimkien ma' stadium ta' Kategorija 1 li ser ikun qed jintuża għall-ewwel darba waqt il-Kampjonati Ewropew ta' taħt id-19-il sena fl-2023.

F'Ottubru li għadda beda l-proċess għas-sejħa għall-offerti għal xogħol ta' skavar u kostruzzjoni u wara li ġew mixtarra l-offerti u sar rapport ta' evalwazzjoni, liema rapport ġie aġġudikat minn bord indipendenti, ġie ffirmat ftehim li wassal biex f'Marzu li għadda ngħata bidu għax-xogħol ta' skavar.

Wara diversi xogħlijiet ta' ddisinnjar, fl-aħħar ġimgħat beda wkoll il-proċess għas-sejħa għall-offerti għal installazzjonijiet mekkaniċi u elettriċi, kif ukoll installazzjoni ta' lifts bi preparazzjoni biex l-istess xogħol jibda ġa la darba jitlesta x-xogħol ta' kostruzzjoni.

## JIBDEW JINBIDLU L-PITCHES FIL-FAĊILITAJIET TAL-KLABBS

Matul l-aħħar 12-il xahar, id-dipartiment kien ukoll attiv ferm fl-implimentazzjoni tal-ftehim li ġie ffirmat mal-Gvern Lokali u li permezz tiegħu ser jinbidlu l-uċuħ tal-pitches tal-klabbs membri fuq perjodu ta' tmien snin, b'investiment ta' aktar minn sitt miljun ewro.

Fil-fatt, fl-ewwel erba' xhur ta' din is-sena ħarġu l-ewwel sejħiet għall-offerti f'erba' klabbs membri: Mellieħa SC, Mqabba FC, Żabbar St. Patrick FC u Melita FC rispettivament.

Wara li ġew analizzati l-offerti u sar rapport ta' evalwazzjoni għal kull sejħa, liema rapport ġie wkoll aġġudikat minn bord indipendenti, ġie ffirmat ftehim għal kull proġett li wassal biex f'April li għadda ngħata bidu għax-xogħol fuq il-pitches ta' Mellieħa SC u Mqabba FC, liema xogħol illum il-ġurnata hu komplut, filwaqt li beda x-xogħol ta' tħejjija fuq il-pitches ta' Żabbar St. Patrick FC u Melita FC.

> **Matul l-aħħar 12-il xahar, id-dipartiment kien ukoll attiv ferm fl-implimentazzjoni tal-ftehim li ġie ffirmat mal-Gvern u li permezz tiegħu ser jinbidlu l-uċuħ tal-pitches tal-klabbs membri fuq perjodu ta' tmien snin, b'investiment ta' aktar minn sitt miljun ewro**

Apparti dawn, fl-aħħar xhur ukoll l-Assoċjazzjoni investiet f'pitch ġdid b'sistema ġdida ta' dawl artifiċjali f'Dar San Ġużepp b'investiment ta' ftit inqas minn €300,000 bil-għan li l-istess facilità tintuża mill-Fondazzjoni Inħobb il-Futbol, mill-klabbs membri, kif ukoll mid-Dipartment tar-Responsabbilità Soċjali. Dan jixhed kemm l-Assoċjazzjoni tirrikonoxxi u tapprezza l-importanza tar-responsabbilità soċjali permezz tal-futbol.



**Ingħata bidu għall-proġett biex jinbidlu l-pitches tal-faċilitajiet tal-klabbs b'finanzjament mill-Gvern.**

Dawn il-proġetti jaqgħu taħt wieħed mill-pilastri tal-istrateġija tal-Assoċjazzjoni li tinvolvi numru ta' investimenti u żviluppi. Għalhekk, fil-ġimgħat li ġejjin ser jibda l-proċess għas-sejħa għall-offerti f'aktar klabbs membri bil-għan li jinbidlu aktar pitches fl-istaġun li ġej.

Il-ġestjoni ta' proġetti infrastrutturali hu l-qalba ta' dan id-dipartiment iżda mhux biss. Minbarra hekk, id-dipartiment jamministra fondi li ġejjin minn programmi tal-FIFA, il-UEFA u l-Gvern Lokali li huma speċifikament allokati għall-proġetti infrastrutturali. Matul din l-aħħar sena l-Assoċjazzjoni bbenefikat minn fondi tal-programm FIFA Forward, liema fondi ġew investiti fl-immaniġġjar tal-pitch tal-Istadium Nazzjonali u tal-pitches fit-Training Grounds f'Ta' Qali, bil-għan li l-kwalità tal-pitches tkun tal-ogħla livell professjonali għas-saħħa u s-sigurtà tal-plejers.

L-Assoċjazzjoni bbenefikat ukoll minn fondi tal-programm UEFA Foundation for Children li ġew investiti fil-proġett ta' Dar San Ġuzepp kif ukoll minn fondi tal-Gvern Lokali, permezz tal-Aġenzija tal-Enerġija u l-Ilma, liema fondi ġew investiti f'sistema ta' arja kundizzjonata aktar effiċjenti fl-uffiċini tal-Assoċjazzjoni, b'investiment ta' ftit inqas minn €50,000.



**Aktar klabbs membri se jibbenefikaw mill-investiment fil-bdil tal-pitches matul l-istaġun li ġej.**

Matul l-aħħar sena wkoll, l-istess dipartiment kien involut f'diversi laqgħat u kien ukoll direttament responsabbli mill-proċess tas-sejħa għall-offerti tal-proġetti msemmija. Permezz ta' dan id-dipartiment, l-Assoċjazzjoni qed tiżgura involviment akbar għal standards għoljin ta' kontabilità, governanza tajba, infrastruttura u investiment ta' kwalità għolja. ■



**Dehra tal-pitch il-ġdid fil-faċilitajiet ta' Mellieħa Sports Club.**

# Tindif, manutenzjoni u sigurtà fil-faċilitajiet tal-Assoċjazzjoni

**Id-dipartiment inkarigat miż-żamma tal-faċilitajiet tal-Malta FA jieħu ħsieb it-tindif u s-sigurtà tal-uffiċji u ż-żoni kollha tal-kwartieri tal-Assoċjazzjoni kif wkoll l-istadiums u t-toroq tal-madwar. Matul l-istaġun li għadda, dan id-dipartiment stabbilixxa tim ta' nies li huma responsabbli miż-żamma taż-żoni pubbliċi fl-Istadium Nazzjonali filwaqt li żamm kuntatt regolari ma' Cleansing Malta u Parks Malta biex isir tindif regolari fl-ispazji ta' madwar il-faċilitajiet u sabiex regolarment isir żbir tas-siġar tal-madwar.**



## MANUTENZJONI

Sar risk assessment fil-kuntest ta' saħħa u sigurtà tal-faċilitajiet kollha tal-Malta FA, liema eżerċizzju kien segwit minn azzjoni biex jiġu indirizzati issues skont ir-riżorsi disponibbli.

Id-dipartiment baqa' jikkordina kull talba għal xogħol ta' manutenzjoni u loġistika permezz ta' formola online li hija disponibbli għall-impjegati kollha tal-Assoċjazzjoni. Saru wkoll spezzjonijiet regolari u xogħol ta' manutenzjoni tal-impjanti tal-Assoċjazzjoni filwaqt li l-impjegati tal-Malta FA assistew fil-proġett ta' rinnovazzjoni tal-pitches ġewwa t-Training Grounds, liema xogħol kien jinkludi wkoll tibdil fis-sistema tal-floodlights.

Minbarra xogħlijiet ta' manutenzjoni fl-istands tal-ispettaturi u t-tinda tal-West Stand (Stadium Nazzjonali), it-tim ta' manutenzjoni ikkordina xogħlijiet ta' tisbiħ fil-Victor Tedesco Stadium u Tony Bezzina Stadium wara li kienu rilaxxati l-miżuri tal-COVID-19 kif ukoll fuq is-sistema ta' floodlights tal-Istadium Nazzjonali. L-impjegati ta' dan id-dipartiment jagħtu kontribut siewi f'xogħlijiet ta' loġistika u manutenzjoni qabel u matul kull avveniment li jsir f'Ta' Qali, inklużi partiti internazzjonali u żjarat uffiċjali bħal ma kien il-każ is-sena l-oħra meta żaru Malta l-President tal-FIFA Gianni Infantino u dak tal-UEFA Aleksander Ceferin.

## SAĦĦA U SIGURTÀ

Is-sigurtà qed tiġi mħarsa bl-introduzzjoni ta' roster fuq bażi ta' 24 siegħa bl-uffiċjali tas-sigurta jkunu nies impjegati mal-Assoċjazzjoni flimkien ma' oħrajn impjegati mal-kumpanija.

Bdiet titħaddem sistema ta' patrols li wkoll isiru madwar il-faċilitajiet kollha matul il-ġranet kollha filwaqt li qed jiġi offrut servizz ta' sigurtà waqt il-logħbiet tal-futsal.



# Impenn kontinwu biex jiżdied l-għarfien tax-xogħol imwettaq mill-Malta FA

Prominenza lit-tnedija tal-website u online match centre, rebranding u l-kits ġodda tat-timijiet nazzjonali

**Il-ħidma fi ħdan id-Dipartiment tal-Komunikazzjoni ma taqta' xejn matul is-sena. Anke għaliex id-dipartiment ikun involut b'xi mod f'kull avveniment li jsir mill-Malta FA hekk kif ir-responsabbiltà prinċipali tat-tim tal-komunikazzjoni hija li jxandar il-messaġġ tal-Assoċjazzjoni.**

## TIMIJIET NAZZJONALI

Fil-perjodi ta' futbol internazzjonali, it-tim tal-komunikazzjoni jkun impenjat ħafna aktar minn ġranet oħrajn matul is-sena hekk kif ikopri l-logħbiet kollha li jintlagħbu mit-timijiet nazzjonali li jaqgħu taħt il-kappa tal-Malta FA. Filwaqt li tingħata importanza lil-logħbiet tat-tim nazzjonali A tal-irġiel u tan-nisa u tat-tim ta' taħt il-21 sena, isir rapport dettaljat dwar kull logħba li ssir f'darna u jsiru posts fuq il-media soċjali tal-Assoċjazzjoni bir-riżultati u ritratti tal-logħba.

Barra minn hekk, f'kull perjodu ta' futbol internazzjonali (international window) issir pubblikazzjoni, li f'dawn l-aħħar xhur ħadet format diġitali, dwar il-logħbiet li t-tim nazzjonali A jkun se jilgħab li tinkludi statistika fuq it-timijiet u intervisti mal-protagonisti. Sa minn dan l-istaġun, minbarra l-MD-1 u l-konferenza stampa ta' wara l-partita, bdiet issir konferenza għall-media hekk kif il-Head Coach tat-Timijiet Nazzjonali Devis Mangia iħabbar il-lista ta' plejers li jkun għażel għall-impenji internazzjonali.

Meta t-timijiet nazzjonali jilagħbu f'darna, id-Dipartiment tal-Komunikazzjoni jieħu ħsieb ukoll l-akkreditazzjoni kemm tal-media Maltija u anke dik barranija.

## WEBSITE

F'April tal-2022, bdejna t-tranżizzjoni tal-website bejn dik antika għal waħda ġdida. Din ħadet xejra aktar moderna b'informazzjoni aktar attwali. Fis-sit issib informazzjoni dwar l-Assoċjazzjoni kif ukoll dwar id-dipartimenti kollha fi ħdan il-Malta FA.

## MATCH CENTRE

Matul din is-sena tnieda l-match centre (www. matchcentre.mfa.com.mt), li huwa sit li wieħed jista' jżur biex ikollu aċċess dirett għar-riżultati ta' kull tim f'kull kategorija tal-kompetizzjonijiet domestiċi organizzati mill-Malta FA. Dan is-sit elettroniku huwa ferm popolari ma' dawk li jsegwu l-futbol lokali u t-traffiku f'dan is-sit qiegħed kulma jmur jiżdied. Fl-istess sit wieħed jista' jaċċessa aħbarijiet relatati mal-futbol milgħub, flimkien ma' statistika fuq il-logħbiet u l-plejers tat-timijiet nazzjonali flimkien ma' highlights tal-logħbiet tal-BOV Premier League u tal-IZIBET FA Trophy.

## REBRANDING

Id-Dipartiment tal-Affarijiet Kummerċjali flimkien ma' dak tal-Komunikazzjoni kienu l-fulkru fit-tnedija tal-branding il-ġdid tal-Assoċjazzjoni u t-timijiet nazzjonali. Wara li sar ir-rebranding innifsu, xogħol id-dipartiment kien li jwassal il-messaġġ lis-soċjetà dwar din il-bidla fi ħdan l-Assoċjazzjoni. Sar video u kienet organizzata konferenza tal-aħbarijiet li permezz tagħhom kienu spjegati d-dettalji u l-ħsieb wara l-logos il-ġodda u d-differenzi ta' bejniethom filwaqt li saret kampanja ta' informazzjoni fuq it-televiżjoni u l-gazzetti.



**"Id-Dipartiment tal-Affarijiet Kummerċjali flimkien ma' dak tal-Komunikazzjoni kienu l-fulkru fit-tnedija tal-branding il-ġdid tal-Assoċjazzjoni u t-timijiet nazzjonali. Wara li sar ir-rebranding innifsu, xogħol id-dipartiment kien li jwassal il-messaġġ lis-soċjetà dwar din il-bidla fi ħdan l-Assoċjazzjoni"**




**Waħda mill-konferenzi tal-aħbarijiet indirizzati minn Devis Mangia meta tissejjaħ l-iskwadra nazzjonali għall-partiti internazzjonali.**

## TNEDIJA TA' KITS ĠODDA TAT-TIM NAZZJONALI

Filwaqt li Erreà nedew il-kits il-ġodda li jaqgħu taħt il-UEFA Kit Assistance Scheme f'Parma f'Mejju, fl-istess ġurnata d-Dipartiment tal-Komunikazzjoni u dak tal-Marketing varaw video biex ikunu mnedija l-kits home u away tat-tim nazzjonali Malti. Fl-istess ħin saret ħidma konġunta mal-istess ditta Erreà fuq kampanja għall-media.

> **"Wara sena ta' ħidma tajjeb li wieħed iħares lura u jara x'sar tajjeb u x'sar ħażin, biex filwaqt li jkun sostnut it-tajjeb, il-ħażin jitranġa. Id-dipartiment hu kommess li jkompli jxerred u jsib spazju biex is-soċjetà Maltija tkompli tisma' u tagħraf ix-xogħol kbir li jsir fi ħdan il-Malta Football Association"**

## LOGĦOB U KOMPETIZZJONIJIET DOMESTIĊI

Wara sentejn li l-kompetizzjonijiet domestiċi kienu mwaqqfa minħabba l-pandemija, din is-sena dawn setgħu jibqgħu sejrin sal-aħħar. Id-Dipartiment tal-Komunikazzjoni provda akkreditazzjoni għall-membri kollha tal-media anke dawk tal-klabbs. Il-maġġiorparti ta' dan ix-xogħol sar fil-bidu tal-istaġun però sal-aħħar ġranet tal-istaġun id-dipartiment baqa' jirċievi talbiet għall-akkreditazzjoni.

It-tliet kampjonati kienu koperti ġimgħa b'ġimgħa b'artikli fuq il-website u posts fuq il-mezzi soċjali, bil-ħidma tintensifika hekk kif jinqalgħu attivitajiet speċifiċi bħall-kampanja Solidarity with Ukraine. Minbarra hekk, din is-sena t-tħabbira tal-Plejer u Coach tax-Xahar kienet strutturata aħjar b'video li jiżvela min hu r-rebbieħ, flimkien ma' artiklu fuq il-website, liema artiklu ntbagħat flimkien ma'



**Qabel il-finali tal-IZIBET FA Trophy saret kampanja fl-iskejjel bit-trofew jittieħed fl-erba' skejjel fil-lokalitajiet tat-timijiet semi-finalisti.**





It-tnedija tal-Kampjonat BOV Premier fil-bidu tal-istaġun li għadda.

ritratti tal-preżentazzjoni lill-membri tal-media bħalma kien isir qabel.

Saru diversi konferenzi tal-aħbarijiet matul l-istaġun bit-tema tagħhom tkun tvarja. Fost l-oħrajn saru avvenimenti fejn ittellgħu l-poloz online, b'uħud minn dawn isiru wkoll live fuq it-televiżjoni fosthom il-fażi finali tal-IZIBET FA Trophy u tal-aħħar fażi tal-kampjonat. Qabel il-finali tal-IZIBET FA Trophy, saret kampanja fl-iskejjel bit-trofew jittieħed fl-erba' skejjel fil-lokalitajiet tat-timijiet semi-finalisti biex dawn ikunu jistgħu jitgawdew mit-tfal filwaqt li titqajjem kuxjenza anke fil-lokalità.

F'kull żjara attendew ukoll żewġ plejers mit-timijiet li lagħbu, tkellmu mat-tfal u qasmu l-esperjenza tagħhom magħhom. Għall-istess kompetizzjoni kienu organizzati konferenzi tal-aħbarijet biex



Il-match programme diġitali dwar il-partiti tal-UEFA Nations League li ntlagħbu f'Ġunju.

il-media tkun tista' tagħmel il-mistoqsijiet tagħha lill-protagonisti filwaqt li nkomplu nagħtu spinta fl-għarfien tal-kompetizzjoni.

Ovvjament, id-dipartiment kien preżenti fil-preżentazzjonijiet kollha li saru fi tmiem l-istaġun lir-rebbieħa kemm fil-kampjonat domestiku femminili u anke dak maskili.

Id-dipartiment jieħu ħsieb ukoll il-grafika kollha li tittella' fuq il-mezzi soċjali tal-Assoċjazzjoni u l-website. Il-grafika tvarja minn fixtures tal-Kampjonat Premier, għall-grafika li turi l-ewwel ħdax tal-logħbiet tat-tim nazzjonali, għal oħrajn li juru l-arranġamenti tat-traffiku u attivitajiet oħra.

Wara sena ta' ħidma tajjeb li wieħed iħares lura u jara x'sar tajjeb u x'sar ħażin, biex filwaqt li jkun sostnut it-tajjeb, il-ħażin jitranġa. Id-dipartiment hu kommess li jkompli jxerred u jsib spazju biex is-soċjetà Maltija tkompli tisma' u tagħraf ix-xogħol kbir li jsir fi ħdan il-Malta Football Association. ■

**Facebook**
**45,700+ Likes**

**Instagram**
**12,000+ followers**

**Twitter**
**2,100+ followers**



# Identità viżiva ġdida, kits tat-timijiet nazzjonali u tisħiħ tal-isponsorships fuq nett tal-aġenda

**Id-Dipartiment Kummerċjali ssokta bil-ħidma tiegħu biex ikompli jimmassimizza l-valur ta' kull brand, kompetizzjoni u attività tal-Assoċjazzjoni u dan wassal għal riżultati pożittivi ferm. Matul l-istaġun, il-Malta FA daħlet f'partnerships ġodda ma' numru ta' entitajiet mis-settur privat fejn jidħlu kompetizzjonijiet domestiċi u anke t-timijiet nazzjonali filwaqt li kompla jissaħħaħ l-impenn fil-qasam tal-esports.**

## REBRANDING

Waqt l-aħħar Assemblea Ġenerali, il-Malta FA żvelat ir-rebranding tagħha, f'konformità mal-istrateġija għall-futbol Malti 2020-2024 'We Can Perform Better'.

L-identità viżiva l-ġdida tal-Malta FA tirrispetta l-istorja twila u t-tradizzjoni tagħha li żżomm is-salib tal-kavallieri bi tmien ponot fil-qalba kemm tal-logo tat-tim nazzjonali kif ukoll tal-logo korporattiv.

Il-proċess tad-disinn ġie fdat lid-ditta Frame bbażata fi Glasgow, li għandha portafoll qawwi ta' proċessi ta' rebranding fil-futbol internazzjonali. Dan l-eżerċizzju sar bl-appoġġ tal-UEFA permezz tal-programm GROW, inizjattiva biex tgħin assoċjazzjonijiet nazzjonali b'għarfien espert u konsulenza esterna.

***It-Timijiet Nazzjonali*** - L-objettiv wara l-logo tat-tim nazzjonali huwa li jirrifletti l-kompetittività permezz ta' xogħol u dedikazzjoni. It-tim nazzjonali




huwa kapaċi jrawwem sens ta' appartenenza, għaqda u kburija. Għaldaqstant il-logos huma msawra mir-rieda li nkunu aktar kompetittivi, ħidma kontinwa, il-qlubija, u konvinzjoni fil-mod kif it-timijiet jippreparaw għall-impenji internazzjonali.

***L-Assoċjazzjoni*** - L-objettiv wara l-branding tal-Assoċjazzjoni huwa biex il-futbol ikun mezz biex jinbena spirtu pożittiv u immaġni tan-nazzjon. Kif intqal fil-missjoni tagħha, il-Malta FA hija impenjata biex:

- Tkabbar u ttejjeb il-logħba tal-futbol u n-nies fiha fil-livelli kollha.
- Tinkoraġġixxi, trawwem u tiffaċilità bidla soċjali pożittiva biex titħaddan kultura sportiva.
- Tippromwovi l-kburija u l-għaqda nazzjonali hekk kif taħdem biex tilħaq standards għoljin fil-livelli kollha u tispira lin-nies involuti fil-logħba.




**Luke Bartolo rebaħ il-BOV ePremier League f'isem Sliema Wanderers.**

Is-salib tal-kavallieri tpoġġa fil-qalba tal-logo korporattiv tal-Assoċjazzjoni wkoll. F'kull kantuniera taċ-ċirku ċentrali, inħolqot l-ittra 'M' biex tirrappreżenta lil Malta. L-iskrizzjoni aktar informali Malta FA u s-sena tal-fondazzjoni jikkumplimentaw iċ-ċirkonferenza. It-tliet linji fuq it-truf ta' barra tal-logo jirrappreżentaw il-kategoriji differenti tal-logħba: maskili, femminili u l-grassroots.




**'Lil din l-art ħelwa' - L-ewwel sentenza tal-innu nazzjonali tinsab fuq in-naħa tal-għonq tal-kits il-ġodda tat-timijiet nazzjonali.**

## KITS ĠODDA

Wara t-tħabbira uffiċjali tal-UEFA Kit Assistance Scheme, f'Novembru li għadda, il-Malta FA fl-aħħar xhur ippreżentat il-kit tat-tim nazzjonali ġdid magħmul mid-ditta Taljana Erreà. Il-kits tal-partita u dak tat-taħriġ intlibsu għall-ewwel darba mit-timijiet nazzjonali A u dak ta' taħt il-21 sena waqt l-impenji tagħhom f'Ġunju.

Il-Malta FA kienet involuta fil-proċess tad-disinn, li beda lura f'Ottubru. Minbarra li jinkludu s-salib ta' tmien ponot li ġie introdott fil-logo l-ġdid tal-Malta FA, il-kits għandhom disinn tal-istess salib minsuġ aktar fl-iskur. Innovazzjoni oħra li tidher fil-parti ta' ġewwa tal-għonq tal-kits hija iskrizzjoni minn silta tal-innu nazzjonali tagħna, "Lil din l-art ħelwa", li tfakkar lil kull min jilbes il-flokk ikun qed jagħmel dan bi kburija u dinjità.

## ESPORTS

Għal dawn l-aħħar tliet snin, il-Malta FA kienet ilha tesplora d-dinja virtwali li hija l-esports hekk kif din qed tkompli tkun storja ta' suċċess kbir. Il-Bank of Valletta reġa' wera l-fiduċja tiegħu fil-Malta BOV ePremier League għat-tielet sena konsekuttiva, flimkien ma' Be Exclusive, TVMNEWS+, Gaming Malta, Disrupt, The Point, Pepsi, Melita, u Jack Link's li appoġġaw lil dan is-settur.

L-edizzjoni ta' din is-sena saret minn Diċembru sa Mejju b'erba' stadji biex saru magħrufa ċ-champions tal-BOV ePremier League. Aktar minn 300 plejer ipparteċipaw fil-kwalifikazzjonijiet online biex jippruvaw isaħħu posthom fil-fażi ta' kwalifikazzjoni li saret fis-Centenary Stadium. Tnejn u tletin plejer ikkwalifikaw u ssieltu biex jikkonsolidaw posthom fost l-elite u jirrappreżentaw wieħed mit-timijiet tal-Premier League.



It-tim Malti kellu wirjiet pożittivi fil-FIFA eNations Cup.

It-12-il klabb lagħbu l-fażi tal-gruppi fi studio mill-aktar avvanzat fil-Millennium Stand, u l-partiti xxandru fuq it-televiżjoni minn TVMNEWS+ bħala parti mill-programmi sportivi tiegħu. Tmien klabbs avvanzaw għall-fażi tan-Knock-Out, fejn l-avveniment kien miftuħ għall-pubbliku fil-Campus Theatre tal-Università, fil-Belt Valletta.

Luke Bartolo, li jirrappreżenta lil Sliema, rebaħ il-logħba kontra Gianluca Sant ta' Santa Lucia biex ta l-ewwel titlu lill-Wanderers u waqqaf id-dominanza tal-istess Santa Lucia fil-kampjonat permezz ta' rebħa fil-ħin barrani. Duane Mercieca ta' Gżira United spiċċa fit-tielet post.

Malta resqet ferm viċin li tikteb l-istorja tal-esports lokali iżda naqset milli tikkwalifika għall-FIFA eNations Cup f'Copenhagen proprju fl-aħħar ostaklu. Luke "Lukebartolo99" Bartolo, Shaun "Brandsha" Galea, u Michael Owen "xmizumt" Micallef irrappreżentawna fl-ogħla livell b'wirjiet mill-aqwa fejn għelbu lil pajjiżi bħall-Ingilterra, Spanja u Franza.

## SPONSOR ĠDID

Riċentement, il-Malta FA ħabbret ftehim ta' sleeve-sponsorship ma' ditta tal-Gaming, Xace, bħala sħab uffiċjali tat-tim nazzjonali A u dak ta' taħt il-21 sena.

Bħala alternattiva bankarja, Xace toffri firxa ta' għażliet ta' kontijiet online, FX u pagamenti mfassla apposta għas-swieq tal-iGaming.

Il-ftehim ta' sentejn, jiġifieri sal-2024, se jkopri żewġ kompetizzjonijiet ewlenin tal-UEFA tat-tim nazzjonali A, jiġifieri l-UEFA Nations League u l-UEFA EURO 2024. Il-marka Xace se tkun viżibbli fuq il-ħwejjeġ li jintlibsu mill-plejers tat-tim nazzjonali tal-kbar u dak ta' taħt il-21 sena li jinkludu ilbies ta' taħriġ u leisure flimkien ma' espożizzjoni tad-ditta f'avvenimenti tal-media li jduru madwar dawn it-timijiet nazzjonali bħal konferenzi tal-aħbarijiet u intervisti.




**BNF Bank sar l-ewwel sponsor uffiċjali tal-kampjonati nazzjonali taż-żgħażagħ organizzati mill-Fondazzjoni Inħobb il-Futbol.**

## L-EWWEL SĦUBIJA KUMMERĊJALI GĦALL-FONDAZZJONI INĦOBB IL-FUTBOL

Il-BNF Bank sar l-ewwel sponsor uffiċjali tal-kompetizzjonijiet nazzjonali taż-żgħazagħ, jiġifieri l-kampjonati ta' taħt is-17, 15 u 14-il sena, li jkopri perjodu ta' sentejn. Dan huwa l-ewwel sponsor li kisbet il-Fondazzjoni Inħobb Il-Futbol (IFF) sa mill-bidu tagħha bħala waħda mill-prijoritajiet strateġiċi tal-Malta FA fil-progress tal-livell tal-grassroots.

Wara li għaddiet l-ewwel sena ta' dan il-ftehim u wara assenza ta' sentejn, il-BNF Bank u l-Fondazzjoni ospitaw is-serata tal-premjijiet tal-BNF National League 2021-22 fis-Centenary Hall fejn it-timijiet rebbieħa u dawk promossi, l-aqwa skorers u r-rebbieħa tal-unur Fair Play kienu l-protagonisti ewlenin. Huma ġew ippreżentati bi premjijiet mogħtija minn rappreżentanti tal-BNF Bank u l-membri tal-bord tal-Fondazzjoni.

## FAN ZONE WAQT IL-FINALI TAL-IZIBET FA TROPHY

Wara nuqqas ta' sentejn, il-Ħadd 15 ta' Mejju ntlagħbet il-finali tant mistennija tal-IZIBET FA Trophy fl-Istadium Nazzjonali, f'Ta' Qali, bejn ir-rivali eterni Valletta u Floriana.

Il-Malta FA, flimkien mal-klabbs rispettivi, organizzaw żewġ fan zones separati qabel il-partita. Il-fan zone ta' Valletta FC kienet quddiem il-Millennium Stand, filwaqt li l-fan zone ta' Floriana FC kienet quddiem is-Centenary Stadium.

Il-fan zones offrew firxa ta' attivitajiet, mużika, u divertiment, li ħolqu atmosfera madwar l-Istadium Nazzjonali. Il-partitarji ħadu ritratti mal-mascot tat-timijiet u saru wkoll face paintings għall-partitarji tfal filwaqt li l-klabbs rispettivi ngħataw ukoll l-opportunità li jbiegħu souvenirs minn stands fiż-żoni tagħhom.

Wara s-suċċess ta' dawn il-fan zones, il-Malta FA rreplikat dan il-kunċett qabel il-partiti mill-UEFA Nations League tat-tim nazzjonali A kontra l-Estonja u San Marino f'Ġunju, flimkien mal-organizzaturi tal-avvenimenti Sound Salon u s-South End Core. ■




**Il-finali tal-IZIBET FA Trophy, bejn Floriana u Valletta, attirat interess kbir.**



# Id-Dipartiment tal-FSR iwessa' d-diversità tal-proġetti soċjali

Jiżdiedu l-inizjattivi favur l-inklużjoni, iktar opportunitajiet ta' stil ta' ħajja attiva għall-anzjani u għarfien akbar dwar vjolenza domestika

**Id-Dipartiment tar-Responsabbiltà Soċjali (Football Social Responsibility) reġa' kien attiv ħafna matul l-istaġun b'ħidma kontinwa fuq il-proġetti li għaddejjin kif ukoll fuq it-tnedija ta' proġetti ġodda b'kollaborazzjoni ma' msieħba lokali u internazzjonali.**

Il-UEFA għażlet lill-Malta FA għal żewġ proġetti pilota - l-Outraged Project u l-UNITY EURO Cup. Il-proġett Outraged huwa bbażat fuq id-dokumentarju bl-istess isem bid-dipartiment tal-FSR jagħmel żjarat fl-iskejjel biex iwassal messaġġ b'saħħtu favur id-diversità u l-inklużjoni.



It-tim Malti tal-futbol tal-Ispecial Olympics iltaqgħu mal-plejers tat-tim nazzjonali A waqt sessjoni ta' taħriġ fl-Istadium Nazzjonali.



**Anzjani jżuru l-Mużew tal-Futbol Malti grazzi għall-proġett #mytime.**

Il-UNITY EURO Cup, li sar fil-kwartieri ġenerali tal-UEFA f'Nyon lejn l-aħħar ta' Ġunju, ra l-parteċipazzjoni ta' tmien nazzjonijiet Ewropew fosthom Malta permezz tal-Malta FA li ġiet mistiedna tibgħat tim ta' refuġjati u plejers Maltin nisa u rġiel biex jipparteċipaw f'tournament tal-futbol organizzat mill-UEFA u l-UNHCR.




**Inizjattivi ta' solidarjetà mal-poplu Ukren.**

Id-Dipartiment tal-FSR qed jaħdem ukoll fuq il-proġett il-ġdid tal-UEFA ta' sostenibbiltà għall-2030, u aktar tard din is-sena se jiffinalizza strateġija dwar il-valuri u l-għanijiet marbuta mar-responsabbiltà soċjali tal-futbol sal-2030.

## PROĠETTI 2021-2022

- **Proġett Ballun Crossbars:** Sessjonijiet ta' inklużjoni tal-futbol f'ċentri ta' detenzjoni u faċilitajiet korrettivi.
- **#mytime:** Animazzjoni tal-futbol u proġett tal-futbol tal-mixi mal-anzjani ġewwa u barra djar residenzjali.

- **Family Football:** L-involviment ta' familji u tfal li jattendu nurseries f'sessjonijiet tal-futbol u festivals tal-futbol.

- **Kulfutbol:** Ħidma kontinwa fuq il-ħolqien ta' app divertenti dwar in-nutrizzjoni u t-taħriġ fiżiku għaż-żgħażagħ.

- **Being There:** Xogħol kontinwu b'kollaborazzjoni ma' Richmond Foundation u ffinanzjat mill-UEFA Foundation for Children biex jinħolqu sessjonijiet relatati mal-futbol għal persuni fi ħdan l-ispettru tal-awtiżmu u b'kapaċitajiet mentali varji.

- **Progres:** Proġett EPlus dwar il-gender mainstreaming bil-għan li iktar nisa jkollhom opportunitajiet ta' impjiegi fil-futbol u fl-isports, b'mod partikolari fil-klabbs u l-Malta Football Association.

- **Skills4Sports:** Iffinanzjat mill-UE, dan il-proġett hu mmirat li jżid l-impjegabbiltà tan-NEETs billi jindirizza d-differenza fil-ħiliet fis-settur tal-isports, partikolarment il-futbol.






**Saru diversi żjarat fl-iskejjel bħala parti mill-kampanja Outraged li tibgħat messaġġ b'saħħtu kontra r-razziżmu u favur id-diversità.**

- **Pass:** Proġett iffinanzjat mid-Direttorat tal-Isport tal-UE biex jinħolqu 13-il Football Inclusive Hub f'Malta u Għawdex, ibbażati fuq l-inklużjoni u l-integrazzjoni ta' refuġjati u nies vulnerabbli soċjalment b'mod ġenerali.

- **Play Football Live Football:** Proġett iffinanzjat mid-Direttorat tal-Isport tal-UE bbażat fuq sessjonijiet tal-futbol fi klabbs tal-futbol lokali u l-ħolqien ta' ħames timijiet tad-dilettanti, li tnejn minnhom ipparteċipaw fil-kampjonati tal-Futsal u tal-Beach Soccer: Dream FC, Spark FC, LFPF FC, Ħal Far FC u Ta' Qali United.

- **Football for a Better Chance:** Proġett EPlus flimkien mal-FIGC; il-ħolqien ta' sessjonijiet ta' futbol dedikati għall-coaches li jaħdmu ma' plejers żgħażagħ vulnerabbli.



Membri tat-tim nazzjonali tan-nisa żaru l-Association for Abandoned Animals fi Frar f'attività ta' responsabbiltà soċjali.

- **Special Olympics Invitational Games:** Il-Malta FA kienet strumentali biex torganizza l-logħob tal-futbol b'suċċess u tgħin lit-timijiet tal-Ispecial Olympics b'mod loġistiku, b'referees, kordinaturi u voluntiera.

Fl-aħħar ġimgħat id-dipartiment tal-FSR beda jaħdem fuq erba' proġetti ġodda b'kollaborazzjoni mal-UEFA u assoċjazzjonijiet nazzjonali oħra tal-futbol:

- **SAMF:** B'kollaborazzjoni mad-Dipartiment tal-Integrità, il-Malta FA qed tipparteċipa f'dan il-proġett EPlus biex tinħoloq kampanja nazzjonali ta' għarfien pubbliku dwar l-effetti negattivi tal-manipulazzjoni tal-isport (match-fixing).
- **Goalscorer:** Proġett EPlus ibbażat fuq it-taħriġ ta' coaches tal-futbol biex jidentifikaw u jindirizzaw każijiet ta' vjolenza domestika u bbażata fuq is-sess.
- **Fairer:** Proġett EPlus ibbażat fuq il-ħolqien ta' opportunitajiet għaż-żgħażagħ f'sitwazzjonijiet vulnerabbli b'sessjonijiet dedikati ta' taħriġ tal-futbol għall-coaches u l-plejers. Kontinwazzjoni tal-proġett tal-futbol Better Chance
- **All In and Win:** Proġett EPlus ibbażat fuq il-ħolqien ta' għarfien dwar soluzzjonijiet rigward kwistjonijiet omofobiċi fil-futbol.

Bħalissa għaddejja ħidma dwar il-ħolqien ta' programm FSR Assist għall-klabbs li se jippermettilhom jimpenjaw ruħhom mal-komunitajiet tagħhom u joħolqu opportunitajiet aħjar tal-futbol barra u fil-ground. ■



Malta kienet fost tmien nazzjonijiet li ħadu sehem fl-ewwel edizzjoni tal-UNITY EURO Cup, li saret f'Nyon.

# Iktar opportunitajiet ta' żvilupp għall-impjegati tal-Assoċjazzjoni

## Imniedi l-Malta FA Employee Handbook wara l-approvazzjoni tal-Bord Eżekuttiv

**L-objettiv ewlieni tad-Dipartiment tar-Riżorsi Umani għall-istaġun 2021-22 kien li jsaħħaħ l-appoġġ organizzattiv mogħti lid-dipartimenti u lill-impjegati kollha u jżied l-opportunitajiet ta' żvilupp tal-impjegati.**

Assoċjazzjoni dinamika li tkun qed tikber ġġib magħha sfidi ta' qafas organizzattiv li qed jevolvi kif ukoll talbiet ogħla għar-riżorsi umani. Matul l-istaġun, id-dipartiment immonitorja l-livelli tal-għadd tal-ħaddiema biex jiżgura li fejn hu possibbli, ir-riżorsi jiġu riallokati biex ikopru aħjar l-ħtiġijiet tal-Malta FA. Twettqu numru ta' proċessi ta' reklutaġġ prinċipalment minħabba t-tibdil tal-impjegati jew l-ingaġġ ta' professjonisti speċjalizzati/tekniċi minħabba t-tkabbir fid-dipartimenti.

Il-COVID-19 kompliet iġġib l-isfidi u bħala Assoċjazzjoni aċċertajna li nkomplu nibbenefikaw mill-għajnuna finanzjarja u l-iskemi kollha mogħtija lill-entitajiet milquta mill-COVID-19, bħall-iskema tas-supplimenti tal-pagi u skemi oħra ta' benefiċċji tal-fondi tal-impjiegi.

L-iżvilupp tal-istaff huwa wieħed mill-pilastri tad-Dipartiment tar-Riżorsi Umani u meta tnaqqsu r-restrizzjonijiet tal-COVID-19, l-Assoċjazzjoni ħadet l-opportunità biex torganizza programm ta' taħriġ imfassal apposta u bbażat fuq l-elementi ewlenin mibnija mill-istrateġija tal-Malta FA għall-impjegati kollha. It-taħriġ sar fil-bini tal-Malta FA u kull membru tal-istaff kien mistieden jattendi programm ta' taħriġ ta' jum sħiħ marbut mal-Viżjoni, il-Missjoni u l-Valuri tal-Assoċjazzjoni.




**"Meta tnaqqsu r-restrizzjonijiet tal-COVID-19, l-Assoċjazzjoni ħadet l-opportunità biex torganizza programm ta' taħriġ imfassal apposta u bbażat fuq l-elementi ewlenin mibnija mill-istrateġija tal-Malta FA għall-impjegati kollha"**




**Il-Malta FA organizzat b'suċċess kors tal-UEFA Certificate in Football Management.**

L-Assoċjazzjoni rnexxielha tikseb finanzjament sħiħ tal-UE għall-programmi ta' taħriġ rispettivi. Opportunitajiet oħra ta' żvilupp tal-impjegati ġew offruti lil numru ta' impjegati inkluż sponsors ta' programmi tekniċi speċjalizzati, UEFA Certificate in Football Management, seminars tal-UEFA Online, programmi ta' taħriġ dwar saħħa u sigurtà, u sessjonijiet ta' taħriġ fuq il-post tax-xogħol.

Wara l-proċess tal-bidu għall-introduzzjoni tal-Employee Handbook lejn tmiem l-istaġun preċedenti, saret sessjoni ta' konsultazzjoni mad-diretturi kollha għal reazzjonijiet u emendi. Il-pubblikazzjoni tal-ewwel edizzjoni tal-Malta FA Employee Handbook kienet approvata mill-EXBO u mnedija mal-istaff kollu. Dawn ir-regolamenti organizzattivi interni jinkludu għadd ta' proċeduri tal-impjegati li se jirregolaw aspetti differenti tar-Riżorsi Umani bħall-benessri, id-drittijiet u l-komunikazzjoni bejn l-impjegati, l-ilmenti u l-proċeduri dixxiplinarji.

> **L-għan tad-Dipartiment tar-Riżorsi Umani huwa li jkompli jintroduċi għodod u ideoloġiji li jgħinu fit-tkabbir tal-karriera tal-impjegati biex itejbu l-ħiliet u l-kontribuzzjoni tagħhom**

Id-Dipartiment tar-Riżorsi Umani fuq bażi regolari kien involut f'numru ta' verifiki finanzjarji li żguraw li qed tiġi segwita governanza amministrattiva tajba speċjalment f'oqsma ta' kuntratti tax-xogħol, pagi, u regolamenti legali oħra tal-impjiegi.

L-għan tad-Dipartiment tar-Riżorsi Umani huwa li jkompli jintroduċi għodod u ideoloġiji li jgħinu fit-tkabbir tal-karriera tal-impjegati biex itejbu l-ħiliet u l-kontribuzzjoni tagħhom.

# Implimentazzjoni diġitali tal-proċessi interni

**Bħala parti mill-proċess tar-riformi fil-governanza fi ħdan l-Assoċjazzjoni, numru ta' proċessi interni, speċjalment dawk relatati mal-proċess tal-procurement, bdew jiġu diġitalizzati. Permezz tal-pjattaforma diġitali Kissflow, diversi proċessi ġew simplifikati u l-komunikazzjoni interna rigward approvazzjoni ta' infiq ġiet imtejba u iffaċilitata.**

Permezz ta' din il-pjattaforma diġitali, id-Dipartiment tal-Finanzi flimkien mal-amministrazzjoni se jkunu qegħdin jissorveljaw u jikkontrollaw kostantament l-ispiża ta' kull dipartiment iktar mil-viċin, u dan sabiex jiġi żgurat li s-servizzi u l-oġġetti mixtrija huma skont il-linji gwida finanzjarji tal-Assoċjazzjoni.

Proċessi oħra li ġew inklużi f'din il-pjattaforma huma l-prenotazzjonijiet tal-ivjaġġar u t-trasport speċjalment mis-settur tekniku kif ukoll il-proċedura biex jinħarġu l-kontijiet mid-dipartimenti konċernati.

## KUMITAT GĦAD-DJALOGU SOĊJALI

Il-Kumitat għad-Djalogu Soċjali ltaqa' erba' darbiet dan l-istaġun u t-temi ta' diskussjoni kienu relatati prinċiparjament ma':

- Status ta' plejers li jilagħbu fin-National Amateur League li għadhom taħt kuntratt professjonali peress li wara r-riforma tal-liċenzjar, plejers li jilagħbu f'din il-kategorija għandhom ikunu amatorjali.
- Riforma regolatorja dwar klabbs li jkollhom projbizzjoni.
- Is-sitwazzjoni u l-possibilità ta' tibdil fir-regolamentit relatati mal-kumpens ta' taħriġ.




- Possibiltà ta' tibdil fir-regolamenti fejn jidħlu coaches li jkollhom il-kuntratt tagħhom terminat matul l-istaġun

Dawn id-diskussjonijiet, li kienu jinvolvu rappreżentanti tal-klabbs minn kull diviżjoni, kif ukoll l-Malta Football Players Association (MFPA) u l-Malta Football Coaches Association (MFCA) wasslu għal proposti ta' tibdil fir-regolamenti li jiġu eventwalment ippreżentati lill-Bord Eżekuttiv.

## FORMOLI DIĠITALI GĦALL-PROTESTI, APPELLI U COMPLAINTS

Sabiex tgħin lill-klabbs, assoċjazzjonijiet membri u individwi in generali, il-Malta FA bdiet proċess biex protesti, appelli u complaints jiġu mressqa permezz ta' formoli diġitali. L-informazzjoni li wieħed irid jipprovdi f'dawn il-formoli, li se jkunu disponibbli online fuq il-portal info.mfa.com.mt, hija bbażata fuq ir-regolamenti attwali tal-Malta FA. Dan se jgħin lil min qiegħed jippreżenta protest, appell jew ilment biex idaħħal l-informazzjoni kollha. Din il-prassi hija diġà użata mill-UEFA u l-FIFA.

B'dawn il-formoli diġitali, protesti, appelli u complaints se jkunu awtomatikament diretti lill-persuni responsabbli fi ħdan is-Segretarjat tal-Assoċjazzjoni u b'hekk imressqa quddiem il-bordijiet konċernati fi żmien qasir.

## SALVAGWARDJI GĦAR-REPUTAZZJONI TAL-ASSOĊJAZZJONI

Fi Frar 2022, il-Bord Eżekuttiv approva d-dokument 'Reputational Risk Management Policy', li kif iġib l-isem huwa intiż li jirregola istanzi fejn l-involviment ta' persuna jġib miegħu riskju ta' dannu għar-reputazzjoni tal-Assoċjazzjoni. B'mod partikolari dawn jinkludu każijiet fejn persuna msieħba ma' membru tal-Assoċjazzjoni tkun akkużata jew misjuba ħatja ta' reat kriminali serju. Huwa obbligu tal-klabbs u assoċjazzjonijiet membri li jiżvelaw meta xi affiljat tagħhom ikun f'ċirkostanzi bħal dawn.

## IR-RIFORMA FIL-LIĊENZJAR FIL-KLABBS APPROVATA

Kienu approvati wkoll ir-regolamenti li jimplimentaw riforma fil-liċenzjar tal-klabbs wara konsultazzjoni wiesgħa li bdiet minn ħidma ta' sena u nofs minn kumitat imwaqqaf apposta. Dawn ir-regoli jinkludu miżuri kontra reati finanzjarji wara li anki hawn ittieħdu l-pariri ta' Bord ta' Konsultazzjoni li ddiskuta dawn it-temi. Apparti r-rekwiżiti tekniċi, illum kull klabb irid jiżgura li jiżvela l-oriġini tad-dħul finanzjarju permezz ta' dokumentazzjoni li tikkonferma l-identità tal-benefattur.

## MOU MAL-KLABBS FID-DIVIŻJONIJIET KOLLHA

Għat-tieni darba, qiegħed jiġi miftiehem Memorandum of Understanding (MoU) bejn il-Malta FA u l-klabbs tal-Premier League u ċ-Challenge League kif ukoll għall-ewwel darba MoU mal-klabbs tan-National Amateur League. Dan l-MoU jiġbor f'dokument wieħed numru ta' prinċipji u inċentivi applikabbli għat-tliet diviżjonijiet filwaqt li jistabbilixxi għanijiet u aspettattivi reċiproċi mill-partijiet kollha involuti.

Il-MoU jkopri staġun u jmiss aspetti ta' rilevanza diretta għall-klabbs bħal ftehim dwar id-dati ewlenin tal-kalendarju tal-istaġun u aċċess għal numru ta' skemi ta' appoġġ li ġew ikkonfermati mill-ġdid. L-MoU ikopri tliet sezzjonijiet ewlenin - skemi tal-Malta FA, kalendarju u l-qafas regolatorju sportiv.




**Il-Malta FA ffirmat Memorandum of Understanding mal-klabbs tal-Premier, Challenge u National Amateur League.**

# Enfasi fuq l-impenji tat-tim nazzjonali u l-iżvilupp taż-żgħażagħ

**Matul l-istaġun li għadda, it-tim nazzjonali tal-futsal ħa sehem f'numru sostanzjali ta' kampijiet ta' taħriġ u 10 logħbiet ta' ħbiberija bi tħejjija għall-fażi finali ta' kwalifikazzjoni tal-FIFA Futsal World Cup 2024 fin-Norveġja (Grupp Ċ). L-impenn biex it-tim nazzjonali jipprepara bl-aħjar mod possibbli minkejja d-diffikultajiet inizjali relatati mal-COVID-19 huwa parti minn ħidma kollettiva biex inżiedu l-parteċipazzjoni u l-popolarità tal-futsal f'Malta filwaqt li dejjem insaħħu l-bażi fost iż-żgħażagħ u grassroots għaliex dan huwa kruċjali biex il-livelli jkomplu jitjibu.**

Fit-tournament ta' kwalifikazzjoni li sar fin-Norveġja, it-tim nazzjonali, immexxi mill-coach Zeljko Anicic, rebaħ l-ewwel punt f'partita kompetittiva fil-fażi ta' kwalifikazzjoni għat-Tazza tad-Dinja wara draw ta' 2-2 kontra Ċipru. Il-gowls tat-tim nazzjonali Malti kienu skorjati minn Karl Sciortino and Giancarlo Sammut.

Il-kampijiet ta' taħriġ tat-tim nazzjonali saru f'dawn il-perjodi:

| | |
|---|---|
| **1** | mis-26 sal-31 ta' Lulju, 2021 |
| **2** | mit-23 sat-30 ta' Awwissu, 2021 |
| **3** | mis-27 sat-30 ta' Settembru, 2021 |
| **4** | mill-11 sat-12 ta' Novembru, 2021 |
| **5** | mit-8 sal-10 ta' Marzu, 2022 |
| **6** | mit-28 ta' Marzu sat-3 ta' April, 2022 |

## PARTITI TA' ĦBIBERIJA

| **Tournament f'Porec (Kroazja)<br>mill-1 sal-5 ta' Settembru 2021** | | |
|---|---|---|
| 1 ta' Settembru, 2021 | vs Arabja Sawdija | 0-6 |
| 2 ta' Settembru, 2021 | vs Montenegro U-19 | 5-2 |
| 3 ta' Settembru, 2021 | vs San Marino | 1-0 |
| 5 ta' Settembru, 2021 | vs Solomon Islands | 1-3 |



**It-tim nazzjonali tal-futsal lagħab numru kbir ta' partiti matul l-istaġun 2021-22.**



Malta rebħet l-ewwel punt f'partita fil-fażi ta' kwalifikazzjoni għat-Tazza tad-Dinja wara draw ta' 2-2 kontra Ċipru.

| **Partiti ta' ħbiberija kontra Andorra (f'Malta)** | | |
|---|---|---|
| 1 ta' Ottubru, 2021 | vs Andorra | 2-2 |
| 2 ta' Ottubru, 2021 | vs Andorra | 4-4 |

| **Partiti ta' ħbiberija kontra Andorra (barra minn darna)** | | |
|---|---|---|
| 15 ta' Novembru, 2021 | vs Andorra | 0-5 |
| 16 ta' Novembru, 2021 | vs Andorra | 1-2 |

| **Partiti ta' ħbiberija kontra l-Estonja (f'darna)** | | |
|---|---|---|
| 11 ta' Marzu, 2022 | vs Estonja | 1-4 |
| 12 ta' Marzu, 2022 | vs Estonja | 0-4 |

| **Round Preliminari tal-Futsal World Cup 2024** | | |
|---|---|---|
| **Grupp Ċ** | | |
| 6 ta' April, 2022 | MD1 vs Danimarka | 0-8 |
| 7 ta' April, 2022 | MD2 vs Norveġja | 1-9 |
| 9 ta' April, 2022 | MD 3 vs Ċipru | 2-2 |

## L-IŻVILUPP TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

Żewġ skwadri, dawk tal-2005 u tal-2006, matul dan l-istaġun attendew għall-kampijiet ta' taħriġ perjodiċi biex jiġi żviluppat aktar it-tim nazzjonali tal-futsal U-19. L-għan huwa li dawn l-iskwadri jiġu ppreparati biex jipparteċipaw fir-round preliminari tal-UEFA U-19 tal-futsal l-istaġun li ġej, għalkemm se jkunu sena taħt l-età kompetittiva.

L-iskwadra nazzjonali 2005 – Total ta' ħames kampijiet ta' taħriġ:

| | |
|---|---|
| **1** | mit-18 sal-20 ta' Awwissu, 2021 |
| **2** | mis-26 sas-27 ta' Ottubru, 2021 |
| **3** | mill-21 sat-23 ta' Diċembru, 2021 |
| **4** | mill-15 sas-17 ta' Frar, 2022 |
| **5** | mid-19 sal-21 ta' April, 2022 |

L-iskwadra nazzjonali 2006 – Total ta' tliet kampijiet ta' taħriġ:

| | |
|---|---|
| **1** | mit-23 sal-24 ta' Frar, 2022 |
| **2** | mit-23 sal-24 ta' Marzu, 2022 |
| **3** | mis-27 sat-28 ta' April, 2022 |

## KAMPJONAT UNDER-16

L-istaġun tal-futsal fil-kategorija ta' taħt is-16-il sena ngħata bidu nhar it-Tnejn, 25 ta' Ottubru, 2021. Disa' timijiet ipparteċipaw fl-ewwel kampjonat nazzjonali li qatt sar. It-timijiet kienu Balzan, Birkirkara, Mellieħa, Mosta, Pietà Hotspurs, Ħamrun Spartans, San Ġwann, Sliema Wanderers u Naxxar Lions.

Il-logħob kollu ntlagħab fl-Iskola Nazzjonali tal-Isport f'Pembroke. Din kienet inizjattiva pożittiva ħafna biex plejers tal-futbol żgħażagħ jippruvaw għall-ewwel darba l-logħba tal-futsal. Il-plejers u l-coaches kienu entużjasti ħafna u ħerqana biex jaraw l-iżvilupp u l-progress ta' dawn il-plejers.

Il-kampjonat intlagħab b'dan il-format:

| | |
|---|---|
| **Fażi 1** | Round robin b'36 logħba sat-28 ta' Frar, 2022. |
| **Fażi 2** | It-timijiet ġew maqsuma f'żewġ gruppi (Championship u Challenge) skont il-pożizzjoni tagħhom wara l-logħob tal-ewwel fażi. |

Fit-tieni fażi, il-logħbiet saru fuq bażi round-robin b'kull tim jilgħab erba' partiti fiċ-Championship Pool filwaqt li kull tim fiċ-Challenge Group lagħab tliet logħbiet għal total ta' 16-il logħba.

Pożizzjonijiet tat-timijiet wara l-ewwel fażi:

| **Championship Pool** |
|---|
| 1. Birkirkara; 2. Mosta; 3. Ħamrun Spartans; 4. Sliema Wanderers; 5. San Ġwann |

| **Challenge Pool** |
|---|
| 6. Balzan; 7. Naxxar Lions; 8. Pietà Hotspurs; 9. Mellieħa. |

| **Fażi Finali** |
|---|
| Seba' partiti ntlagħbu fil-fażi finali skont il-grupp rispettiv tagħhom. |

## CHAMPIONSHIP POOL

Ir-rebbieħa tal-ewwel kampjonat U-16 komplut huma Sliema Wanderers FC li għelbu l-isfida ta' Mosta FC 8-2 fil-finali.

## CHALLENGE GROUP

Ir-rebbieħa ta' din il-kategorija kienu Balzan FC wara li għelbu lil San Ġwann FC 6-2.

| | |
|---|---|
| **59** | total ta' partiti fil-Kampjonat Futsal U-16 2021-22 |

## UNURI INDIVIDWALI

| | |
|---|---|
| L-ewwel plejer femminili tal-futsal | Angele Fenech (Mellieħa SC) |
| Gender Equality Award | Mellieħa SC |
| L-Aqwa Skorer | Noah Farrugia (Balzan FC) 28 gowl |
| L-Aqwa Goalkeeper | Andrej Trajkoski (Balzan FC) |
| L-Aqwa Plejer | Isaac Vella (Birkirkara FC) |

## AKKADEMJA TAL-FUTSAL

L-Akkademja tal-Futsal ġiet organizzata biex ikollha bażi ta' żvilupp u kontinwità għall-għażla tat-timijiet nazzjonali l-oħra.

Il-gruppi ta' etajiet għall-istaġun 2021-2022 kienu dawn li ġejjin:

| Żgħażagħ imwielda fl-2007 u 2009 |
|---|

L-akkademja segwiet dan il-proċess:

| |
|---|
| Bidu tal-għażla matul ix-xahar ta' Ottubru sa Diċembru, 2021 |
| Is-sessjonijiet ta' taħriġ saru mill-11 ta' Jannar sal-1 ta' Ġunju, 2022 |
| Sessjonijiet - 20 għal kull age-group |
| Coaches – Erbgħa flimkien mal-coach tal-goalkeepers |
| Ix-xogħol tal-akkademja kien immexxi minn kordinatur |



**Sliema Wanderers rebħu l-Kampjonat Futsal U-16 wara li għelbu lil Mosta fil-finali.**




L-interess fil-beach soccer qed jikber b'mod kostanti.

## ATTIVITAJIET TAL-BEACH SOCCER

Matul is-sajf li għadda saru attivitajiet tal-beach soccer f'kategoriji differenti wara waqfa ta' tmien snin. Il-Malta Beach Soccer Association organizzat il-kampjonat mis-17 ta' Ġunju sal-24 ta' Lulju bil-parteċipazzjoni ta' disa' timijiet.

Il-Forzi Armati ta' Malta ġew dikjarati champions wara li rebħu l-finali kontra Birżebbuġa.

Matul ix-xahar ta' Lulju 2021 ġew organizzati attivitajiet għal tliet age groups differenti:

| | | |
|---|---|---|
| **Nisa** | **U-16** | (mis-6 sal-10 ta' Lulju) |
| | Ħames timijiet | |
| Birkirkara (2), San Ġwann, Swieqi United, Mtarfa | | |

| | | |
|---|---|---|
| **Irġiel** | **U-15** | (mit-12 sas-17 ta' Lulju) |
| | Tmien timijiet | |
| Birkirkara, Birżebbuġa, Floriana, Marsaskala, Qormi, Swieqi United, Tarxien Rainbows, Valletta. | | |

| | | |
|---|---|---|
| **Irġiel** | **U-17** | (mid-19 sal-24 ta' Lulju) |
| | Tmien timijiet | |
| Birkirkara, Tarxien Rainbows, Mellieħa, Qormi, Swieqi United, Tarxien Rainbows (2), WEST | | |

| **Unuri Individwali – Nisa U-16** | |
|---|---|
| L-Aqwa Skorer | Lexine Farrugia (Birkirkara Reds FC) |
| L-Aqwa Goalkeeper | Chanelle Borg (Swieqi FC) |
| L-Aħjar Plejer | Erika Muscat (Birkirkara Reds FC) |

| **Unuri Individwali – Irġiel U-15** | |
|---|---|
| L-Aqwa Skorer | Craig Jean Deguara (Marsaskala FC) |
| L-Aqwa Goalkeeper | Loris Micallef (Birkirkara FC) |
| L-Aħjar Plejer | Eslam El Nassar (Qormi FC) |

| **Unuri Individwali – Irġiel U-17** | |
|---|---|
| L-Aqwa Skorer | Kaiden Fenech (Birkirkara FC) |
| L-Aqwa Goalkeeper | Christian Ciantar (Tarxien FC) |
| L-Aħjar Plejer | Jake Mula (Qormi FC) |

## IT-TIM NAZZJONALI TAL-BEACH SOCCER

It-tim nazzjonali uffiċjali tal-beach soccer ġie magħżul biex jipparteċipa fl-avvenimenti tal-BSWW li ser isiru aktar tard dan ix-xahar bejn is-27 u l-31 ta' Lulju.

Il-coach nazzjonali, it-Taljan Marco Casarsa li għandu esperjenza vasta f'dan l-isport, inħatar biex iħejji l-iskwadra bl-aħjar mod possibbli fi żmien qasir. Għal din ir-raġuni, ġew ippjanati erba' kampijiet ta' taħriġ bejn ix-xhur ta' Mejju u Lulju 2022.




Marco Casarsa inħatar coach nazzjonali tal-beach soccer.

# Messaġġ tal-President



Ħbieb tal-futbol,

Dan l-istaġun kalċistiku għal darb'oħra beda b'numru ta' restrizzjonijiet li ġabet magħha l-pandemija, iżda mill-ewwel ġurnata l-objettiv aħħari ta' kulħadd kien dak li l-Kampjonat Nazzjonali u l-kompetizzjonijiet kollha l-oħra fil-livell tal-irġiel, nisa u tat-tfal isiru kollha kif ippjanati u l-eżiti jingħataw abbażi tal-prestazzjonijiet u r-riżultati fuq il-pitch. Finalment dan kien l-ewwel staġun minn tlieta minn meta din l-amministrazzjoni tal-Malta FA bdiet tmexxi lill-Assoċjazzjoni, li ngħalaq staġun sħiħ tal-futbol mingħajr il-bżonn tal-ebda tmiem bikri u straordinarju hekk kif seħħ fiż-żewġ staġuni preċedenti. Aspett pożittiv ieħor kien dak tar-ritorn tal-partitarji lejn l-aħħar tal-istaġun fejn tneħħew għal kollox ir-restrizzjonijiet u b'hekk kulħadd ingħata lura d-dritt li jattendi fl-istadia madwar Malta u Għawdex.

Iżda l-istaġun tal-futbol kompla jġib miegħu diversi sfidi kemm għall-Assoċjazzjoni u kif ukoll għall-klabbs u l-assoċjazzjonijiet membri speċjalment mil-lat finanzjarju u kien għalhekk li l-Assoċjazzjoni kellha tirrikorri għal pjan ta' rkupru finanzjarju biex id-defiċit tal-aħħar sentejn ikun irkuprat bi pjan diliġenti li permezz tiegħu l-Malta FA tkun tista' tirrevedi l-pjan ta' ħidma mingħajr ma tonqos minn dawk li huma t-tragwardi imposti mill-istrateġija, speċjalment fejn jidħlu l-proġetti tekniċi u l-għajnuna permezz tal-inċentivi finanzjarji għall-klabbs u l-assoċjazzjonijiet membri.

Mill-parti amministrattiva, tħaddem għall-ewwel darba Statut ġdid, bidliet fir-rappreżentanza, regolamenti, proċessi u proċeduri ġodda, fejn is-separazzjoni tal-poteri, id-definizzjonijiet tad-drittijiet u l-obbligi u l-indikazzjonijiet tar-responsabbilitajiet u l-kompetenzi, immarkaw razzjonalizzazzjoni ferm aħjar. Għalhekk l-impenn

baqa' wieħed rikorrenti, fejn l-Assoċjazzjoni kompliet bir-riforma tal-governanza u grazzi għall-intervent ta' msieħba varji, kien konkluż id-dokument finali tar-regolamenti tal-liċenzjar tal-klabbs. Aktar innovitajiet li kienu studjati fix-xhur li għaddew u li issa se jkunu implimentati fl-istaġun il-ġdid jinkludu wkoll l-abbozz ta' regolamenti dwar l-AML (Anti-Money Laundering) li ddaħħlu proprju biex jissalvagwardjaw lil dawk kollha li jaħdmu fil-futbol lokali u biex jipproteġu l-industrija tal-futbol minn persuni u infiltrazzjonijiet mhux mixtieqa. B'hekk l-Malta FA saret l-ewwel organizzazzjoni sportiva fil-pajjiż li ħolqot obligazzjonijiet regolatorji ta' dan it-tip biex tagħmel ċert li l-operat fil-futbol ma jkunx espost għall-ebda riskju.

Mill-aspett sportiv ix-xogħol kbir li sar fiċ-Ċentru Tekniku u permezz tal-Fondazzjoni Inħobb il-Futbol se jkompli jwitti l-perkors biex it-timijiet nazzjonali jingħataw filosofija ta' logħba unifikata. Dan qed isir biex il-futbol tagħna jikber fl-iżvilupp kemm f'Ta' Qali iżda wkoll fl-irħula u fiċ-ċentri kollha f'Malta u Għawdex bil-klabbs tagħna jippromwovu l-logħba tal-ballun u, flimkien mal-Assoċjazzjoni isostnu l-futbol skont il-pjan strateġiku.

Intant matul l-istaġun 2021-22 komplew jintlaħqu diversi miri li sabu posthom fl-ewwel strateġija li qatt ippreżentat l-Assoċjazzjoni. Fost dawn wieħed ma jistax ma jsemmix proġett infrastrutturali ewlieni jiġifieri dak tar-rinnovazzjoni tat-Training Grounds f'Ta' Qali, liema proġett tlesta fil-bidu tal-istaġun u li nfetaħ mill-President tal-UEFA, Aleksander Ceferin. Mument ieħor ta' importanza wasal fix-xahar ta' April meta l-Malta FA nediet identità korporattiva ġdida u kif ukoll marka li tissimbolizza lil pajjiżna, b'logos distinti għall-Assoċjazzjoni u għat-timijiet nazzjonali. Fl-istess perjodu nbidel il-fornitur tal-ilbies sportiv tat-timijiet nazzjonali tant li f'Mejju kien ippreżentat il-kit il-ġdid kemm għal-logħbiet home u ieħor għal-logħbiet away. B'hekk il-Malta FA u t-timijiet nazzjonali li jirrappreżentawha ngħataw dehra kompletament friska u ġdida li tawgura tajjeb għall-immaġni u l-perċezzjoni tal-pubbliku sportiv fil-konfront tal-Malta FA u l-prodott futbol li tirrappreżenta. Biex ikompli jissaħħaħ l-influss ta' komunikazzjoni, tnediet ukoll website ġdida aktar moderna li tilħaq l-objettivi differenti li l-Assoċjazzjoni jista' jkollha, fosthom riżultati live tal-kompetizzjonijiet kollha organizzati mill-Malta FA.

Dan id-dokument jiġbor il-ħidma kollha li saret mill-Assoċjazzjoni u l-istrutturi tagħha fejn huwa evidenti li l-Malta FA ma żammitx lura milli tkompli tixpruna l-bidla li tant hemm bżonn biex ikompli jsir progress li finalment jimpatta fuq il-prestazzjonijiet u r-riżultati fil-futbol Malti.

Għaldaqstant GRAZZI lil dawk kollha li kellhom involviment dirett jew indirett fil-ħidma tal-Assoċjazzjoni, kemm fil-mumenti tad-deċiżjonijiet iebsa li kellhom bżonn jittieħdu u wkoll fil-mumenti sbieħ li pproduċa dan l-istaġun li għadu kif spiċċa.

**Bjorn Vassallo**
President

# Annessi

## Laqgħat tal-Bord Eżekuttiv tal-Malta FA – 2021-2022

| | | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 5 | 6 | 7 | 8 | 9 | 10 | 11 | 12 | 13 | 14 | 15 | 16 | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | 27 ta' Lulju, 2021 | 17 ta' Awwissu, 2021 | 19 ta' Ottubru, 2021 | 29 ta' Ottubru, 2021 | 7 ta' Diċembru, 2021 | 16 ta' Diċembru, 2021 | 24 ta' Diċembru, 2021 | 3 ta' Jannar, 2022 | 12 ta' Jannar, 2022 | 8 ta' Frar, 2022 | 8 ta' Marzu, 2022 | 24 ta' Marzu, 2022 | 5 ta' April, 2022 | 7 ta' April, 2022 | 17 ta' Mejju, 2022 | 31st May, 2022 | | Preżenti | Skużati | Assenti | **TOTAL** |
| President | Bjorn Vassallo | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | | 16 | 0 | 0 | **16** |
| S/Vice-President | Micallef Ludovico A&CE | P | P | P | S | P | S | S | P | P | P | P | A | P | S | S | P | | 10 | 5 | 1 | **16** |
| Vice-President | Paris Matthew Dr | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | | 16 | 0 | 0 | **16** |
| Vice-President | Adrian Casha | P | P | P | S | P | P | P | P | P | P | P | P | P | S | P | P | | 14 | 2 | 0 | **16** |
| Treasurer | Mizzi Ivan | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | | 16 | 0 | 0 | **16** |
| General Secretary | Chetcuti Angelo Dr | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | | 16 | 0 | 0 | **16** |
| Member | Abdilla David | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | A | S | | 14 | 1 | 1 | **16** |
| Member | Abela Jesmond | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | A | P | P | A | P | P | | 14 | 0 | 2 | **16** |
| Member | Aquilina Lawrence | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | | 16 | 0 | 0 | **16** |
| Member | Azzopardi Samuel, Dr | A | S | P | A | P | P | A | P | P | P | A | A | A | A | A | A | | 6 | 1 | 9 | **16** |
| Member | Borg Dione | P | P | P | S | P | P | P | P | P | A | A | A | A | A | A | A | | 8 | 1 | 7 | **16** |
| Member | Borg Godfrey | P | P | P | P | P | P | P | P | A | P | P | A | A | A | P | P | | 12 | 0 | 4 | **16** |
| Member | Borg Mark | P | P | A | P | P | A | P | P | P | P | A | P | P | P | P | P | | 13 | 0 | 3 | **16** |
| Member | Camilleri Robert John | P | P | P | A | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | | 15 | 0 | 1 | **16** |
| Member | Cassar Victor | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | A | S | P | | 14 | 1 | 1 | **16** |
| Member | Costantino Kenneth | S | P | S | A | A | A | P | P | P | S | A | A | A | A | A | A | | 4 | 3 | 9 | **16** |
| Member | Cutajar Patrick | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | | 16 | 0 | 0 | **16** |
| Member | Grech Chris | P | P | A | P | P | P | A | P | P | A | A | A | P | P | A | P | | 10 | 0 | 6 | **16** |
| Member | Greenland Cory, Dr | P | P | P | P | P | P | P | P | S | P | P | A | P | A | S | P | | 12 | 2 | 2 | **16** |
| Member | Mamo Carlo | P | P | P | P | P | P | A | P | P | P | P | P | P | A | P | P | | 14 | 0 | 2 | **16** |
| Member | Martinelli Claudio | P | P | P | P | P | A | A | P | P | P | P | P | A | P | P | P | | 13 | 0 | 3 | **16** |
| Member | Micallef Robert | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | | 16 | 0 | 0 | **16** |
| Member | Muscat Francis | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | | 16 | 0 | 0 | **16** |
| Member | Rocco Stephanie | P | P | P | P | P | P | P | P | S | P | P | P | P | A | P | P | | 14 | 1 | 1 | **16** |
| Member | Sammut Joseph | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | A | P | P | P | P | | 15 | 0 | 1 | **16** |
| Member | Vella Stefan | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | | 16 | 0 | 0 | **16** |

P – Preżenti / S – Skużat / A – Assenti

## Skema għall-iżvilupp ta' plejers żgħażagħ

L-għan ta' din l-iskema huwa li l-Assoċjazzjoni tħeġġeġ lill-klabbs jagħtu aktar ħin ta' logħob u opportunitajiet lill-plejers żgħażagħ homegrown li huma eliġibbli jilagħbu mat-timijiet nazzjonali. Il-klabbs jirċievu inċentivi finanazjarji għal kull dehra minn plejers żgħażagħ mal-iskwadra prinċipali. Għall-istaġun 2021-22, total ta' €111,000 tqassmu minn din l-iskema bejn id-diviżjonijiet kollha.

### Kampjonat BOV Premier

| Klabb | Dehriet | Ammont | Ammont Massimu |
|---|---|---|---|
| Balzan | 20 | €5,000 | - |
| Birkirkara | 27 | €6,750 | - |
| Floriana | 35 | €8,750 | - |
| Gudja United | 1 | €250 | - |
| Gżira United | 4 | €1,000 | - |
| Ħamrun Spartans | 1 | €250 | - |
| Hibernians | 9 | €2,250 | - |
| Mosta | 16 | €4,000 | - |
| Santa Lucia | 5 | €1,250 | - |
| Sirens | 26 | €6,500 | - |
| Sliema Wanderers | 18 | €4,500 | - |
| Valletta | 32 | €8,000 | - |

### Kampjonat BOV Challenge A

| Klabb | Dehriet | Ammont | Ammont Massimu |
|---|---|---|---|
| Lija Athletic | 2 | €300 | - |
| Marsaxlokk | - | - | - |
| Melita | 43 | €6,450 | €5,000 |
| Mqabba | 36 | €5,400 | €5,000 |
| Naxxar Lions | - | - | - |
| Pembroke Athleta | - | - | - |
| Rabat Ajax | 2 | €300 | - |
| San Ġwann | 74 | €11,100 | €5,000 |
| St George's | - | - | - |
| Vittoriosa Stars | 13 | €1,950 | - |
| Żejtun Corinthians | 1 | €150 | - |

### Kampjonat BOV Challenge B

| Klabb | Dehriet | Ammont | Ammont Massimu |
|---|---|---|---|
| Fgura United | - | - | - |
| Luqa St Andrew's | 20 | €3,000 | - |
| Marsa | - | - | - |
| Mġarr United | 17 | €2,550 | - |
| Pietà Hotspurs | 65 | €9,750 | €5,000 |
| Qrendi | - | - | - |
| St Andrew's | 8 | €1,200 | - |
| Senglea Athletic | 1 | €150 | - |
| Swieqi United | 9 | €1,350 | - |
| Tarxien Rainbows | - | - | - |
| Żebbuġ Rangers | 2 | €300 | - |

### Kampjonat Amateur A

| Klabb | Dehriet | Ammont | Ammont Massimu |
|---|---|---|---|
| Attard | 10 | €1,500 | - |
| Siġġiewi | 4 | €600 | - |
| Ta' Xbiex | 1 | €150 | - |
| Dingli Swallows | 7 | €1,050 | - |
| Birżebbuġa St Peter's | 1 | €150 | - |
| Msida St Joseph | 9 | €1,350 | - |
| Għargħur | 22 | €3,300 | - |
| Xgħajra Tornados | 9 | €1,350 | - |
| Għaxaq | 19 | €2,850 | - |
| Kalkara United | 1 | €150 | - |

### Kampjonat Amateur B

| Klabb | Dehriet | Ammont | Ammont Massimu |
|---|---|---|---|
| Kirkop United | 22 | €3,300 | - |
| Marsaskala | - | - | - |
| Mellieħa | 29 | €4,350 | €4,000 |
| Mdina Knights | - | - | - |
| Mtarfa | 3 | €450 | - |
| Qormi | 65 | €9,750 | €4,000 |
| Santa Venera Lightnings | 42 | €6,300 | €4,000 |
| Żabbar St Patrick | 19 | €2,850 | - |
| Żurrieq | 1 | €150 | - |

### Ammonti totali għal kull diviżjoni

| Divison | Total Amount |
|---|---|
| BOV Premier League | €48,500 |
| BOV Challenge League | €31,250 |
| BOV Amateur League | €31,200 |

# Lista ta' regolamenti ġodda jew li ġew emendati matul l-istaġun 2021-2022

**SECTION I (The Statute)**

| | |
|---|---|
| Definitions | EGM 26.07.21 |
| General Provisions | EGM 26.07.21 |
| Membership (Il-Malta Football Players Association, Veterans Malta Football Association, GIDA and Swan ingħataw sħubija diretta fil-Malta FA. South End Core jingħataw status ta' osservaturi fl-Assemblea Generali). | EGM 26.07.21 |
| Delegates | EGM 26.07.21 |
| Good Governance | EGM 26.07.21 |
| Code of Ethics | EGM 26.07.21 |
| Female Participation | EGM 26.07.21 |
| Boards and Committees | EGM 26.07.21 |
| Bodies of the Association (il-Bureau, il-Kunsill u l-Kumitat Ezekuttiv ġew aboliti u sostitwiti b'Bord Eżekuttiv ġdid magħmul minn 24 individwu elett.) | EGM 26.07.21 |
| General Assemblies (ikun hemm tliet Assemblej Ġenerali li jindirizzaw temi differenti) | EGM 26.07.21 |
| Representation (MFCA, MFRA, Women's Football, Gozo FA, Youth FA, Futsal u Beach Soccer huma rappreżentati direttament fi ħdan il-Bord Eżekuttiv) | EGM 26.07.21 |
| Force Majeure | EGM 26.07.21 |
| Separation of Powers | EGM 26.07.21 |
| Motion of the District Football Leagues on withdrawal of its membership with the MFA | EGM 26.07.21 |

**SECTION IV (Regulations on the Status and Transfer of Players)**

| | | |
|---|---|---|
| FIFA's New Loan Regulations | | 17.05.22 |
| 3.1.3, 4.8.1, 4.8.2 | Inclusion of reference to Inħobb il-Futbol Foundation | 17.05.22 |
| 5.3.2 | Automatic deregistration of players – removal of reference to Article 79 of the old Malta FA Statute | 17.05.22 |

**SECTION V (Competition Rules)**

| | | |
|---|---|---|
| Limits of the registration of non-homegrown players for National League Clubs, Section V (5) Article 9A | | 27.07.21 |
| 49 | Racist behaviour during matches | 17.08.21 |
| 3(iv) | Powers of the Executive Board in its management of competitiions | 17.05.22 |
| 9B | Squad Lists | 31.05.22 |
| 9B | Squad Lists | 30.06.22 |

**SECTION VII (Rules Governing the National League of the Malta Football Association)**

| | | |
|---|---|---|
| Motion on the composition of the National League following the premature termination of Season 2020/21 | | AGM 21.07.21 |
| 3 | Composition of the National League | 21.07.21 |
| 7ii | The Challenge League | 21.07.21 |
| 7iii | The National Amateur League | 21.07.21 |
| 3(iii) | Eligibility of Players in Youth Competitions – limitation of playing time in Youth League following appearance at senior level | 17.05.22 |
| 4(ii) | The Challenge League | 31.05.22 |
| 6i | (Futsal National League) Yellow Cards | 31.05.22 |
| Graphical representation of the FMA League Competition Format in the 2022/23 season | | 31.05.22 |

**SECTION IX (Disciplinary Code)**

| | | |
|---|---|---|
| 4 (l) (b) | Discriminatory Behaviour – introducing mitigating factors to safeguard Member Clubs | 17.05.22 |
| Head Injury Procedure | | 17.05.22 |

**SECTION XIII (Rules Governing Member Clubs)**

| | | |
|---|---|---|
| Introduction of rules for better governance in Clubs and to counter financial crime | | 17.05.22 |
| MFA Licensing and Financial Fair Play Regulations applicable to all Member Clubs participating in the National League of the Association | | 31.05.22 |
| 7 | The Powers, Composition and Duties of the Members Clubs Licensing Board | 31.05.22 |
| 8 | The Powers, Composition and Duties of the Appeals Board | 31.05.22 |
| 9 | The licence | 31.05.22 |
| 11 | Catalogue of Sanctions | 31.05.22 |
| 12 | The Licensing Procedural Steps (Core Process) | 31.05.22 |
| 19 | Professional Status | 31.05.22 |
| 20 | Semi-Professional Status | 31.05.22 |
| 22 | Amateur Status | 31.05.22 |
| 23 | Obligatory Status of Licence for Taking Part in Domestic Competitions | 31.05.22 |
| 24 | Legal Criteria | 31.05.22 |

**Schedule I, Legal Criteria for Member Clubs**

| | | |
|---|---|---|
| 2. | Annual General Meeting | 31.05.22 |
| 3. | Extraordinary General Meetings | 31.05.22 |
| 4. | Member Clubs' Management Committee | 31.05.22 |
| 6. | Financial Loans and other Financial Obligations of Member Clubs | 31.05.22 |

**SECTION XV (Association Football Coaches)**

| | |
|---|---|
| Certified and licensed Match Analyst Article 8 (i) (c) (IV) | 27.07.21 |
| Technical Director (15) Article 12 (iv) | 27.07.21 |
| Nomenclature of qualifications | 30.06.22 |

# Klassifiċi tal-kompetizzjonijiet domestiċi

| BOV Premier League – Top 6 – 2021-2022 | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Pos.** | **Club** | **MP** | **W** | **D** | **L** | **GF** | **GA** | **Pts** |
| 1. | Hibernians | 27 | 15 | 9 | 3 | 46 | 23 | **54** |
| 2. | Floriana | 27 | 14 | 9 | 4 | 38 | 21 | **51** |
| 3. | Ħamrun Spartans | 27 | 13 | 6 | 8 | 33 | 24 | **45** |
| 4. | Gżira United | 27 | 12 | 7 | 8 | 46 | 38 | **43** |
| 5. | Birkirkara | 27 | 10 | 11 | 6 | 35 | 27 | **41** |
| 6. | Gudja United | 27 | 10 | 2 | 15 | 29 | 35 | **32** |

| BOV Premier League – Play-Out – 2021-2022 | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Pos.** | **Club** | **MP** | **W** | **D** | **L** | **GF** | **GA** | **Pts** |
| 1. | Valletta | 27 | 10 | 6 | 11 | 39 | 40 | **36** |
| 2. | Sirens | 27 | 9 | 7 | 11 | 40 | 48 | **34** |
| 3. | Mosta | 27 | 8 | 8 | 11 | 41 | 50 | **32** |
| 4. | Balzan | 27 | 9 | 3 | 15 | 37 | 42 | **30** |
| 5. | Santa Lucia | 27 | 5 | 12 | 10 | 36 | 45 | **27** |
| 6. | Sliema Wanderers | 27 | 4 | 6 | 17 | 16 | 43 | **18** |

| BOV Challenge League – Group A – 2021-2022 | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Pos.** | **Club** | **MP** | **W** | **D** | **L** | **GF** | **GA** | **Pts** |
| 1. | Pembroke Athleta | 20 | 14 | 6 | 0 | 49 | 16 | **48** |
| 2. | Marsaxlokk | 20 | 13 | 2 | 5 | 40 | 22 | **41** |
| 3. | Żejtun Corinthians | 20 | 12 | 4 | 4 | 44 | 24 | **40** |
| 4. | Naxxar Lions | 20 | 12 | 1 | 7 | 37 | 22 | **37** |
| 5. | Melita | 20 | 10 | 3 | 7 | 28 | 22 | **33** |
| 6. | San Ġwann | 20 | 8 | 6 | 6 | 38 | 22 | **30** |
| 7. | Lija Athletic | 20 | 8 | 4 | 8 | 39 | 37 | **28** |
| 8. | Mqabba | 20 | 5 | 5 | 10 | 29 | 41 | **20** |
| 9. | Vittoriosa Stars | 20 | 5 | 1 | 14 | 23 | 61 | **16** |
| 10. | Rabat Ajax | 20 | 3 | 4 | 13 | 20 | 42 | **13** |
| 11. | St. George's | 20 | 1 | 2 | 17 | 13 | 51 | **5** |

| BOV Challenge League – Group B – 2021-2022 | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Pos.** | **Club** | **MP** | **W** | **D** | **L** | **GF** | **GA** | **Pts** |
| 1. | Żebbuġ Rangers | 20 | 14 | 3 | 3 | 46 | 15 | **45** |
| 2. | Pietà Hotspurs | 20 | 12 | 4 | 4 | 39 | 19 | **40** |
| 3. | Tarxien Rainbows | 20 | 10 | 8 | 2 | 45 | 24 | **38** |
| 4. | Marsa (-2) | 20 | 10 | 5 | 5 | 35 | 22 | **33** |
| 5. | Fgura United | 20 | 9 | 4 | 7 | 35 | 27 | **31** |
| 6. | St. Andrews | 20 | 8 | 4 | 8 | 36 | 30 | **28** |
| 7. | Qrendi | 20 | 7 | 3 | 10 | 30 | 37 | **24** |
| 8. | Swieqi United | 20 | 5 | 9 | 6 | 21 | 29 | **24** |
| 9. | Senglea Athletic | 20 | 4 | 3 | 13 | 24 | 50 | **15** |
| 10. | Mġarr United | 20 | 3 | 5 | 12 | 11 | 36 | **14** |
| 11. | Luqa St. Andrew's | 20 | 2 | 4 | 14 | 9 | 42 | **10** |

| National Amateur League – Group A – 2021-2022 | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Pos.** | **Club** | **MP** | **W** | **D** | **L** | **GF** | **GA** | **Pts** |
| 1. | Attard (-9) | 18 | 16 | 2 | 0 | 46 | 3 | **41** |
| 2. | Għargħur | 18 | 8 | 7 | 3 | 24 | 12 | **31** |
| 3. | Birżebbuġa St.Peter's | 18 | 8 | 6 | 4 | 21 | 12 | **30** |
| 4. | Kalkara United | 18 | 8 | 4 | 6 | 31 | 19 | **28** |
| 5. | Msida St.Joseph | 18 | 6 | 8 | 4 | 23 | 23 | **26** |
| 6. | Xgħajra Tornados | 18 | 7 | 3 | 8 | 28 | 29 | **24** |
| 7. | Għaxaq | 18 | 5 | 2 | 11 | 22 | 33 | **17** |
| 8. | Siġġiewi | 18 | 3 | 6 | 9 | 18 | 37 | **15** |
| 9. | Ta' Xbiex | 18 | 3 | 4 | 11 | 18 | 44 | **13** |
| 10. | Dingli Swallows | 18 | 2 | 6 | 10 | 19 | 38 | **12** |

| National Amateur League – Group B – 2021-2022 | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Pos.** | **Club** | **MP** | **W** | **D** | **L** | **GF** | **GA** | **Pts** |
| 1. | Żurrieq | 16 | 12 | 3 | 1 | 36 | 10 | **39** |
| 2. | Marsaskala | 16 | 12 | 2 | 2 | 29 | 11 | **38** |
| 3. | Żabbar St.Patrick | 16 | 11 | 2 | 3 | 42 | 15 | **35** |
| 4. | Mtarfa | 16 | 11 | 1 | 4 | 29 | 24 | **34** |
| 5. | Mdina Knights | 16 | 6 | 0 | 10 | 14 | 27 | **18** |
| 6. | Mellieħa | 16 | 4 | 1 | 11 | 16 | 31 | **13** |
| 7. | Kirkop United | 16 | 3 | 2 | 11 | 14 | 26 | **11** |
| 8. | Qormi | 16 | 2 | 4 | 10 | 14 | 32 | **10** |
| 9. | Sta.Venera Lightnings | 16 | 2 | 3 | 11 | 13 | 31 | **9** |

# Play-Offs u klassifiċi tal-kompetizzjonijiet domestiċi

**National Amateur League – Deciders and Play-Offs – Season 2021-2022**

